16.4.2024 A9-0234/ 001-297

**EMENDI 001-297**
mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

**Rapport**
**Evin Incir, Frances Fitzgerald** **A9-0234/2023**
Il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika

Proposta għal direttiva (COM(2022)0105 – C9-0058/2022 – 2022/0066(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) ***u (2)*** tiegħu, |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipprovdi qafas komprensiv sabiex ***tiġi miġġielda b'mod effettiv*** il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika madwar l-Unjoni. Dan tagħmlu billi ssaħħaħ u tintroduċi miżuri fl-oqsma li ġejjin: id-definizzjoni ta' reati u ta' pieni kriminali | (1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipprovdi qafas komprensiv sabiex il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ***jiġu prevenuti u miġġielda b'mod effettiv*** madwar l-Unjoni. Dan tagħmlu billi ssaħħaħ u tintroduċi miżuri fl-oqsma li ġejjin: id-definizzjoni ta' reati u |

| | |
|---|---|
| rilevanti, il-protezzjoni tal-vittmi u l-aċċess għall-ġustizzja, l-appoġġ tal-vittmi, il-prevenzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni. | ta' pieni kriminali rilevanti, il-protezzjoni tal-vittmi u l-aċċess għall-ġustizzja, l-appoġġ ***u l-kumpens*** tal-vittmi***, il-ġbir imtejjeb tad-data***, il-prevenzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nondiskriminazzjoni huma valuri ewlenin tal-Unjoni u ***d-drittijiet*** fundamentali ***stabbiliti***, rispettivament, fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jipperikolaw dawn il-prinċipji stess, u jimminaw id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet għall-ugwaljanza fl-oqsma kollha tal-ħajja. | (2) L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nondiskriminazzjoni huma valuri ewlenin tal-Unjoni u ***drittijiet*** fundamentali ***minquxa***, rispettivament, fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jipperikolaw dawn il-prinċipji stess, u jimminaw id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet għall-ugwaljanza fl-oqsma kollha tal-ħajja ***u jipprevjenu l-avvanz sħiħ tan-nisa, il-bniet u s-soċjetajiet tagħna inġenerali***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ***tikser id-drittijiet*** fundamentali bħad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja u l-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, u d-drittijiet tat-tfal, kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | (3) Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ***jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet*** fundamentali bħad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja u l-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, ***id-dritt għal-libertà u s-sigurtà,*** il-protezzjoni tad-data personali***, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' sess***, u d-drittijiet tat-tfal, kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet |

| | |
|---|---|
| | Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal imġiba kriminali li tammonta għal vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, kif kriminalizzata skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Din tinkludi r-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva, jiġifieri l-istupru, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, ***is-cyberstalking***, il-fastidju ***ċibernetiku***, l-inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza online u l-imġiba kriminali koperta minn strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mid-Direttivi 2011/36/UE[2] u 2011/93/UE[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiddefinixxu reati kriminali li jikkonċernaw l-isfruttament sesswali tat-tfal u t-traffikar tal-bnedmin għall-finijiet ta' sfruttament sesswali. Fl-aħħar nett, ċerti reati kriminali skont il-liġi nazzjonali jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' vjolenza kontra n-nisa. Dan jinkludi reati bħall-femminiċidju, il-fastidju sesswali, l-abbuż sesswali, ***l-insegwiment ta' persuna bil-moħbi***, ***iż-żwieġ bikri u furzat,*** l-abort furzat***, l-isterilizzazzjoni furzata*** u forom differenti ta' vjolenza ċibernetika, bħall-fastidju sesswali online***,*** il-bullying ***ċibernetiku jew ir-riċevuta mhux mitluba ta' materjal sesswalment espliċitu***. Il-vjolenza domestika hija forma ta' vjolenza li tista' tiġi kriminalizzata speċifikament skont il-liġi nazzjonali jew koperta minn reati kriminali li jitwettqu fi ħdan il-familja jew l-unità domestika jew bejn konjuġi preċedenti jew attwali. | (4) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal imġiba kriminali li tammonta għal vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, kif kriminalizzata skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Din tinkludi r-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva, jiġifieri l-istupru, ***l-aggressjoni sesswali,*** il-mutilazzjoni ġenitali femminili***, il-mutilazzjoni ġenitali intersesswali, l-isterilizzazzjoni furzata, iż-żwieġ furzat, il-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol***, il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, ***l-istalking online***, il-fastidju ***online, ir-riċevuta mhux mitluba ta' materjal sesswalment espliċitu***, l-inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza online u l-imġiba kriminali koperta minn strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mid-Direttivi 2011/36/UE[2] u 2011/93/UE[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiddefinixxu reati kriminali li jikkonċernaw l-isfruttament sesswali tat-tfal u t-traffikar tal-bnedmin għall-finijiet ta' sfruttament sesswali. Fl-aħħar nett, ċerti reati kriminali skont il-liġi nazzjonali jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' vjolenza kontra n-nisa. Dan jinkludi reati bħall-femminiċidju, ***il-vjolenza minn sieħeb intimu,*** il-fastidju sesswali, l-abbuż sesswali, ***l-istalking***, l-abort furzat ***bikri, l-isfruttament sesswali permezz tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, il-prevenzjoni ta' terminazzjoni volontarja tat-tqala jew it-tentattiv ta' prevenzjoni tagħha*** u forom differenti ta' vjolenza ċibernetika, bħall-fastidju sesswali online ***jew*** il-bullying ***online***. Il-vjolenza |

domestika hija forma ta' vjolenza li tista' tiġi kriminalizzata speċifikament skont il-liġi nazzjonali jew koperta minn reati kriminali li jitwettqu fi ħdan il-familja jew l-unità domestika jew bejn konjuġi ***jew sħab*** preċedenti jew attwali***, irrispettivament minn jekk ikunux qed jgħixu fl-istess akkomodazzjoni****.* ***Madankollu, sabiex jitlesta bis-sħiħ il-qafas leġiżlattiv biex jiġu indirizzati l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, huwa imperattiv li l-oqsma ta' kriminalità elenkati fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiġu estiżi sabiex jinkludu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru.***

---

Test propost mill-Kummissjoni (noti ta' qiegħ il-paġna):

[2] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu***,*** ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1***-11****.*

[3] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI***,*** ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1***-14****.*

Emenda (noti ta' qiegħ il-paġna):

[2] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu ***(***ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1***)****.*

[3] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ***(***ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1***)****.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-miżuri skont din id-Direttiva tfasslu sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tal-bniet, minħabba li huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-forom ta' vjolenza koperti skont din id-Direttiva, jiġifieri l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. ***Madankollu,*** din id-Direttiva tirrikonoxxi li persuni oħra | (5) Il-miżuri skont din id-Direttiva tfasslu sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tal-bniet, minħabba li huma affettwati b'mod sproporzjonat***, iżda mhux esklużivament,*** mill-forom ta' vjolenza koperti skont din id-Direttiva, jiġifieri l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. ***Skont data tal-*** |

jistgħu wkoll jisfaw vittmi ta' dawn il-forom ta' vjolenza u jenħtieġ li jibbenefikaw mill-miżuri previsti fiha. Għalhekk, it-terminu "vittma" ***għandu*** jirreferi għall-persuni kollha, irrispettivament mis-sess jew mill-ġeneru tagħhom.

***Eurostat tal-2015, disgħa minn kull għaxar vittmi ta' stupru u tmienja minn kull għaxar vittmi ta' aggressjoni sesswali fl-Unjoni kienu nisa. 99 % tal-persuni inkarċerati għal tali reati kienu rġiel.*** Din id-Direttiva tirrikonoxxi li persuni oħra jistgħu wkoll jisfaw vittmi ta' dawn il-forom ta' vjolenza u jenħtieġ li jibbenefikaw mill-miżuri previsti fiha. Għalhekk, it-terminu "vittma" ***jenħtieġ li*** jirreferi għall-persuni kollha, irrispettivament mis-sess jew mill-ġeneru tagħhom.

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom, ***it-tfal*** li jaraw vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika ***jbatu minn*** ħsara emozzjonali diretta, li taffettwa l-iżvilupp tagħhom. Għalhekk, ***tfal*** bħal dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala vittmi u jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni mmirati. | (6) Minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom, ***il-minuri*** li jaraw vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika ***jġarrbu*** ħsara emozzjonali ***u psikoloġika*** diretta, li taffettwa l-iżvilupp tagħhom. Għalhekk, ***minuri*** bħal dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala vittmi u jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni mmirati ***u speċjalizzati, miżuri ta' prevenzjoni mmirati u speċjalizzati u miżuri ta' appoġġ immirati u speċjalizzati. L-Istati Membri, b'mod partikolari, jenħtieġ li jiżguraw li l-minuri ta' ġenitur li jkun inqatel b'riżultat ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu, inkluż permezz ta' miżuri ta' protezzjoni u appoġġ immirati, speċjalment matul kwalunkwe proċediment ġudizzjarju rilevanti, minħabba s-sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tagħhom. Il-miżuri mmirati għall-minuri jenħtieġ li jkunu bbażati fuq fehim olistiku u speċifiku għall-ġeneru tad-dinamika tar-relazzjonijiet abbużivi u jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe rivittimizzazzjoni tal-minuri tiġi evitata u jenħtieġ li jiżguraw id-drittijiet tal-minuri. Dan huwa*** |

***speċjalment importanti meta jiġu kkunsidrati d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet għall-aċċess tal-minuri.***

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-vjolenza kontra n-nisa hi manifestazzjoni persistenti ta' diskriminazzjoni strutturali kontra n-nisa, li tirriżulta minn relazzjonijiet ta' poter storikament inugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Hija forma ta' vjolenza ***bbażata fuq il-ġeneru***, li hija imposta primarjament fuq in-nisa u l-bniet, mill-irġiel. Hija għandha l-għeruq tagħha fir-rwoli, fl-imġiba, fl-attivitajiet u fl-attributi mibnija soċjalment li soċjetà partikolari tqis xierqa għan-nisa u għall-irġiel, li ġeneralment isir riferiment għalihom bl-użu tat-terminu "ġeneru". | (7) Il-vjolenza kontra n-nisa ***titqies bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u problema kbira ta' saħħa pubblika u*** hi manifestazzjoni persistenti ta' diskriminazzjoni strutturali kontra n-nisa ***fid-diversità kollha tagħhom***, li tirriżulta minn relazzjonijiet ta' poter storikament inugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Hija forma ta' vjolenza ***abbażi tal-ġeneru***, li hija imposta primarjament fuq in-nisa u l-bniet, mill-irġiel. Hija għandha l-għeruq tagħha fir-rwoli, fl-imġiba, ***fl-isterjotipi marbuta mal-ġeneru,*** fl-attivitajiet u fl-attributi mibnija soċjalment li soċjetà partikolari tqis xierqa għan-nisa u għall-irġiel, li ġeneralment isir riferiment għalihom bl-użu tat-terminu "ġeneru". ***Għadha mifruxa u taffettwa lin-nisa fil-livelli kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-età, l-edukazzjoni, l-introjtu, il-pożizzjoni soċjali jew il-pajjiż ta' oriġini jew residenza. Hija wieħed mill-aktar ostakli kbar biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-vjolenza domestika hija problema soċjali serja li spiss tibqa' moħbija. ***Dan jista' jwassal*** għal trawma psikoloġika u fiżika serja b'konsegwenzi serji minħabba li l-awtur tar-reat tipikament ikun persuna | (8) Il-vjolenza domestika hija problema soċjali serja li spiss tibqa' moħbija ***bħala riżultat tal-istigma soċjali***. ***Tista' twassal*** għal trawma psikoloġika u fiżika serja b'konsegwenzi serji ***għall-ħajja personali*** |

| | |
|---|---|
| magħrufa mill-vittmi, li ***huma jistennew li jkunu jistgħu jafdaw***. Tali vjolenza tista' tieħu diversi forom, inklużi dawk fiżiċi, sesswali, psikoloġiċi u ekonomiċi. Il-vjolenza domestika tista' sseħħ kemm jekk l-awtur tar-reat jikkondividi jew kien ikkondivida l-unità domestika mal-vittma. | ***u professjonali tal-vittma*** minħabba li l-awtur tar-reat tipikament ikun persuna magħrufa mill-vittmi, li ***l-vittma tistenna li tkun tista' tafda***. Tali vjolenza tista' tieħu diversi forom, inklużi dawk fiżiċi, sesswali, psikoloġiċi***,*** u ekonomiċi ***u tista' sseħħ f'firxa ta' relazzjonijiet***. Il-vjolenza domestika ***spiss tinkludi kontroll koerċittiv u*** tista' sseħħ kemm jekk l-awtur tar-reat jikkondividi jew kien ikkondivida l-unità domestika mal-vittma. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet relatati ma' dawn it-tipi ta' reati, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit sett komprensiv ta' regoli, li jindirizza l-problema persistenti ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika b'mod ***immirat*** u li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi ta' tali vjolenza. Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali wrew li ***ma humiex*** biżżejjed sabiex jiġġieldu u jipprevjenu b'mod effettiv il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. B'mod partikolari, id-Direttivi 2011/36/UE u 2011/93/UE jikkonċentraw fuq forom speċifiċi ta' tali vjolenza, filwaqt li d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-vittmi tal-kriminalità. Filwaqt li tipprovdi xi salvagwardji għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, ***ma hijiex tiniża li*** tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. | (9) ***Il-gravità persistenti tal-problema tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fl-Unjoni, li tidher b'mod ċar mill-fatt li l-atti legali eżistenti u l-implimentazzjoni tagħhom instab li mhumiex biżżejjed, flimkien mal-ispeċifiċitajiet ta' dawk ir-reati, tiġġustifika li l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jiġu ttrattati b'mod differenti meta mqabbla ma' vittmi ta' reati oħra fl-Unjoni u tiġġustifika l-miżuri speċifiċi introdotti minn din id-Direttiva fir-rigward tal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u tal-vjolenza domestika.*** Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet relatati ma' dawn it-tipi ta' reati, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit sett komprensiv ta' regoli, li jindirizza l-problema persistenti ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika b'mod ***olistiku u sensittiv għall-ġeneru*** u li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi ta' tali vjolenza. Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali wrew li ***mhumiex*** biżżejjed sabiex jiġġieldu u jipprevjenu b'mod effettiv il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. B'mod partikolari, id-Direttivi 2011/36/UE u 2011/93/UE jikkonċentraw fuq forom speċifiċi ta' tali |

vjolenza, filwaqt li d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-vittmi tal-kriminalità. Filwaqt li tipprovdi xi salvagwardji għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, ***mhijiex intiża biex*** tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

---

[4] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

[4] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Din id-Direttiva tappoġġa l-impenji internazzjonali aċċettati mill-Istati Membri sabiex jiġġieldu u jipprevjenu l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)[5] u, fejn rilevanti, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul")[6] ***u l-Konvenzjoni*** tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, iffirmata fil-21 ta' Ġunju 2019 f'Ġinevra. | (10) Din id-Direttiva tappoġġa l-impenji internazzjonali aċċettati mill-Istati Membri sabiex jiġġieldu u jipprevjenu l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)[5]***, u r-rakkomandazzjoni ġenerali Nru 35 tagħha dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa, li taġġorna r-rakkomandazzjoni ġenerali Nru 19, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD),*** u, fejn rilevanti, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul")[6]***, il-Konvenzjoni*** tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, iffirmata fil- |

| | |
|---|---|
| | 21 ta' Ġunju 2019 f'Ġinevra***, u l-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tal-Impjiegi u x-Xogħol u l-Konvenzjoni dwar xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol***. |
| [5] Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW), UNGA, 1979.<br>[6] Il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), il-Kunsill tal-Ewropa, 2011. | [5] Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW), UNGA, 1979.<br>[6] Il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), il-Kunsill tal-Ewropa, 2011. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu aggravati fejn jingħaqdu mad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri n-nazzjonalità, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, it-twelid, ***diżabbiltà***, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-vittmi affettwati minn tali diskriminazzjoni intersezzjonali***,*** billi jipprovdu miżuri speċifiċi fejn ikunu preżenti forom ta' diskriminazzjoni li jinkroċjaw. B'mod partikolari, in-nisa leżbjani, bisesswali, trans, mhux binarji, intersesswali u queer (LBTIQ), in-nisa b'diżabilità u n-nisa bi sfond razzjali jew etniku minoritarju jinsabu f'riskju akbar li jesperjenzaw vjolenza ***bbażata fuq il-ġeneru***. | (11) Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu aggravati fejn jingħaqdu mad-diskriminazzjoni bbażata fuq ***il-ġeneru jew*** is-sess***, u huma inseparabbli minnha,*** u raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri n-nazzjonalità, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali***, l-istatus ta' residenza***, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, it-twelid, ***diżabilità***, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali***, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess***. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-vittmi affettwati minn tali diskriminazzjoni intersezzjonali billi jipprovdu miżuri speċifiċi fejn ikunu preżenti forom ta' diskriminazzjoni li jinkroċjaw. B'mod partikolari, in-nisa leżbjani, bisesswali, trans, mhux binarji, intersesswali u queer (LBTIQ), in-nisa b'diżabilità***, in-nisa tqal, in-nisa li jgħixu*** |

***fiż-żoni rurali*** u n-nisa bi sfond razzjali jew etniku minoritarju jinsabu f'riskju akbar li jesperjenzaw vjolenza ***abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika***. ***Pereżempju, atti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li l-għan tagħhom huwa li jikkastigaw lill-vittmi għall-orjentazzjoni sesswali, l-espressjoni tal-ġeneru jew l-identità tal-ġeneru tagħhom, bħall-hekk imsejjaħ "stupru korrettiv", jenħtieġ li jingħataw attenzjoni partikolari. Barra minn hekk, in-nisa u l-bniet esposti għal diskriminazzjoni u vjolenza abbażi ta' kombinazzjoni tas-sess jew tal-ġeneru tagħhom u raġunijiet oħra huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-vjolenza ċibernetika, inkluż il-fastidju online jew l-inċitament għall-vjolenza jew għall-mibegħda online u, għalhekk, dawk ir-reati jenħtieġ li jiġu ttrattati bis-serjetà dovuta.***

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jinsabu f'riskju akbar ta' intimidazzjoni, ritaljazzjoni, vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawn ir-riskji u lill-ħtieġa li jiġu protetti d-dinjità u l-integrità ***fiżika*** ta' vittmi bħal dawn. | (12) Il-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jinsabu f'riskju akbar ta' intimidazzjoni, ritaljazzjoni, vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawn ir-riskji u lill-ħtieġa li jiġu protetti d-dinjità u l-integrità ***fiżiċi u psikoloġiċi*** ta' vittmi bħal dawn ***fil-każijiet kollha, inkluż qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali, u d-dritt tagħhom għall-protezzjoni u l-appoġġ, filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja billi l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli***. ***Skont rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali intitolat "Violence against women: an EU-wide survey" (Il-vjolenza kontra n-nisa: stħarriġ fl-UE kollha), 67 % tal-vittmi ta' vjolenza sesswali kellhom xi tip ta' konoxxenza*** |

| | |
|---|---|
| | ***preċedenti mal-awtur tar-reat, jew relazzjoni miegħu u, għalhekk, hija meħtieġa protezzjoni soda tal-vittma sabiex jiġu pprevenuti aktar attakki.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-istupru huwa wieħed mill-aktar reati serji li jiksru l-integrità sesswali ta' persuna u huwa reat li jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa. Dan jinvolvi żbilanċ ta' poter bejn l-awtur tar-reat u l-vittma, li jippermetti lill-awtur tar-reat jisfrutta sesswalment lill-vittma għal finijiet bħall-gratifikazzjoni personali, l-affermazzjoni tad-dominanza, il-kisba ta' rikonoxximent soċjali, l-avvanz ***jew*** possibbilment gwadann finanzjarju. Ħafna Stati Membri għadhom jeħtieġu l-użu ta' forza, theddid jew koerċizzjoni għar-reat ta' stupru. Stati Membri oħra jiddependu biss fuq il-kundizzjoni li l-vittma ma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-att sesswali. Dan l-approċċ tal-aħħar biss jikseb il-protezzjoni sħiħa tal-integrità sesswali tal-vittmi. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni ugwali fl-Unjoni kollha billi jiġu pprovduti l-elementi kostitwenti tar-reat tal-istupru fuq in-nisa. . | (13) L-istupru huwa wieħed mill-aktar reati serji li jiksru ***d-dinjità u*** l-integrità sesswali ***u tal-ġisem*** ta' persuna u huwa reat li jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa. Dan jinvolvi żbilanċ ta' poter bejn l-awtur tar-reat u l-vittma, li jippermetti lill-awtur tar-reat jisfrutta sesswalment lill-vittma għal finijiet bħall-gratifikazzjoni personali, l-affermazzjoni tad-dominanza, il-kisba ta' rikonoxximent soċjali, l-avvanz***,*** possibbilment gwadann finanzjarju ***jew il-kastig permezz ta' "stupru korrettiv"***. Ħafna Stati Membri għadhom jeħtieġu l-użu ta' forza, theddid jew koerċizzjoni għar-reat ta' stupru. Stati Membri oħra jiddependu biss fuq il-kundizzjoni li l-vittma ma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-att sesswali. Dan l-approċċ tal-aħħar biss jikseb il-protezzjoni sħiħa tal-integrità sesswali tal-vittmi. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni ugwali fl-Unjoni kollha billi jiġu pprovduti l-elementi kostitwenti tar-reat tal-istupru fuq in-nisa ***b'mod partikolari***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-istupru ***għandu*** jinkludi b'mod espliċitu t-tipi kollha ta' penetrazzjoni | (14) L-istupru ***jenħtieġ li*** jinkludi b'mod espliċitu t-tipi kollha ta' penetrazzjoni |

| | |
|---|---|
| sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew oġġett fiżiku. In-nuqqas ta' kunsens ***għandu*** jkun element ċentrali u kostituttiv tad-definizzjoni ta' stupru, minħabba li spiss ma tkun involuta l-ebda vjolenza fiżika jew użu tal-forza ***fit-twettiq tiegħu***. Il-kunsens ***inizjali għandu*** jkun jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin matul l-att, f'konformità mal-awtonomija sesswali tal-vittma, u ***ma għandux awtomatikament jimplika*** kunsens għal atti futuri. Il-penetrazzjoni sesswali mhux kunsenswali ***għandha*** tikkostitwixxi stupru ***anke*** meta titwettaq kontra konjuġi jew sieħeb intimu. | sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew oġġett fiżiku. In-nuqqas ta' kunsens ***jenħtieġ li*** jkun element ċentrali u kostituttiv tad-definizzjoni ta' stupru, minħabba li spiss ma tkun involuta l-ebda vjolenza fiżika jew użu tal-forza ***meta l-att jitwettaq.*** Il-kunsens ***jenħtieġ li*** jkun jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin matul l-att, f'konformità mal-awtonomija sesswali tal-vittma, u ***jenħtieġ li ma jimplikax awtomatikament*** kunsens għal atti futuri. Il-penetrazzjoni sesswali mhux kunsenswali ***għandha*** tikkostitwixxi stupru***, inkluż*** meta titwettaq kontra konjuġi jew sieħeb intimu. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-aggressjoni sesswali hija tip ta' vjolenza sesswali li taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat u li tikkompromettí serjament l-integrità fiżika u l-awtonomija tal-ġisem ta' persuna. Il-liġi nazzjonali dwar l-aggressjoni sesswali tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u għalhekk hemm ħtieġa ċara li jiġu stabbiliti regoli dwar l-aggressjoni sesswali fil-livell tal-Unjoni. L-aggressjoni sesswali tinkludi atti ta' natura sesswali. L-atti ta' natura sesswali jinkludu atti fejn ikun hemm kuntatt fiżiku bejn il-ġisem tal-awtur u l-ġenitali tal-vittma u atti fejn ikun hemm kuntatt bejn il-ġisem tal-vittma u l-ġenitali tal-awtur.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14b) Jenħtieġ li l-kunsens dejjem jingħata liberament u volontarjament. Il-kunsens jenħtieġ li jkun jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin matul att, f'konformità mal-awtonomija sesswali tal-vittma, u jenħtieġ li ma jimplikax awtomatikament kunsens għal atti futuri. Hemm għadd ta' sitwazzjonijiet li fihom vittma ma tkunx tista' tifforma volontà libera u għalhekk ir-reati mwettqa f'dawk is-sitwazzjonijiet jenħtieġ li jitqiesu bħala atti mhux kunsenswali. Meta ssir valutazzjoni ta' sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi personali u esterni. F'dak il-kuntest, il-biża' mhijiex limitata għat-theddida ta' att kriminali. In-nuqqas ta' kunsens minħabba l-intossikazzjoni jenħtieġ li jkopri l-inkapaċità kkawżata minn drogi, alkoħol jew sustanzi intossikanti oħra. Sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli jinkludu sitwazzjonijiet li fihom il-vittmi jkollhom opportunitajiet limitati b'mod ċar biex jiddefendu l-integrità tal-ġisem u sesswali tagħhom u jevitaw aggressjoni. Sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tista' tinkludi wkoll sitwazzjonijiet ta' żbilanċ partikolarment gravi tal-poter jew ta' dipendenza ekonomika gravi. L-istealthing ifisser li wieħed, b'mod intenzjonat u sigriet, ma jibqax juża metodu ta' profilassi jew ta' kontroll tar-riproduzzjoni matul il-penetrazzjoni. Minħabba l-fatt li l-istealthing ibiddel iċ-ċirkostanzi li fihom ingħata l-kunsens, jista' jitqies bħala stupru jew aggressjoni sesswali.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) ***Fir-rigward ta' reati li jammontaw għal stupru,*** l-awturi tar-reati li ***preċedentement instabu*** ħatja ta' ***reati tal-istess natura*** jenħtieġ li jkunu obbligati jipparteċipaw fi programmi ta' intervent sabiex jiġi mmitigat ir-riskju ta' reċidiva. | (15) L-awturi tar-reati li ***jkunu nstabu*** ħatja ta' ***stupru*** jenħtieġ li jkunu obbligati jipparteċipaw fi programmi ta' intervent ***ibbażati fuq l-evidenza*** sabiex jiġi mmitigat ir-riskju ta' reċidiva***, biex jiġu żgurati relazzjonijiet sikuri u biex tiġi indirizzata, b'mod komprensiv u informattiv, il-ħsara kkawżata billi tiġi rikonoxxuta r-responsabbiltà tagħhom u jinbidlu l-attitudnijiet u l-imġiba ta' ħsara tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinfurmaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji dwar id-disponibbiltà ta' tali programmi.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Iż-żwieġ furzat huwa forma ta' sfruttament li primarjament jaffettwa lin-nisa u l-bniet u għandu l-intenzjoni li jasserixxi dominanza fuqhom. Huwa forma ta' vjolenza li jinvolvi ksur serju tad-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet għall-integrità fiżika, il-libertà, l-awtonomija, is-saħħa fiżika u mentali, is-saħħa sesswali u riproduttiva, l-edukazzjoni u ħajja privata. Il-faqar, il-qgħad, id-drawwiet jew il-kunflitti huma kollha fatturi li jippromwovu ż-żwieġ furzat. Il-vjolenza fiżika u sesswali u t-theddid ta' vjolenza spiss jużaw forom ta' koerċizzjoni biex mara jew tifla tiġi mġiegħla tiżżewweġ. Ladarba jiġu mġiegħla jiżżewġu, hemm riskju akbar ta' sfruttament sesswali u aktar vjolenza. Ħafna drabi, maż-żwieġ sfurzat jiżdiedu forom ta' sfruttament u vjolenza fiżiċi u psikoloġiċi, bħall-isfruttament sesswali. Għalhekk jeħtieġ li l-Istati Membri kollha*** |

| | |
|---|---|
| | ***jikkriminalizzaw iż-żwieġ furzat, jagħtu lill-awturi ta' reati pieni xierqa u jagħmluha possibbli li tali żwiġijiet jiġu annullati jew xolti mingħajr ebda piż amministrattiv jew finanzjarju eċċessiv għall-vittmi.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex ***jiġi indirizzat id-dannu irreparabbli*** u ***tul il-ħajja*** li l-mutilazzjoni ġenitali femminili għandha fuq il-vittmi, dan ir-reat jenħtieġ li jiġi indirizzat speċifikament u b'mod adegwat fil-liġijiet kriminali. Il-mutilazzjoni ġenitali femminili hija prattika ta' sfruttament li tikkonċerna l-organi sesswali ta' tifla jew mara u li titwettaq bl-għan li tippreserva u tasserixxi d-dominanza fuq in-nisa u l-bniet u teżerċita kontroll soċjali fuq is-sesswalità tal-bniet u tan-nisa. Xi drabi dan jitwettaq fil-kuntest ta' żwieġ furzat tal-minuri jew vjolenza domestika. Il-mutilazzjoni ġenitali femminili tista' sseħħ bħala prattika tradizzjonali li xi komunitajiet iwettqu fuq il-membri nisa tagħhom. Jenħtieġ li din tkopri l-prattiki mwettqa għal raġunijiet mhux mediċi. It-terminu "qtugħ" ***għandu*** jirreferi għat-tneħħija parzjali jew totali tal-clitoris u tal-labia majora. L-"infibulazzjoni" ***għandha*** tkopri l-għeluq tal-labia majora billi jinħietu flimkien ***ix-xuftejn*** ta' barra tal-vulva sabiex jitnaqqas il-ftuħ vaġinali. It-terminu "twettiq ta' kwalunkwe mutilazzjoni oħra" ***għandu*** jirreferi għall-alterazzjonijiet fiżiċi l-oħra kollha tal-ġenitali femminili. | (16) Sabiex ***jiġu indirizzati il-konsegwenzi fiżiċi*** u ***psikoloġiċi severi u dejjiema*** li l-mutilazzjoni ġenitali femminili għandha fuq il-vittmi, dan ir-reat jenħtieġ li jiġi indirizzat speċifikament u b'mod adegwat fil-liġijiet kriminali. Il-mutilazzjoni ġenitali femminili hija prattika ta' sfruttament li tikkonċerna l-organi sesswali ta' tifla jew mara u li titwettaq bl-għan li tippreserva u tasserixxi d-dominanza fuq in-nisa u l-bniet u teżerċita kontroll soċjali fuq is-sesswalità tal-bniet u tan-nisa. Xi drabi dan jitwettaq fil-kuntest ta' żwieġ furzat tal-minuri jew vjolenza domestika. Il-mutilazzjoni ġenitali femminili tista' sseħħ bħala prattika tradizzjonali li xi komunitajiet iwettqu fuq il-membri nisa tagħhom. Jenħtieġ li din tkopri l-prattiki mwettqa għal raġunijiet mhux mediċi. It-terminu "qtugħ" ***jenħtieġ li*** jirreferi għat-tneħħija parzjali jew totali tal-clitoris u tal-labia majora. L-"infibulazzjoni" ***jenħtieġ li*** tkopri l-għeluq tal-labia majora billi jinħietu flimkien ***ix-xufftejn*** ta' barra tal-vulva sabiex jitnaqqas il-ftuħ vaġinali. It-terminu "twettiq ta' kwalunkwe mutilazzjoni oħra" ***jenħtieġ li*** jirreferi għall-alterazzjonijiet fiżiċi l-oħra kollha tal-ġenitali femminili. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) L-isterilizzazzjoni furzata, koerċittiva u altrimenti involontarja hija prattika ta' ħsara u ta' sfruttament li tneħħi l-kapaċità tal-vittmi li jirriproduċu sesswalment, spiss tirriżulta f'konsegwenzi gravi għas-saħħa fiżika, psikoloġika u soċjali tal-persuna, u titwettaq għall-fini tal-eżerċizzju ta' kontroll soċjali fuq in-nisa u l-minuri u s-sesswalità tagħhom. Tikser id-drittijiet fundamentali bħad-drittijiet għad-dinjità, l-integrità fiżika u l-privatezza, ma tirrispettax ir-rekwiżit li jingħata kunsens liberu u infurmat u hija rikonoxxuta bħala forma ta' tortura u trattament ħażin. L-isterilizzazzjoni furzata, koerċittiva u altrimenti involontarja ħafna drabi hija marbuta sew mad-diskriminazzjoni u l-ideat sterjotipiċi dwar liema nisa għandhom jew ma għandhomx joħorġu tqal u jkollhom it-tfal. In-nisa u l-bniet Rom, in-nisa u l-bniet b'diżabilità, inklużi, b'mod partikolari, id-diżabilitajiet intellettwali u psikosoċjali, in-nisa li jixtiequ jiksbu trattament ta' tibdil tal-ġeneru u n-nisa u l-bniet li jgħixu f'istituzzjonijiet huma partikolarment f'riskju ta' sterilizzazzjoni furzata, koerċittiva u altrimenti involontarja. Jenħtieġ li ssir enfasi speċifika fuq il-kunsens minn qabel u infurmat tan-nisa jew tal-minuri li jiġu sterilizzati. Il-kunsens tan-nisa jew tal-minuri ma għandux jiġi sostitwit bil-kunsens ta' kustodju legali. Id-dispożizzjonijiet dwar l-isterilizzazzjoni furzata stabbiliti f'din id-Direttiva ma jkoprux interventi mediċi jew proċeduri kirurġiċi li jitwettqu, pereżempju, għall-fini li jassistu mara billi jsalvawlha ħajjitha.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Il-mutilazzjoni ġenitali intersesswali hija proċedura jew trattament kirurġiċi jew mediċi mhux neċessarji u mhux vitali li jsiru fuq persuna li titwieled b'varjazzjonijiet tal-karatteristiċi tas-sess bl-iskop jew bl-effett li tali karatteristiċi jinbidlu biex jiġu allinjati ma' dawk meqjusa bħala tipikament femminili jew maskili. Proċeduri u trattamenti mhux vitali u mhux kunsenswali mwettqa fuq nisa u minuri intersesswali huma bbażati fuq it-twemmin li għażla binarja tal-karatteristiċi tas-sess hija n-norma u li kwalunkwe alternattiva hija anormali u jeħtieġ li tiġi rettifikata. Il-proċeduri jew it-trattamenti fuq il-karatteristiċi tas-sess tan-nisa jew tal-minuri mwielda b'varjazzjonijiet tal-karatteristiċi tas-sess li ma jkollhomx il-kapaċità li jagħtu l-kunsens jenħtieġ li jitwettqu biss meta jkun hemm ħtieġa ċara u urġenti li tiġi ppreservata ħajjithom jew li tiġi evitata ħsara serja għas-saħħa fiżika tagħhom. Il-proċeduri jew it-trattamenti mhux vitali bl-għan jew bl-effett li jbiddlu l-karatteristiċi tas-sess jenħtieġ li jitwettqu biss bil-kunsens infurmat bis-sħiħ u minn qabel ta' mara jew minuri mwielda b'varjazzjonijiet tal-karatteristiċi tas-sess. Il-mutilazzjoni ġenitali intersesswali tista' tirriżulta f'indebolimenti fiżiċi u psikoloġiċi tul il-ħajja u, għalhekk, jenħtieġ li tiġi ttrattata bl-istess gravità bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili. Għalhekk huwa importanti li jingħata appoġġ mediku u psikoloġiku xieraq lill-persuni intersesswali u lill-familji tagħhom u li jiġi rispettat id-dritt tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ġisimhom u l-kura tas-saħħa tagħhom stess.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(16c) Il-fastidju sesswali u l-fastidju relatat mas-sess huma ġeneralment ipprojbiti fil-livell nazzjonali fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-direttivi tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Madankollu, jidher li l-atti legali tal-Unjoni mhumiex effettivi biżżejjed fil-ġlieda kontra dawk il-fenomeni fil-prattika, b'mod partikolari fir-rigward tal-pieni. Jekk tali mġiba ma tiġix ippenalizzata taħt il-liġi kriminali, il-vittmi ma jibbenefikawx mill-protezzjoni mmirata li din id-Direttiva tipprovdi. L-Artikolu 83(2) tat-TFUE jippermetti l-istabbiliment ta' regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali dment li l-approssimazzjoni tal-liġijiet kriminali tal-Istati Membri tkun essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien soġġett għal miżuri ta' armonizzazzjoni. Id-Direttivi 2006/54/KE, 2004/113/KE u 2010/41/UE armonizzaw, fil-livell tal-Unjoni, ir-regoli li jikkonċernaw il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u l-fastidju sesswali waqt il-forniment ta' oġġetti u servizzi u l-aċċess għalihom. Fid-dawl ta' dak il-kuntest u l-implimentazzjoni ineffettiva tal-politika tal-Unjoni kontra l-fastidju sesswali, huma għalhekk meħtieġa regoli minimi addizzjonali f'dak il-qasam.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (17) Huwa meħtieġ li jiġu previsti definizzjonijiet armonizzati ta' reati u ta' | (17) Huwa meħtieġ li jiġu previsti definizzjonijiet armonizzati ta' reati u ta' |

pieni fir-rigward ta' ċerti forom ta' vjolenza ċibernetika. Il-vjolenza ċibernetika b'mod partikolari timmira u tħalli impatt fuq il-politiċi, il-ġurnalisti ***u d-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem. ***Dan jista' jkollu*** l-effett li ***jsikket*** lin-nisa u ***jfixkel*** il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell tal-irġiel. Il-vjolenza ċibernetika taffettwa wkoll b'mod sproporzjonat lin-nisa u lill-bniet f'ambjenti edukattivi, bħall-iskejjel u l-universitajiet, b'konsegwenzi detrimentali għall-edukazzjoni ulterjuri tagħhom u għas-saħħa mentali tagħhom, li jistgħu, f'każijiet estremi, iwasslu għal suwiċidju.

pieni fir-rigward ta' ċerti forom ta' vjolenza ċibernetika. Il-vjolenza ċibernetika b'mod partikolari timmira u tħalli impatt fuq il-politiċi, il-ġurnalisti***, id-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem***, l-attivisti u l-persuni li jkunu parti minn komunitajiet emarġinati jew li jkunu soġġetti għal forom inkroċjati ta' diskriminazzjoni***. ***In-nisa esposti għal diskriminazzjoni jew vjolenza abbażi tal-ġeneru tagħhom jew ta' raġunijiet oħra huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-vjolenza ċibernetika. Il-vjolenza ċibernetika jista' jkollha*** l-effett li ***ssikket*** lin-nisa u ***tfixkel*** il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u professjonali fuq l-istess livell tal-irġiel. ***Iż-żieda fl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fuq il-post tax-xogħol wasslet għal żieda fil-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa. B'riżultat ta' din iż-żieda fil-vjolenza ċibernetika, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, f'opinjoni intitolata "Teleworking and gender equality – conditions so that teleworking does not exacerbate the unequal distribution of unpaid care and domestic work between women and men and for it to be an engine for promoting gender equality" (It-telexogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri – kundizzjonijiet sabiex it-telexogħol ma jaggravax id-distribuzzjoni inugwali ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallsa bejn in-nisa u l-irġiel u biex ikun mutur għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri), u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol iddikjaraw li jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil miżuri preventivi u protettivi fil-kuntest tax-xogħol.*** Il-vjolenza ċibernetika taffettwa wkoll b'mod sproporzjonat lin-nisa u lill-bniet f'ambjenti edukattivi, bħall-iskejjel u l-universitajiet, b'konsegwenzi detrimentali għall-edukazzjoni ulterjuri tagħhom u għas-saħħa mentali tagħhom, li jistgħu, f'każijiet estremi, iwasslu għal suwiċidju. ***Jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa***

***jitħarrġu biex iwettqu prosekuzzjoni b'suċċess ta' reati relatati mal-vjolenza ċibernetika sabiex jiżguraw li titwettaq prosekuzzjoni b'suċċess ta' tali reati u sabiex tiġi miġġielda l-impunità.***

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu r-riskju ta' ***amplifikazzjoni*** faċli, rapida u mifruxa ta' ċerti forom ta' vjolenza ċibernetika bl-effett li tinħoloq jew ***tissaħħaħ il-ħsara*** profonda u fit-tul għall-vittma. ***Il-potenzjal għal tali amplifikazzjoni, li huwa*** prerekwiżit għat-twettiq ta' diversi reati ta' vjolenza ċibernetika definiti skont din id-Direttiva***, jenħtieġ li jiġi rifless*** mill-element li ċertu materjal isir aċċessibbli, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għal ***"multitidni" ta'*** utenti finali. It-terminu ***"multitudni"*** jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għall-ilħuq ta' għadd ***sinifikanti*** ta' utenti finali tat-teknoloġiji inkwistjoni, u b'hekk jippermetti aċċess sinifikanti għal, u distribuzzjoni ulterjuri potenzjali ta' dak il-materjal. Dak it-terminu jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti, inklużi t-teknoloġiji użati sabiex dak il-materjal ikun aċċessibbli u l-mezzi li dawn it-teknoloġiji joffru ***għall-amplifikazzjoni***. | (18) L-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu r-riskju ta' ***disseminazzjoni*** faċli, rapida u mifruxa ta' ċerti forom ta' vjolenza ċibernetika bl-effett li tinħoloq jew ***tiġi aggravata l-ħsara*** profonda u fit-tul għall-vittma. ***Id-disseminazzjoni hija*** prerekwiżit għat-twettiq ta' diversi reati ta' vjolenza ċibernetika definiti skont din id-Direttiva ***u hija riflessa*** mill-element li ċertu materjal isir aċċessibbli, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għal utenti finali ***oħra***. It-terminu ***"utenti finali oħra"*** jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għall-ilħuq ta' għadd ta' utenti finali tat-teknoloġiji inkwistjoni, u b'hekk jippermetti aċċess sinifikanti għal, u distribuzzjoni ulterjuri potenzjali ta' dak il-materjal. Dak it-terminu jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti, inklużi t-teknoloġiji użati sabiex dak il-materjal ikun aċċessibbli u l-mezzi li dawn it-teknoloġiji joffru ***għad-disseminazzjoni***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***Speċjalment*** minħabba t-tendenza ***tagħha*** għal distribuzzjoni u twettiq faċli, rapidu u wiesa', kif ukoll in-natura intima ***tagħha***, il-fatt li ***immaġni jew vidjows intimi u materjal li juru attivitajiet sesswali*** jsiru aċċessibbli għal ***multitudni ta' utenti finali***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jista' jkun ta' ħsara kbira għall-vittmi. Ir-reat previst f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopri t-tipi kollha ta' tali materjal, bħal ***immaġni***, ritratti u vidjows, inklużi immaġnijiet, klipps tal-awdjo u klipps tal-vidjow sesswalizzati. Jenħtieġ li ***din tkun relatata*** ma' sitwazzjonijiet fejn it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-materjal lil ***multitudni ta'*** utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, iseħħ mingħajr il-kunsens tal-vittma, irrispettivament minn jekk il-vittma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-ġenerazzjoni ta' tali materjal jew jekk setgħetx ttrażmettih lil persuna partikolari. Ir-reat jenħtieġ li jinkludi wkoll il-produzzjoni jew il-manipulazzjoni mhux ***konsenswali***, pereżempju permezz tal-editjar ***tal-immaġni***, ta' materjal li jagħmilha tidher daqslikieku persuna oħra tkun involuta f'attivitajiet sesswali, sa fejn il-materjal sussegwentement isir aċċessibbli għal ***multitudni ta'*** utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna. Tali produzzjoni jew manipulazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-manifattura ta' "deepfakes", fejn il-materjal ***ikun*** sostanzjalment ***jixbah*** lil persuna***, oġġetti, postijiet jew entitajiet jew avvenimenti*** eżistenti***, li juru attivitajiet sesswali ta' persuna oħra,*** u jkun jidher b'mod falz għal oħrajn bħala materjal awtentiku jew veritier. Fl-interess tal-protezzjoni effettiva tal-vittmi ta' tali mġiba, jenħtieġ li t-theddida ta' involviment f'tali ***imġiba*** tkun koperta wkoll. | (19) Minħabba t-tendenza ***tiegħu*** għal distribuzzjoni u twettiq faċli, rapidu u wiesa', kif ukoll in-natura intima ***tiegħu***, il-fatt li ***materjal intimu u materjal ta' natura sesswali*** jsiru aċċessibbli ***b'mod mhux kunsenswali*** għal ***utenti finali oħra***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jista' jkun ta' ħsara kbira għall-vittmi. Ir-reat previst f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopri t-tipi kollha ta' tali materjal, bħal ***immaġnijiet***, ritratti u vidjows, inklużi immaġnijiet, klipps tal-awdjo u klipps tal-vidjow sesswalizzati. Jenħtieġ li ***jkun relatat*** ma' sitwazzjonijiet fejn it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-materjal lil utenti finali ***oħra***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, iseħħ mingħajr il-kunsens tal-vittma, irrispettivament minn jekk il-vittma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-ġenerazzjoni ta' tali materjal jew jekk setgħetx ttrażmettih lil persuna partikolari. Ir-reat jenħtieġ li jinkludi wkoll il-produzzjoni jew il-manipulazzjoni mhux ***kunsenswali***, pereżempju permezz tal-editjar ***tal-immaġnijiet***, ***inkluż permezz tal-intelliġenza artifiċjali*** ta' materjal li jagħmilha tidher daqslikieku persuna oħra tkun involuta f'attivitajiet sesswali, sa fejn il-materjal sussegwentement isir aċċessibbli għal utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna. Tali produzzjoni jew manipulazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-manifattura ta' "deepfakes", fejn il-materjal ***li jikkostitwixxi materjal intimu jew materjal ta' natura sesswali juri lil persuna li tkun*** sostanzjalment ***tixbah*** lil persuna eżistenti u jkun jidher b'mod falz għal oħrajn bħala materjal awtentiku jew veritier. Fl-interess tal-protezzjoni effettiva tal-vittmi ta' tali mġiba, jenħtieġ li t-theddida ta' involviment f'tali ***mġiba*** tkun koperta wkoll. ***Barra minn hekk, peress li l-"flashing online" huwa forma komuni*** |

***ta' intimidazzjoni u mod kif in-nisa jissikktu, reat ta' trażmissjoni mhux mitluba ta' immaġnijiet, vidjows jew materjal ieħor li juri ġenitali għalhekk jenħtieġ li jkun kopert minn din id-Direttiva.***

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) ***Is-segwiment ċibernetiku ta' persuna bil-moħbi*** huwa forma moderna ta' vjolenza li spiss titwettaq kontra membri tal-familja jew persuni li jgħixu fl-istess unità domestika, iżda titwettaq ukoll minn ***ex-sħab*** jew konoxxenzi. Tipikament, it-teknoloġija tintuża ħażin mill-awtur tar-reat sabiex jipproċedi biex jintensifika l-imġiba koerċittiva u ta' kontroll, il-manipulazzjoni u s-sorveljanza, u b'hekk jiżdiedu l-biża', l-ansjetà u l-iżolament gradwali tal-vittma mill-ħbieb ***u*** mill-familja. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi dwar ***l-insegwiment ċibernetiku***. Ir-reat ***tas-cyberstalking*** jenħtieġ li jkopri s-sorveljanza kontinwa tal-vittma mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni legali tagħhom permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Dan jista' jsir bl-ipproċessar tad-data personali tal-vittma, bħal permezz ta' serq tal-identità jew l-ispjunaġġ ta' tali data minn fuq id-diversi media soċjali jew pjattaformi ta' messaġġi tagħhom, l-emails u t-telefown tagħhom, serq tal-passwords jew il-hacking tal-apparati tagħhom għall-aċċess tal-ispazji privati tagħhom, permezz tal-installazzjoni ta' apps ta' ġeolokalizzazzjoni, inkluż stalkerware, jew permezz tas-serq tal-apparati tagħhom. Barra minn hekk, ***is-segwiment ta' persuna bil-moħbi*** jenħtieġ li jkopri l-monitoraġġ tal-vittmi, mingħajr il-kunsens | (20) ***L-istalking online*** huwa forma moderna ta' vjolenza li spiss titwettaq kontra membri tal-familja jew persuni li jgħixu fl-istess unità domestika, iżda titwettaq ukoll minn ***ex sħab*** jew konoxxenzi. Tipikament, it-teknoloġija tintuża ħażin mill-awtur tar-reat sabiex jipproċedi biex jintensifika l-imġiba koerċittiva u ta' kontroll, il-manipulazzjoni u s-sorveljanza, u b'hekk jiżdiedu l-biża', l-ansjetà u l-iżolament gradwali tal-vittma mill-ħbieb***,*** mill-familja ***u fuq il-post tax-xogħol***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi dwar ***l-istalking online***. Ir-reat ***tal-istalking online*** jenħtieġ li jkopri s-sorveljanza kontinwa tal-vittma mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni legali tagħhom permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Dan jista' jsir bl-ipproċessar tad-data personali tal-vittma, bħal permezz ta' serq tal-identità jew l-ispjunaġġ ta' tali data minn fuq id-diversi media soċjali jew pjattaformi ta' messaġġi tagħhom, l-emails u t-telefown tagħhom, serq tal-passwords jew il-hacking tal-apparati tagħhom ***jew billi jiġi attivat bil-moħbi keylogging software*** għall-aċċess tal-ispazji privati tagħhom, permezz tal-installazzjoni ta' apps ta' ġeolokalizzazzjoni, inkluż stalkerware, jew permezz tas-serq tal-apparati tagħhom. Barra minn hekk, ***l-istalking*** jenħtieġ li jkopri l-monitoraġġ tal-vittmi, mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' dik il- |

| | |
|---|---|
| jew l-awtorizzazzjoni ta' dik il-persuna, permezz ta' apparat teknoloġiku konness permezz tal-Internet tal-Oġġetti, bħal apparat domestiku intelliġenti. | persuna, permezz ta' apparat teknoloġiku konness permezz tal-Internet tal-Oġġetti, bħal apparat domestiku intelliġenti. ***Barra minn hekk, peress li t-trażmissjoni ripetuta ta' messaġġi ta' theddid u insulti f'konverżazzjonijiet privati hija forma komuni ta' vjolenza kontra n-nisa, għalhekk jenħtieġ li tiġi koperta b'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi dwar ir-reat ta' fastidju ***ċibernetiku*** sabiex jiġi miġġieled il-bidu ta' attakk ***ma' terzi*** jew il-parteċipazzjoni f'tali attakk dirett lejn persuna oħra, billi materjal ta' theddid jew inġurjuż isir aċċessibbli għal ***pluralità ta'*** utenti finali. Tali attakki wesgħin, inklużi attakki minn folla kkoordinati online, jistgħu jittrasformaw ruħhom ***f'attakk*** offline jew jikkawżaw ***dannu psikoloġiku*** sinifikanti u f'każijiet estremi jwasslu għal suwiċidju tal-vittma. Dawn spiss jimmiraw lil politiċi prominenti (nisa), ġurnalisti jew inkella persuni magħrufa sew, iżda jistgħu jseħħu wkoll f'kuntesti differenti, pereżempju fuq il-kampusijiet jew fl-iskejjel. Tali vjolenza online jenħtieġ li tiġi indirizzata speċjalment fejn l-attakki jseħħu fuq skala wiesgħa, pereżempju fil-forma ta' fastidju kumulattiv minn ammont sinifikanti ta' persuni. | (21) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi dwar ir-reat ta' fastidju ***online*** sabiex jiġi miġġieled il-bidu ta' attakk jew il-parteċipazzjoni f'tali attakk dirett lejn persuna oħra, billi materjal ta' theddid jew inġurjuż isir aċċessibbli għal utenti finali ***oħra***. Tali attakki wesgħin, inklużi attakki minn folla kkoordinati online, jistgħu jittrasformaw ruħhom ***f'aggressjoni*** offline jew jikkawżaw ***ħsara psikoloġika*** sinifikanti u f'każijiet estremi jwasslu għal suwiċidju tal-vittma. Dawn spiss jimmiraw lil politiċi prominenti (nisa), ġurnalisti***, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem*** jew inkella persuni magħrufa sew, iżda jistgħu jseħħu wkoll f'kuntesti differenti, pereżempju fuq il-kampusijiet jew fl-iskejjel ***u fid-dinja tax-xogħol***. Tali vjolenza online jenħtieġ li tiġi indirizzata speċjalment fejn l-attakki jseħħu fuq skala wiesgħa, pereżempju fil-forma ta' fastidju kumulattiv minn ammont sinifikanti ta' persuni. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (22) ***Iż-żieda*** fl-użu tal-internet u tal-media soċjali wasslet għal żieda qawwija fl-inċitament pubbliku għall-vjolenza u l-mibegħda, inkluż abbażi tas-sess jew il-ġeneru, fis-snin li għaddew. Il-kondiviżjoni faċli, rapida u wiesgħa tad-diskors ta' mibegħda permezz tal-kelma diġitali hija rinforzata bl-effett ta' diżinibizzjoni online, peress li l-anonimità preżunta fuq l-internet u s-sens ta' impunità jnaqqsu l-inibizzjoni tan-nies biex jagħmlu dak it-tip ta' diskors. In-nisa huma ta' spiss fil-mira ta' mibegħda sessista u misoġena online, li tista' teskala f'reati ta' mibegħda offline. Hemm bżonn li din tiġi interċettata fi stadju bikri. Il-lingwa użata f'dan it-tip ta' inċitament mhux dejjem tirreferi direttament għas-sess jew għall-ġeneru tal-persuna/i fil-mira, imma l-preġudizzju huwa faċilment deduċibbli mill-kontenut jew il-kuntest ġenerali tal-inċitament. | (22) ***Il-prevalenza ta' pjattaformi online dominanti kellha rwol sinifikanti fiż-żieda*** fl-użu tal-internet u tal-media soċjali ***u*** wasslet għal żieda qawwija fl-inċitament pubbliku għall-vjolenza u l-mibegħda, inkluż abbażi tas-sess jew il-ġeneru***, speċjalment flimkien ma' raġunijiet oħra***, fis-snin li għaddew. Il-kondiviżjoni faċli, rapida u wiesgħa tad-diskors ta' mibegħda permezz tal-kelma diġitali hija rinforzata bl-effett ta' diżinibizzjoni online, peress li l-anonimità preżunta fuq l-internet u s-sens ta' impunità jnaqqsu l-inibizzjoni tan-nies biex jagħmlu dak it-tip ta' diskors. ***Madankollu, l-anonimità tista' tkun essenzjali wkoll għas-superstiti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u għal komunitajiet oħra f'riskju.*** In-nisa huma ta' spiss fil-mira ta' mibegħda sessista u misoġena online, li tista' teskala f'reati ta' mibegħda offline. ***It-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jkunu wkoll fil-mira ta' vjolenza ċibernetika vjolenti li ħafna drabi tagħmel referenza għal karatteristiċi personali bħad-diżabilità, l-oriġini razzjali jew etnika, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess jew raġunijiet oħra li, jekk ma jiġux indirizzati, jistgħu jikkawżaw esklużjoni soċjali, ansjetà, inċentiv biex tiġi kkawżata ħsara personali u, f'sitwazzjonijiet estremi, ħsibijiet ta' suwiċidju, tentattivi ta' suwiċidju jew suwiċidju.*** Hemm bżonn li din tiġi ***prevenuta jew*** interċettata fi stadju bikri. Il-lingwa użata f'dan it-tip ta' inċitament mhux dejjem tirreferi direttament għas-sess jew għall-ġeneru tal-persuna/i fil-mira, imma l-preġudizzju huwa faċilment deduċibbli mill-kontenut jew il-kuntest ġenerali tal-inċitament. |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Ir-reat tal-inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza online jippresupponi li l-inċitament ma jiġix espress f'kuntest purament privat, imma pubblikament permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ikun jirrikjedi t-tixrid mal-pubbliku, li jinftiehem bħala li jinvolvi ***l-aċċessibbiltà,*** permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta' oġġett materjali partikolari li jinċita l-vjolenza jew il-mibegħda, għal għadd potenzjalment illimitat ta' persuni, jiġifieri l-aċċessibbiltà faċli tal-materjal għall-utenti b'mod ġenerali, mingħajr il-ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri mill-persuna li tkun ipprovdiet il-materjal, irrispettivament minn jekk dawk il-persuni effettivament jaċċessawx l-informazzjoni inkwistjoni. Għaldaqstant, fejn l-aċċess għall-materjal jirrikjedi reġistrazzjoni jew ammissjoni għal grupp ta' utenti, jenħtieġ li dik l-informazzjoni titqies li hija disseminata lill-pubbliku biss meta l-utenti li jfittxu li jaċċessaw il-materjal huma awtomatikament reġistrati jew ammessi mingħajr deċiżjoni jew għażla mill-bniedem dwar lil min jingħata l-aċċess. Meta jivvalutaw jekk il-materjal jikkwalifikax bħala li jammonta għal inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu d-drittijiet fundamentali għal-libertà tal-espressjoni kif minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta. | (23) Ir-reat tal-inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza online jippresupponi li l-inċitament ma jiġix espress f'kuntest purament privat, imma pubblikament permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ikun jirrikjedi t-tixrid mal-pubbliku, li jinftiehem bħala li jinvolvi ***t-tqegħid għad-dispożizzjoni,*** permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta' oġġett materjali partikolari li jinċita l-vjolenza jew il-mibegħda, għal għadd potenzjalment illimitat ta' persuni, jiġifieri l-aċċessibbiltà faċli tal-materjal għall-utenti b'mod ġenerali, mingħajr il-ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri mill-persuna li tkun ipprovdiet il-materjal, irrispettivament minn jekk dawk il-persuni effettivament jaċċessawx l-informazzjoni inkwistjoni. Għaldaqstant, fejn l-aċċess għall-materjal jirrikjedi reġistrazzjoni jew ammissjoni għal grupp ta' utenti, jenħtieġ li dik l-informazzjoni titqies li hija disseminata lill-pubbliku biss meta l-utenti li jfittxu li jaċċessaw il-materjal huma awtomatikament reġistrati jew ammessi mingħajr deċiżjoni jew għażla mill-bniedem dwar lil min jingħata l-aċċess. Meta jivvalutaw jekk il-materjal jikkwalifikax bħala li jammonta għal inċitament għall-mibegħda jew għall-vjolenza, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jqisu d-drittijiet fundamentali għal-libertà tal-espressjoni kif minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta. ***Sabiex jiġi żgurat li l-materjal online jikkwalifika bħala inċitament online għall-vjolenza jew għall-mibegħda, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali materjal jiġi vvalutat, fuq bażi ta' każ b'każ, abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-"Pjan ta' Azzjoni ta' Rabat dwar il-projbizzjoni ta' promozzjoni ta' mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża li tikkostitwixxi inċitament għal*** |

***diskriminazzjoni, ostilità jew vjolenza" tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, il-kuntest soċjali u politiku tal-messaġġ, l-istatus tal-kelliem, il-kontenut u l-forma tad-diskors, l-intenzjoni u l-probabbiltà u l-imminenza ta' ħsara.***

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-fatt li reat jitwettaq bl-intenzjoni li jġib profitt jew gwadann jew li reat effettivament ġab profitt jew gwadann, pereżempju permezz ta' rikatt fil-każ tal-vjolenza ċibernetika jew bil-qligħ ta' introjtu permezz tat-twettiq ta' mutilazzjoni ġenitali femminili jew sterilizzazzjoni furzata, jitqies bħala ċirkostanza aggravanti minħabba li l-profitt jew il-gwadann juri li kien hemm approċċ sistematiku u metodiku għar-reat, u b'hekk tiġi enfasizzata l-gravità tiegħu.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) L-hekk imsejħa "delitti tal-unur" jitwettqu biex jintlaħaq għan għajr, jew minbarra, l-effett immedjat tar-reat. Dak l-għan jista' jkun ir-ristabbiliment tal-"unur" tal-familja jew ix-xewqa li wieħed jitqies bħala li jirrispetta t-tradizzjoni jew li jikkonforma mar-rekwiżiti reliġjużi, kulturali jew konswetudinarji perċepiti ta' komunità partikolari. Tali reati jqiegħdu pressjoni qawwija fuq il-vittma, jistgħu jwasslu għal ksur tad-drittijiet tal-*** |

***bniedem tal-vittma u għandhom it-tendenza li jaffettwaw il-ħajja kollha tal-persuna, u b'hekk il-vittma ssir partikolarment vulnerabbli.***

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23c) Perspettiva sensittiva għall-ġeneru timplika li jitqiesu l-partikolaritajiet li jappartjenu għall-ħajja kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, filwaqt li l-għan ikun li jiġu eliminati l-inugwaljanzi u li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u b'hekk tiġi indirizzata u meqjusa d-dimensjoni tal-ġeneru. Konsegwentement, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu perspettiva sensittiva għall-ġeneru fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha. Perspettiva sensittiva għall-ġeneru tinkludi wkoll il-fehim strutturali tal-għeruq tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, bħala fenomenu sistemiku u b'riżultat ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni mifruxa kontra n-nisa, li tipprovdi kuntest ideali għat-tolleranza tal-vjolenza kontra n-nisa.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-vittmi ***għandhom ikunu*** jistgħu jirrapportaw ir-reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika faċilment mingħajr ma jkunu soġġetti għal vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ | (24) Il-vittmi ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu jirrapportaw ir-reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika ***u jipprovdu evidenza*** faċilment mingħajr ma jkunu soġġetti għal vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta. ***B'kunsiderazzjoni xierqa*** |

li jipprovdu l-possibbiltà li jippreżentaw l-ilmenti online jew permezz ta’ teknoloġiji oħra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għar-rapportar ta’ tali reati. Il-vittmi ***tal-vjolenza ċibernetika*** jenħtieġ li jkunu jistgħu itellgħu materjali relatati mar-rapport tagħhom, bħal ***ritratt*** tal-iskrin tal-imġiba vjolenti allegata.

***għall-ispeċifiċitajiet tar-reati koperti minn din id-Direttiva, u r-riskju ċar li l-vittmi jistgħu jirtiraw l-ilment kriminali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-evidenza tinġabar b’mod komprensiv mill-aktar fis possibbli. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkondividu l-aħjar prattiki dwar kif tiġi żgurata l-protezzjoni tal-evidenza fl-investigazzjonijiet dwar tali reati, inkluż billi jippermettu r-reġistrazzjoni bil-vidjow tal-ewwel intervista mal-vittma, kif xieraq. Għalkemm forsi mhux imsemmija mill-vittma, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li dejjem jikkunsidraw li r-reati koperti minn din id-Direttiva huma vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika u, għalhekk, jenħtieġ li jikkunsidraw li jivvalutaw dak l-aspett matul l-investigazzjoni.*** Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li***, minbarra r-rapportar wiċċ imb wiċċ,*** jipprovdu l-possibbiltà li jippreżentaw l-ilmenti***, f’ambjent sikur,*** online jew permezz ta’ teknoloġiji oħra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ***aċċessibbli*** għar-rapportar ta’ tali reati. ***Is-sistemi tal-ilmenti online jenħtieġ li jissodisfaw l-istandards tas-sigurtà u jenħtieġ li ma jipperikolawx is-sikurezza tal-vittma. L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw ir-rapportar mill-vittmi fid-diversità kollha tagħhom, inkluż, fost oħrajn, bl-iżgurar ta’ possibbiltajiet faċli u aċċessibbli għal dawk li jgħixu f’żoni remoti u bl-għoti ta’ servizzi ta’ appoġġ biex jassistu lil dawk li ma jafux jaqraw, lill-persuni li jgħixu f’istituzzjonijiet jew lill-persuni b’diżabilità, inkluż bl-użu tal-braille u l-lingwa tas-sinjali.*** Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu itellgħu materjali relatati mar-rapport tagħhom, bħal ***ritratti*** tal-iskrin tal-imġiba vjolenti allegata. ***Il-vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-għajnuna u l-assistenza legali, mingħajr ħlas u b’lingwa li jistgħu jifhmu raġonevolment, meta jirrapportaw reati kriminali u waqt proċedimenti ġudizzjarji.***

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Fil-każ ta' vjolenza domestika u vjolenza kontra n-nisa, speċjalment meta jitwettqu minn membri tal-familja mill-qrib jew minn sħab intimi, il-vittmi jistgħu jkunu taħt tali pressjoni mill-awtur tar-reat li jibżgħu li jirrikorru għand l-awtoritajiet kompetenti, anki jekk ħajjithom tkun fil-periklu. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità tagħhom ma ***jikkostitwixxux*** ostaklu għall-professjonisti rilevanti, bħall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, sabiex jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti, fejn ikollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li l-ħajja tal-vittma tkun f'riskju ***imminenti*** ta' ħsara fiżika ***serja***. Bl-istess mod, każijiet ta' vjolenza domestika jew vjolenza kontra n-nisa li jaffettwaw ***lit-tfal*** spiss jiġu interċettati biss minn terzi li jinnotaw imġiba irregolari jew ħsara fiżika fir-rigward tal-minuri. ***It-tfal*** jeħtieġ li jiġu protetti b'mod effettiv minn tali forom ta' vjolenza u ***minn*** miżuri adegwati ***meħuda*** minnufih. Għalhekk, il-professjonisti rilevanti li jiġu f'kuntatt ma' vittmi minuri jew ma' vittmi minuri potenzjali, inklużi l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jew tal-edukazzjoni, jenħtieġ li bl-istess mod ma jiġux ristretti mill-kunfidenzjalità meta jkollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li jkunu twettqu atti ***serji*** ta' vjolenza skont din id-Direttiva kontra l-minuri jew għandhom ikunu mistennija aktar atti serji. Meta l-professjonisti jirrapportaw każijiet ta' vjolenza bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ma jitqisux responsabbli għall-ksur tal-kunfidenzjalità. | (25) Fil-każ ta' vjolenza domestika u vjolenza kontra n-nisa, speċjalment meta jitwettqu minn membri tal-familja mill-qrib jew minn sħab intimi, il-vittmi jistgħu jkunu taħt tali pressjoni mill-awtur tar-reat li jibżgħu li jirrikorru għand l-awtoritajiet kompetenti, anki jekk ħajjithom tkun fil-periklu. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità tagħhom ma ***jikkostitwux*** ostaklu għall-professjonisti rilevanti, bħall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, sabiex jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti, fejn ikollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li l-ħajja tal-vittma tkun f'riskju ***serju*** ta' ħsara fiżika. ***Tali rapportar minn parti terza huwa ġġustifikat bħala miżura mmirata għall-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika minħabba li tali vjolenza spiss isseħħ f'relazzjonijiet mill-qrib jew f'ċirkostanzi familjari u tista' ma titqiesx bħala atti kriminali u għalhekk ma tiġix irrapportata minn dawk li jesperjenzawha jew ikunu xhieda diretta tagħha.*** Bl-istess mod, każijiet ta' vjolenza domestika jew vjolenza kontra n-nisa li jaffettwaw ***lill-minuri*** spiss jiġu interċettati biss minn terzi li jinnotaw imġiba irregolari jew ħsara fiżika fir-rigward tal-minuri. ***Il-minuri*** jeħtieġ li jiġu protetti b'mod effettiv minn tali forom ta' vjolenza ***minħabba l-konsegwenzi detrimentali fit-tul li għandha fuqhom,*** u ***jeħtieġ li*** miżuri adegwati ***jittieħdu*** minnufih. Għalhekk, il-professjonisti rilevanti li jiġu f'kuntatt ma' vittmi minuri jew ma' vittmi minuri potenzjali, inklużi l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jew tal-edukazzjoni, jenħtieġ li bl-istess mod ma jiġux ristretti mill-kunfidenzjalità ***u jenħtieġ li jaġixxu*** meta jkollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li jkunu twettqu atti ta' vjolenza skont din |

id-Direttiva kontra l-minuri jew għandhom ikunu mistennija aktar atti serji. Meta l-professjonisti jirrapportaw każijiet ta' vjolenza bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ma jitqisux responsabbli għall-ksur tal-kunfidenzjalità.

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rapportar fil-każijiet meta l-vittma tkun minuri, ***għandhom*** jiġu stabbiliti proċeduri ta' rapportar sikuri u li jaġevolaw lill-minuri. Dan jista' jinkludi mistoqsijiet mill-awtoritajiet kompetenti b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli. | (26) Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rapportar fil-każijiet meta l-vittma tkun minuri, ***jenħtieġ li*** jiġu stabbiliti proċeduri ta' rapportar sikuri u li jaġevolaw lill-minuri. Dan jista' jinkludi mistoqsijiet mill-awtoritajiet kompetenti b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli. ***Biex jiġu salvagwardjati l-aħjar interessi tal-minuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-professjonisti li jispeċjalizzaw fil-kura u l-appoġġ tal-minuri jkunu preżenti sabiex jgħinuhom bil-proċeduri ta' rapportar.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Id-dewmien fl-ipproċessar tal-ilmenti ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jista' jkollu riskji partikolari għall-vittmi tagħhom, minħabba li xorta jistgħu jkunu f'periklu immedjat minħabba li l-awturi tar-reati ta' spiss jistgħu jkunu membri tal-familja mill-qrib jew konjuġi. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkollhom l-għarfien espert u l-għodod investigattivi effettivi suffiċjenti sabiex jinvestigaw u jwasslu tali reati għal | (27) Id-dewmien fl-ipproċessar tal-ilmenti ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jista' jkollu riskji partikolari għall-vittmi tagħhom, minħabba li xorta jistgħu jkunu f'periklu immedjat minħabba li l-awturi tar-reati ta' spiss jistgħu jkunu membri tal-familja mill-qrib jew konjuġi. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti ***għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jenħtieġ li jipproċessaw tali lmenti mingħajr dewmien. Il-fatt li l-vittma tkun ilmentat jew biħsiebha ttemm ir-relazzjoni jista'*** |

| | |
|---|---|
| prosekuzzjoni. | ***jfisser periklu akbar għall-vittma. L-awtoritajiet kompetenti*** jenħtieġ li jkollhom l-għarfien espert ***speċjalizzat*** u l-għodod investigattivi effettivi suffiċjenti sabiex jinvestigaw u jwasslu tali reati għal prosekuzzjoni ***mingħajr dewmien żejjed għaliex il-continuum tal-vjolenza jfisser li anki dawk ir-reati li jitqiesu bħala li jikkawżaw l-inqas ħsara jistgħu jirrappreżentaw l-ewwel livell ta' eskalazzjoni tal-vjolenza***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Il-vittmi tal-vjolenza domestika u tal-vjolenza kontra n-nisa tipikament jeħtieġu protezzjoni immedjata ***jew*** appoġġ speċifiku, pereżempju fil-każ ta' vjolenza mis-sħab intimi, fejn ir-rata ta' reċidiva għandha t-tendenza li tkun għolja. Għalhekk, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni individwali sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittma mal-ewwel kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti mal-vittma jew malli jinħoloq suspett li l-persuna tkun vittma ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. Dan jista' jsir qabel ma vittma tkun irrapportat formalment reat jew b'mod proattiv jekk terzi jirrapportaw ir-reat. | (28) Il-vittmi tal-vjolenza domestika u tal-vjolenza kontra n-nisa tipikament jeħtieġu protezzjoni immedjata ***u*** appoġġ speċifiku, pereżempju fil-każ ta' vjolenza ***jew vjolenza sesswali*** mis-sħab intimi, fejn ir-rata ta' reċidiva għandha t-tendenza li tkun għolja. Għalhekk, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni individwali ***sensittiva għall-ġeneru*** sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ***u l-ħtiġijiet ta' appoġġ mediku u speċjalizzat*** tal-vittma mal-ewwel kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti mal-vittma jew malli jinħoloq suspett li l-persuna tkun vittma ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. Dan jista' jsir qabel ma vittma tkun irrapportat formalment reat jew b'mod proattiv jekk terzi jirrapportaw ir-reat. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ta' appoġġ tal-vittma, it- | (29) Meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ta' appoġġ tal-vittma, it- |

| | |
|---|---|
| tħassib primarju jenħtieġ li jkun li tiġi ssalvagwardjata s-sikurezza tal-vittma u li ***jiġi pprovdut*** appoġġ ***imfassal*** apposta, filwaqt li jitqiesu, fost affarijiet oħra, iċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma. Tali ċirkostanzi li jeħtieġu attenzjoni speċjali jistgħu jinkludu t-tqala tal-vittma ***jew*** id-dipendenza tal-vittma fuq jew ir-relazzjoni mal-awtur tar-reat. | tħassib primarju jenħtieġ li jkun li tiġi ssalvagwardjata s-sikurezza tal-vittma ***u tad-dipendenti u d-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittma,*** u li ***jiġu pprovduti protezzjoni u*** appoġġ ***imfassla*** apposta, filwaqt li jitqiesu, fost affarijiet oħra, iċ-ċirkostanzi individwali ***u l-vulnerabbiltà*** tal-vittma. Tali ċirkostanzi li jeħtieġu attenzjoni speċjali jistgħu jinkludu t-tqala tal-vittma***, is-saħħa fiżika u mentali tal-vittma, id-diżabilità, kwistjonijiet ta' abbuż ta' sustanzi, il-preżenza ta' minuri, il-preżenza ta' annimali tal-kumpanija,*** id-dipendenza tal-vittma fuq jew ir-relazzjoni mal-awtur tar-reat***, inkluża d-dipendenza ekonomika jew id-dipendenza għal raġunijiet relatati mal-istatus ta' residenza, jew il-vittma jkollha minuri komuni mal-awtur tar-reat***. |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġu żgurati appoġġ u protezzjoni komprensivi lill-vittmi, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi rilevanti kollha, mhux limitati għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, jenħtieġ li jkunu involuti fil-valutazzjoni tar-riskji għall-vittmi u miżuri ta' appoġġ xierqa abbażi ta' linji gwida ċari maħruġa mill-Istati Membri. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jinkludu fatturi li għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat ir-riskju li jirriżulta mill-awtur tar-reat jew ***mis-suspettat***, ***inkluż il-kunsiderazzjoni*** li l-persuni suspettati mixlija b'reati żgħar x'aktarx ikunu perikolużi bħal dawk mixlija b'reati aktar severi, speċjalment f'każijiet ta' vjolenza domestika u ta' ***segwiment ta' persuna bil-moħbi***. | (30) Sabiex jiġu żgurati appoġġ u protezzjoni komprensivi***, xierqa u koordinati*** lill-vittmi, ***jenħtieġ li jiġi adottat approċċ standardizzat għall-valutazzjoni tar-riskju li jippromwovi fehim kondiviż tar-riskju matul il-proċedimenti, u lingwa komuni għall-komunikazzjoni tar-riskju***. L-awtoritajiet kompetenti u l-korpi rilevanti kollha, mhux limitati għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, jenħtieġ li jkunu involuti fil-valutazzjoni tar-riskji għall-vittmi u miżuri ta' appoġġ ***u protezzjoni*** xierqa***. Dan jenħtieġ li jsir*** abbażi ta' ***protokolli ta' valutazzjoni tar-riskju sensittivi għall-ġeneru u kulturalment sensittivi u*** linji gwida ċari maħruġa mill-Istati Membri***, imfassla f'kooperazzjoni mas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)***. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li |

| | |
|---|---|
| | jinkludu fatturi li għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat ir-riskju li jirriżulta ***mill-ispeċifiċitajiet tal-forom ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva, inkluża mġiba ta' koerċizzjoni u kontroll*** mill-awtur tar-reat jew ***mill-persuna suspettata, u l-kunsiderazzjoni*** li l-persuni suspettati mixlija b'reati żgħar ***jew li jkunu għamlu l-ewwel reat*** x'aktarx ikunu perikolużi bħal dawk mixlija b'reati aktar severi ***jew ripetuti***, speċjalment f'każijiet ta' vjolenza domestika u ta' ***stalking***. ***Huwa essenzjali wkoll taħriġ speċjalizzat għal professjonisti tal-ewwel linja dwar l-użu ta' għodod ta' valutazzjoni tar-riskju. Il-valutazzjonijiet tar-riskju jenħtieġ li jiġu riveduti fi stadji importanti fil-proċess, bħall-bidu ta' kawża fil-qorti, l-għoti ta' sentenza jew diskussjonijiet rigward ir-reviżjoni tal-arranġamenti tal-kustodja.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni, u l-fatt li jbatu minn ħsara emozzjonali li tippreġudika l-iżvilupp tagħhom, it-tfal tal-vittma jenħtieġ li jirċievu l-istess miżuri ta' protezzjoni bħal dawk mogħtija lill-vittma. Persuni oħra dipendenti fuq il-vittma, bħal adulti b'diżabilità jew anzjani dipendenti li għalihom il-vittma tipprovdi kura, jistgħu jesperjenzaw ħsara emozzjonali simili u għalhekk jenħtieġ li jingħataw l-istess miżuri ta' protezzjoni. | (31) Minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni, u l-fatt li jbatu minn ħsara emozzjonali li tippreġudika l-iżvilupp tagħhom, it-tfal tal-vittma jenħtieġ li jirċievu l-istess miżuri ta' protezzjoni bħal dawk mogħtija lill-vittma. Persuni oħra dipendenti fuq il-vittma, bħal adulti b'diżabilità jew anzjani dipendenti li għalihom il-vittma tipprovdi kura, jistgħu jesperjenzaw ħsara emozzjonali simili u għalhekk jenħtieġ li jingħataw l-istess miżuri ta' protezzjoni. ***Fil-kuntest tal-vjolenza kontra n-nisa, it-trattament ħażin tat-tfal mill-awturi jista' jintuża biex jeżerċita l-poter fuq l-ommijiet u jwettaq atti ta' vjolenza kontrihom, tip ta' vjolenza indiretta kontra n-nisa magħrufa f'xi Stati Membri bħala vjolenza indiretta. L-annimali spiss jintużaw ukoll bħala*** |

| | |
|---|---|
| | ***ingranaġġ fl-eżekuzzjoni tas-setgħa mill-awtur. Għalhekk huwa vitali li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti jkunu mħarrġa b'mod adegwat dwar id-dinamika kumplessa ta' relazzjonijiet abbużivi sabiex ikunu jistgħu jagħtu tali miżuri ta' protezzjoni kull fejn u kull meta jkunu xierqa.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Il-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika spiss ikunu jeħtieġu appoġġ speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li jirċievu b'mod effettiv offerti ta' appoġġ, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirreferu lill-vittmi għal servizzi ta' appoġġ xierqa. Dan ***għandu*** b'mod partikolari jkun il-każ ***fejn*** valutazzjoni individwali tkun sabet ħtiġijiet ta' appoġġ partikolari tal-vittma. F'dak il-każ, jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ ikunu jistgħu jilħqu lill-vittma anki mingħajr il-kunsens tal-vittma. Għall-ipproċessar ta' data personali relatata mill-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tkun ibbażata fuq il-liġi, f'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) moqri flimkien mal-Artikolu (6)(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Tali liġijiet jenħtieġ li jinkludu salvagwardji xierqa tad-data personali li jirrispettaw l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u jipprevedu miżuri xierqa u speċifiċi sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-interessi tal-individwi. Meta l-awtoritajiet kompetenti jittrasferixxu d-data personali tal-vittmi ***sabiex jappoġġaw is-servizzi*** għar-riferiment tal-vittmi, jenħtieġ li jiżguraw li d-data ttrasferita tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex is-servizzi jiġu infurmati dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, | (32) Il-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika spiss ikunu jeħtieġu ***servizzi ta'*** appoġġ speċifiku ***minn professjonisti mħarrġa u ta' kura medika***. Sabiex jiġi żgurat li jirċievu b'mod effettiv offerti ta' appoġġ, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li***, immedjatament,*** jirreferu lill-vittmi għal servizzi ta' appoġġ xierqa***, inklużi servizzi mediċi***. Dan ***jenħtieġ li*** b'mod partikolari jkun il-każ ***meta*** valutazzjoni individwali tkun sabet ħtiġijiet ta' appoġġ ***u mediċi*** partikolari tal-vittma. F'dak il-każ, jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ ikunu jistgħu jilħqu lill-vittma anki mingħajr il-kunsens tal-vittma***, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa tas-sikurezza tal-vittma, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-vittima u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe vittimizzazzjoni ulterjuri jew sekondarja. Madankollu, jenħtieġ li tiġi eżerċitata kawtela xierqa f'dak ir-rigward minħabba li vittma tista' titqiegħed f'periklu jekk is-servizzi ta' appoġġ jilħqu lill-vittma mingħajr il-kunsens tal-vittma, pereżempju jekk il-vittma tgħix ma' attur tar-reat li jikkontrollaha. Dan jirriskja wkoll li jkompli jiżola lill-vittmi mill-appoġġ minħabba l-biża'. Għalhekk, jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ jilħqu lill-vittmi biss mingħajr il-kunsens tagħhom meta jqisu li dan huwa vitali għas-sikurezza u l-benesseri tal-vittmi***. Għall- |

sabiex il-vittmi jirċievu appoġġ u protezzjoni xierqa.

ipproċessar ta' data personali relatata mill-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tkun ibbażata fuq il-liġi, f'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) moqri flimkien mal-Artikolu (6)(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] ***u d-Direttiva (UE) 2016/680***. Tali liġijiet jenħtieġ li jinkludu salvagwardji xierqa tad-data personali li jirrispettaw l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u jipprevedu miżuri xierqa u speċifiċi sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali u l-interessi tal-individwi. Meta l-awtoritajiet kompetenti jittrasferixxu d-data personali tal-vittmi ***lis-servizzi ta' appoġġ u mediċi*** għar-riferiment tal-vittmi, jenħtieġ li jiżguraw li d-data ttrasferita tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex is-servizzi jiġu infurmati dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, sabiex il-vittmi jirċievu appoġġ***, kura medika*** u protezzjoni xierqa. ***Jenħtieġ li jiġi żgurat li għadd limitat biss ta' persuni jkollhom aċċess għad-data u li l-perjodi ta' aċċess jiġu stabbiliti b'mod ċar. Jenħtieġ li l-vittmi jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-passi fil-proċedimenti u dwar kif l-evidenza tista' tiġi żgurata għal proċedimenti kriminali futuri potenzjali.***

---

[7] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*** (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1***—88***).

[7] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(32a) L-iżgurar tal-preżenza ta' persunal speċjalizzat fi ħdan l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekuzzjoni u ġudizzjarji tal-Istati Membri huwa ta' importanza kbira. It-twaqqif ta' qrati jew awli speċjalizzati u l-ħatra ta' prosekuturi speċjalizzati dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala għażla oħra għall-Istati Membri biex jiżguraw approċċ sensittiv għall-ġeneru fil-ġlieda kontra dawn ir-reati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw biżżejjed riżorsi biex jinvestigaw ir-reati koperti minn din id-Direttiva sabiex tiġi evitata sitwazzjoni meta investigazzjoni inadegwata twassal għal prosekuzzjoni ineffettiva tar-reat u sabiex tiġi evitata żieda fl-impunità.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (33) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw id-disponibbiltà ta' ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' ***restrizzjoni*** u ta' protezzjoni ta' emerġenza sabiex jiżguraw protezzjoni effettiva tal-vittmi u tad-dipendenti tagħhom. | (33) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw id-disponibbiltà ***mħaffa*** ta' ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' ***trażżin*** u ta' protezzjoni ta' emerġenza ***kif ukoll l-użu ta' arrest u ta' detenzjoni*** sabiex jiżguraw protezzjoni effettiva tal-vittmi u tad-dipendenti tagħhom. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (34) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw | (34) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw |

| | |
|---|---|
| li ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza jistgħu jinħarġu f'sitwazzjonijiet ta' periklu immedjat, bħal meta d-dannu jkun imminenti jew diġà mmaterjalizzat u x'aktarx jerġa' jiġi kkawżat. | li ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza jistgħu jinħarġu f'sitwazzjonijiet ta' periklu immedjat, bħal meta d-dannu jkun imminenti jew diġà mmaterjalizzat u x'aktarx jerġa' jiġi kkawżat ***lill-vittmi jew lid-dipendenti***. |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) L-ordnijiet ta' protezzjoni jistgħu jinkludu l-projbizzjoni tal-awtur tar-reat jew tas-suspettat milli jaċċessa ċerti lokalitajiet***;*** milli javviċina lill-vittma jew lil dipendenti aktar qrib mid-distanza stabbilita ***jew*** milli ***jidħol f'kuntatt magħhom***, inkluż permezz tal-użu ta' interfaċċi online u milli jkollu fil-pussess tiegħu armi tan-nar jew armi fatali, fejn meħtieġ. | (35) L-ordnijiet ta' protezzjoni ***u ta' trażżin jistgħu*** jinkludu l-projbizzjoni tal-awtur tar-reat jew tas-suspettat milli jaċċessa ċerti lokalitajiet***, postijiet jew żoni definiti meta l-vittma jew dipendenti jirrisjedu fihom jew iżuruhom*** milli javviċina lill-vittma jew lil dipendenti aktar qrib mid-distanza stabbilita***,*** milli ***jikkuntattja lill-vittma jew lil dipendenti***, inkluż permezz tal-użu ta' interfaċċi online u milli jkollu fil-pussess tiegħu armi tan-nar jew armi fatali, fejn meħtieġ. ***Jenħtieġ li tali ordnijiet jinħarġu kull meta sitwazzjoni ta' riskju għall-vittma tagħmilhom rakkomandabbli irrispettivament minn jekk il-vittma rrapportatx reat kriminali.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-effettività tal-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza, ta' trażżin u ta' protezzjoni, jenħtieġ li l-ksur ta' tali ordnijiet ikun soġġett għal pieni. Dawk il-pieni jistgħu jkunu ta' natura tal-liġi kriminali jew ta' natura legali oħra u jistgħu jinkludu sentenzi ta' ħabs, multi jew kwalunkwe | (36) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-effettività tal-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza, ta' trażżin u ta' protezzjoni, jenħtieġ li l-ksur ta' tali ordnijiet ikun soġġett għal pieni. Dawk il-pieni jistgħu jkunu ta' natura tal-liġi kriminali jew ta' natura legali oħra u jistgħu jinkludu sentenzi ta' ħabs, multi jew kwalunkwe |

| | |
|---|---|
| piena legali oħra li tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva. | piena legali oħra li tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li f'sitwazzjonijiet li fihom jinħarġu ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin u ta' protezzjoni, l-awturi tar-reat ikunu infurmati u mħeġġa jirreġistraw b'mod volontarju fi programmi speċjalizzati li jindirizzaw l-imġiba vjolenti tagħhom. Huwa essenzjali li l-vittmi jkunu infurmati dwar kwalunkwe ksur tal-ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni. Peress li ksur tal-ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni jista' jżid ir-riskji u jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ aktar protezzjoni, jenħtieġ li ssir valutazzjoni mġedda tal-ordni wara ksur dokumentat.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Il-monitoraġġ elettroniku jenħtieġ li jintuża biex jiġi żgurat l-infurzar ta' ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin u ta' protezzjoni ta' emerġenza. Il-monitoraġġ elettroniku jagħmilha possibbli li tiġi żgurata l-konformità mal-ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin u ta' protezzjoni ta' emerġenza, li tiġi rreġistrata evidenza ta' ksur ta' tali ordnijiet u tittejjeb is-superviżjoni tal-atturi tar-reat. Il-vittmi jenħtieġ li dejjem jiġu infurmati dwar il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tal-monitoraġġ elettroniku.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Il-preżentazzjoni ta' evidenza ta' mġiba sesswali tal-passat sabiex jiġu sfidati l-kredibbiltà u n-nuqqas ta' kunsens tal-vittmi f'każijiet ta' vjolenza sesswali, speċjalment każijiet ta' stupru, tista' ssaħħaħ il-kontinwazzjoni ta' sterjotipi dannużi tal-vittmi u twassal għal vittimizzazzjoni ripetuta jew sekondarja. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, il-mistoqsijiet, l-inkjesti u l-evidenza dwar l-imġiba sesswali tal-vittma fil-passat ma ***għandhomx ikunu*** permessi f'investigazzjonijiet kriminali u fi proċedimenti tal-qorti. | (37) Il-preżentazzjoni ta' evidenza ta' mġiba sesswali tal-passat***, il-preferenzi sesswali tal-vittma u l-ilbies tal-vittma*** sabiex jiġu sfidati l-kredibbiltà u n-nuqqas ta' kunsens tal-vittmi f'każijiet ta' vjolenza sesswali, speċjalment każijiet ta' stupru, tista' ssaħħaħ il-kontinwazzjoni ta' sterjotipi dannużi tal-vittmi u twassal għal vittimizzazzjoni ripetuta jew sekondarja. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, il-mistoqsijiet, l-inkjesti u l-evidenza dwar l-imġiba sesswali tal-vittma fil-passat ***jenħtieġ li*** ma ***jkunux*** permessi f'investigazzjonijiet kriminali u fi proċedimenti tal-qorti. ***Jenħtieġ li jkun possibbli biss li jintużaw fi proċedimenti tal-qorti n-noti meħuda minn konsulenti jew terapisti bil-qbil tal-persuna li tkellmet mal-konsulent jew it-terapista.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37a) Is-servizzi speċjalizzati tan-nisa għandhom rwol kruċjali fl-għoti ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Huma jipprovdu servizzi li jużaw metodoloġiji sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jappoġġaw lin-nisa u lit-tfal tagħhom li jesperjenzaw vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika. Tali servizzi jinkludu ċ-ċentri ta' appoġġ għan-nisa, postijiet ta' kenn għan-nisa, linji ta' għajnuna, ċentri għall-vittmi ta' stupru, ċentri ta' riferiment f'każ ta' vjolenza sesswali, u servizzi ta' prevenzjoni primarja. Ħafna drabi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi mmexxija min-nisa.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Minħabba l-kumplessitajiet u l-gravità tar-reati ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ għall-vittmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li appoġġ u prevenzjoni addizzjonali ta' tali reati jiġu pprovduti minn korpi maħtura. Minħabba l-għarfien espert tagħhom fi kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess, il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza, stabbiliti f'konformità mad-Direttivi 2004/113/KE[8], 2006/54/KE[9] u 2010/41/UE[10] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma f'pożizzjoni tajba sabiex jissodisfaw dawn il-kompiti. Jenħtieġ li tali korpi jkollhom ukoll il-kapaċità legali li jaġixxu f'isem jew b'appoġġ għall-vittmi ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika fi proċedimenti ġudizzjarji, inkluż għat-talba għal kumpens u t-tneħħija ta' kontenut illegali online, bl-approvazzjoni tal-vittmi. Dan ***għandu*** jinkludi l-possibbiltà li tittieħed azzjoni f'isem jew b'appoġġ ta' diversi vittmi flimkien. Sabiex dawn il-korpi jkunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv il-kompiti tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawn jiġu pprovduti b'riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti. | (38) Minħabba l-kumplessitajiet u l-gravità tar-reati ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ għall-vittmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li appoġġ u prevenzjoni addizzjonali ta' tali reati jiġu pprovduti minn ***servizzi speċjalizzati u*** korpi ***nazzjonali, korpi ta' ugwaljanza*** maħtura ***u atturi oħra rilevanti***. Minħabba l-għarfien espert tagħhom fi kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi ***tar-razza, tal-etniċità u*** tas-sess, il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza, stabbiliti f'konformità mad-Direttivi ***2000/43/KE,*** 2004/113/KE[8], 2006/54/KE[9] u 2010/41/UE[10] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ***jistgħu jkunu*** f'pożizzjoni tajba sabiex jissodisfaw dawn il-kompiti ***sakemm huma jkollhom għarfien espert speċjalizzat adegwat fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika***. ***F'konformità mat-tradizzjonijiet u l-kulturi legali individwali tal-Istati Membri,*** jenħtieġ li tali korpi ***u atturi speċjalizzati rilevanti oħra jkunu kapaċi jappoġġaw il-ġbir tad-data u jenħtieġ li*** jkollhom ukoll il-kapaċità legali li jaġixxu f'isem jew b'appoġġ għall-vittmi ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika fi proċedimenti ġudizzjarji, inkluż għat-talba għal kumpens u t-tneħħija ta' kontenut illegali online, bl-approvazzjoni tal-vittmi. ***Jenħtieġ li*** dan jinkludi l-possibbiltà li tittieħed azzjoni f'isem jew b'appoġġ ta' diversi vittmi flimkien. Sabiex dawn il-korpi jkunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv il-kompiti tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawn jiġu pprovduti b'riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti ***u li jkunu mħarrġa b'mod xieraq biex iżommu lilhom infushom aġġornati mal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda użati b'konnessjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***mar-reati koperti minn din id-Direttiva***. |

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

[9] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

[10] Id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

[9] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

[10] Id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1).

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Ċerti reati koperti minn din id-Direttiva jinvolvu r-riskju akbar ta' vittimizzazzjoni ripetuta, imtawla fiż-żmien jew saħansitra kontinwa. Dak ir-riskju jseħħ b'mod speċjali fir-rigward ta' reati li jinvolvu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ***ta' multitudni*** ta' utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta' materjal, li jirriżulta minn ċerti reati ta' vjolenza ċibernetika, meta wieħed iqis il-faċilità u l-veloċità li bihom tali materjal jista' jitqassam fuq skala kbira u d-diffikultajiet li spiss jeżistu fir-rigward tat-tneħħija ta' tali materjal. Dak ir-riskju tipikament jibqa' anke wara l-kundanna. | (39) Ċerti reati koperti minn din id-Direttiva jinvolvu r-riskju akbar ta' vittimizzazzjoni ripetuta, imtawla fiż-żmien jew saħansitra kontinwa. Dak ir-riskju jseħħ b'mod speċjali fir-rigward ta' reati li jinvolvu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' utenti finali ***oħra***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta' materjal, li jirriżulta minn ċerti reati ta' vjolenza ċibernetika, meta wieħed iqis il-faċilità u l-veloċità li bihom tali materjal jista' jitqassam fuq skala kbira u d-diffikultajiet li spiss jeżistu fir-rigward tat-tneħħija ta' tali materjal. Dak ir-riskju tipikament jibqa' anke wara l-kundanna. Għalhekk, |

| | |
|---|---|
| Għalhekk, sabiex jiġu ssalvagwardjati b'mod effettiv id-drittijiet tal-vittmi ta' dawk ir-reati, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu miżuri xierqa mmirati lejn it-tneħħija tal-materjal inkwistjoni. Meta jitqies li t-tneħħija fis-sors mhux dejjem tista' tkun fattibbli, pereżempju minħabba diffikultajiet legali jew prattiċi relatati mal-eżekuzzjoni jew l-infurzar ta' ordni sabiex jitneħħa, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jipprevedu miżuri sabiex jiġi ***mblukkat*** l-aċċess għal tali materjal. | sabiex jiġu ssalvagwardjati b'mod effettiv id-drittijiet tal-vittmi ta' dawk ir-reati, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu miżuri xierqa mmirati lejn it-tneħħija tal-materjal inkwistjoni. Meta jitqies li t-tneħħija fis-sors mhux dejjem tista' tkun fattibbli, pereżempju minħabba diffikultajiet legali jew prattiċi relatati mal-eżekuzzjoni jew l-infurzar ta' ordni sabiex jitneħħa, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jipprevedu miżuri sabiex jiġi ***diżattivat*** l-aċċess għal tali materjal. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar ordnijiet u miżuri oħra għat-tneħħija u l-imblukkar tal-aċċess għall-materjal rilevanti ma jaffettwawx ir-regoli rilevanti fir-Regolament ***XX/SSSS [ir-Regolament propost dwar l-ASD]***. B'mod partikolari, dawk l-ordnijiet jenħtieġ li jikkonformaw mal-projbizzjoni tal-impożizzjoni ta' obbligi ġenerali ta' monitoraġġ jew tiftix attiv tal-fatti u mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-ordnijiet sabiex jitneħħa kontenut illegali online. | (42) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar ordnijiet u miżuri oħra għat-tneħħija u l-imblukkar tal-aċċess għall-materjal rilevanti ma jaffettwawx ir-regoli rilevanti fir-Regolament ***(UE) 2022/2065***. B'mod partikolari, dawk l-ordnijiet jenħtieġ li jikkonformaw mal-projbizzjoni tal-impożizzjoni ta' obbligi ġenerali ta' monitoraġġ jew tiftix attiv tal-fatti u mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-ordnijiet sabiex jitneħħa kontenut illegali online. |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Meta titqies l-importanza potenzjali ta' materjal li jista' jkun is-suġġett tal-ordnijiet jew ta' miżuri oħra meħuda skont din id-Direttiva sabiex jitneħħa jew jiġi ***mblukkat*** l-aċċess għalih għall- | (43) Meta titqies l-importanza potenzjali ta' materjal li jista' jkun is-suġġett tal-ordnijiet jew ta' miżuri oħra meħuda skont din id-Direttiva sabiex jitneħħa jew jiġi ***diżattivat*** l-aċċess għalih għall- |

| | |
|---|---|
| investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati rilevanti skont id-dritt kriminali, jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksbu jew jiżguraw tali materjal, fejn meħtieġ. Dawk il-miżuri jistgħu jikkonsistu, pereżempju, fil-ħtieġa li l-fornituri ta' servizzi intermedjarji rilevanti jittrażmettu l-materjal lil dawk l-awtoritajiet jew li jippreservaw il-materjal għal perjodu limitat li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. Kwalunkwe miżura bħal din jenħtieġ li tiżgura s-sigurtà tal-materjal, tibqa' limitata għal dak li huwa raġonevoli u tikkonforma mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali. | investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati rilevanti skont id-dritt kriminali, jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksbu jew jiżguraw tali materjal ***bl-iskop li tiġi pprovduta evidenza***, fejn meħtieġ. Dawk il-miżuri jistgħu jikkonsistu, pereżempju, fil-ħtieġa li l-fornituri ta' servizzi intermedjarji rilevanti jittrażmettu l-materjal lil dawk l-awtoritajiet jew li jippreservaw il-materjal għal perjodu limitat li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ ***fil-qafas tal-investigazzjoni u biex tiġi appoġġata***. Kwalunkwe miżura bħal din jenħtieġ li tiżgura s-sigurtà tal-materjal, tibqa' limitata għal dak li huwa raġonevoli***, meħtieġ u proporzjonat,*** u tikkonforma mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali. |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Sabiex tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja, il-vittmi ***għandhom ikunu*** jistgħu jiksbu kumpens matul il-proċedimenti kriminali. Il-kumpens mill-awtur tar-reat ***għandu*** jkun sħiħ u ma ***għandux ikun*** ristrett minn limitu massimu fiss. Dan ***għandu*** jkopri l-ħsara u t-trawma kollha esperjenzati mill-vittmi u l-kostijiet għall-ġestjoni tad-danni, inklużi, fost l-oħrajn, il-kostijiet tat-terapija, l-impatt fuq is-sitwazzjoni tal-impjieg tal-vittma, it-telf tal-qligħ, id-danni psikoloġiċi, u l-preġudizzju morali minħabba l-ksur tad-dinjità. L-ammont ta' kumpens ***għandu*** jirrifletti li l-vittmi tal-vjolenza domestika jista' jkollhom sabiex jinqalgħu mill-għeruq ta' ħajjithom biex ifittxu s-sikurezza, li tinvolvi bidla possibbli fl-impjieg jew isibu skejjel ġodda għat-tfal jew saħansitra joħolqu identità ġdida. | (44) Sabiex tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja, il-vittmi ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu jiksbu kumpens matul il-proċedimenti kriminali. Il-kumpens mill-awtur tar-reat ***jenħtieġ li*** jkun sħiħ u ***jenħtieġ li*** ma ***jkunx*** ristrett minn limitu massimu fiss. Dan ***jenħtieġ li*** jkopri l-ħsara u t-trawma kollha esperjenzati mill-vittmi u l-kostijiet għall-ġestjoni tad-danni, inklużi, fost l-oħrajn, il-kostijiet ***għal servizzi tas-saħħa, inklużi servizzi tas-saħħa sesswali, riproduttiva u psikoloġika, riabilitazzjoni, il-kostijiet*** tat-terapija, l-impatt fuq is-sitwazzjoni tal-impjieg tal-vittma, it-telf tal-qligħ, id-danni psikoloġiċi, u l-preġudizzju morali minħabba l-ksur tad-dinjità. ***Jenħtieġ li*** l-ammont ta' kumpens jirrifletti li l-vittmi tal-vjolenza ***kontra n-nisa u tal-vjolenza*** domestika jista' jkollhom sabiex jinqalgħu mill-għeruq ta' |

| | |
|---|---|
| | ħajjithom biex ifittxu s-sikurezza, li tinvolvi bidla possibbli ***fir-residenza jew*** fl-impjieg jew isibu skejjel ġodda għat-tfal jew saħansitra joħolqu identità ġdida. ***Il-kumpens jenħtieġ li jkun disponibbli għall-vittmi malajr kemm jista' jkun.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Jenħtieġ li l-assistenza u l-appoġġ lill-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jiġu pprovduti qabel, matul u għal perjodu xieraq wara li jkunu ntemmu l-proċedimenti kriminali, pereżempju fejn ikun għadu meħtieġ trattament mediku sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi fiżiċi jew psikoloġiċi severi tal-vjolenza, jew jekk is-sikurezza tal-vittma tkun f'riskju b'mod partikolari minħabba d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-vittma f'dawk il-proċedimenti. | (45) Jenħtieġ li l-assistenza u l-appoġġ lill-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jiġu pprovduti ***mingħajr dewmien*** qabel, matul u għal perjodu xieraq wara li jkunu ntemmu l-proċedimenti kriminali, pereżempju fejn ikun għadu meħtieġ trattament mediku sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi fiżiċi jew psikoloġiċi severi tal-vjolenza, jew jekk is-sikurezza tal-vittma tkun f'riskju b'mod partikolari minħabba d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-vittma f'dawk il-proċedimenti. ***Jenħtieġ li l-assistenza u l-appoġġ ikunu disponibbli għall-vittmi irrispettivament minn jekk ikunux inbdew proċedimenti kriminali.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati jipprovdu appoġġ lill-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, inklużi l-vjolenza sesswali, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ furzat, l-abort furzat u l-isterilizzazzjoni, il-fastidju sesswali u ta' diversi forom ta' vjolenza ċibernetika. | (46) Jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati jipprovdu appoġġ***, konsulenza u informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni legali u prattika rilevanti u dwar riferimenti għal eżamijiet forensiċi mediċi u servizzi komprensivi tal-kura tas-saħħa*** lill-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, inklużi l-vjolenza sesswali, ***il-frustrazzjoni*** |

***sesswali permezz tal-prostituzzjoni ta' oħrajn,*** il-mutilazzjoni ġenitali femminili ***u intersesswali***, iż-żwieġ furzat, l-abort furzat u l-isterilizzazzjoni, il-fastidju sesswali u ta' diversi forom ta' vjolenza ċibernetika.

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Jenħtieġ li l-appoġġ speċjalizzat joffri lill-vittmi appoġġ imfassal apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u irrispettivament minn kwalunkwe lment uffiċjali. Tali servizzi ***jistgħu*** jingħataw flimkien mas-servizzi ġenerali ta' appoġġ tal-vittmi jew bħala parti integrali minnhom, li jistgħu jintalbu minn entitajiet eżistenti li jipprovdu appoġġ speċjalizzat. L-appoġġ speċjalizzat jista' jiġi pprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, jew minn organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra. Jenħtieġ li jingħataw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji u, fejn is-servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jirċievu fondi xierqa. | (47) Jenħtieġ li l-appoġġ speċjalizzat joffri lill-vittmi appoġġ ***inkluża kura medika,*** imfassal apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u irrispettivament minn kwalunkwe lment uffiċjali. Tali servizzi ***jenħtieġ li*** jingħataw flimkien mas-servizzi ġenerali ta' appoġġ tal-vittmi jew bħala parti integrali minnhom, li jistgħu jintalbu minn entitajiet eżistenti li jipprovdu appoġġ speċjalizzat***, b'mod partikolari mas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għan-nisa. Jenħtieġ li jitpoġġew fis-seħħ sistemi ta' riferiment u kooperazzjoni bejn is-servizzi ġenerali ta' appoġġ għall-vittmi u l-appoġġ speċjalizzat tan-nisa***. L-appoġġ speċjalizzat jista' jiġi pprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali, ***reġjonali jew lokali*** mill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, jew minn organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra. Jenħtieġ li jingħataw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji u, fejn is-servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jirċievu fondi xierqa. ***Meta jippjanaw l-organizzazzjoni ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-istrutturi tas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati eżistenti pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-sinerġiji bejniethom, kif ukoll it-tipi ta' servizzi offruti sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni ċara bejn l-atturi u, bħala konsegwenza, jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-*** |

| | |
|---|---|
| | ***nisa għal dawk is-servizzi.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Il-vittmi tal-vjolenza domestika u tal-vjolenza kontra n-nisa tipikament ikollhom ħtiġijiet multipli ta' protezzjoni u ta' appoġġ. Sabiex dawn jiġu indirizzati b'mod effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu tali servizzi fl-istess bini, jew li jkollhom tali servizzi kkoordinati permezz ta' punt ta' kuntatt ċentrali. Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu ***wkoll il-vittmi*** f'żoni remoti jew li ma jkunux jistgħu jilħqu fiżikament tali ċentri, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu aċċess online għal tali servizzi. Dan ***għandu*** jinvolvi l-istabbiliment ta' sit web uniku u aġġornat fejn tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ u protezzjoni disponibbli (aċċess online ta' punt uniku ta' servizz). Is-sit web ***għandu*** jsegwi r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. | (48) Il-vittmi tal-vjolenza domestika u tal-vjolenza kontra n-nisa tipikament ikollhom ħtiġijiet multipli ta' protezzjoni***, mediċi*** u ta' appoġġ. ***Dan it-tip ta' appoġġ huwa żgurat bl-aħjar mod mill-organizzazzjonijiet tan-nisa, meta jitqies l-impatt sproporzjonat li l-vjolenza kontra n-nisa għandha fuqhom. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jappoġġaw u jirrikonoxxu s-servizzi speċjalizzati tan-nisa. Jenħtieġ li s-servizzi speċjalizzati tan-nisa jiġu inklużi b'mod sistematiku fil-proċessi ta' koordinazzjoni bejn diversi aġenziji għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju.*** Sabiex dawn jiġu indirizzati b'mod effettiv ***il-ħtiġijiet multipli ta' protezzjoni, mediċi u ta' appoġġ tal-vittmi ta' vjolenza domestika u vjolenza kontra n-nisa***, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu tali servizzi fl-istess bini, jew***, alternattivament,*** li jkollhom tali servizzi kkoordinati permezz ta' punt ta' kuntatt ċentrali. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tali servizzi jiġu mqassma ġeografikament b'mod ekwu.*** Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu ***l-vittmi kollha, inklużi dawk*** f'żoni remoti jew li ma jkunux jistgħu jilħqu fiżikament tali ċentri, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu aċċess ***remot*** online għal tali servizzi ***billi jniedu app, sit web u helpline li tkun disponibbli 24 siegħa kuljum***. ***Jenħtieġ li*** dan jinvolvi***, fost l-oħrajn,*** l-istabbiliment ta' sit web uniku u aġġornat fejn tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u l-aċċess għas-servizzi ***fiżiċi u online*** ta' appoġġ u protezzjoni disponibbli (aċċess online ta' punt uniku ta' servizz). Is-sit web ***jenħtieġ li*** jsegwi r-rekwiżiti ta' |

aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità ***bħal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882***. ***Is-servizzi kollha, kemm online kif ukoll dawk fiżiċi, jenħtieġ li jkunu aċċessibbli bis-sħiħ u mhux diskriminatorji.***

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48a) Jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konsultazzjoni u kooperazzjoni ma', fost l-oħrajn, is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa, iċ-ċentri għall-protezzjoni tal-vittmi, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u atturi rilevanti oħra, abbażi tal-evidenza, l-għarfien espert u l-aħjar prattiki tagħhom, u filwaqt li jqisu l-proċess għat-twettiq u l-kontenut ta' valutazzjonijiet individwali speċjalizzati biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi u l-valutazzjonijiet individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi skont din id-Direttiva, joħorġu u jirrieżaminaw u, fejn meħtieġ, jaġġornaw, fuq bażi regolari, fid-dawl tal-applikazzjoni prattika tagħhom, linji gwida u protokolli għal servizzi ġenerali ta' appoġġ għall-vittmi. Tali linji gwida u protokolli jenħtieġ li jinkludu informazzjoni dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-vittmi b'mod sensittiv għat-trawma, il-ġeneru u l-minuri, b'mod li jiġu evitati l-isterjotipi tal-ġeneri u b'mod li jipprevjeni vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Servizzi ta’ appoġġ speċjalizzat, inklużi postijiet ta’ kenn u ***ċentri ta’ kriżijiet ta’ stupru***, jenħtieġ li jitqiesu essenzjali matul kriżijiet u stati ta’ emerġenza, inkluż matul kriżijiet tas-saħħa. Dawn is-servizzi ***għandhom ikomplu*** jiġu offruti f’dawn is-sitwazzjonijiet, fejn hemm it-tendenza li jiżdiedu każijiet ta’ vjolenza domestika u vjolenza kontra n-nisa. | (49) Servizzi ta’ appoġġ speċjalizzat, inklużi postijiet ta’ kenn u ***ċentri għall-vittmi ta’ stupru***, ***ċentri ta’ konsulenza għan-nisa, ċentri ta’ referenza għal vjolenza sesswali, ċentri speċjalizzati għal-LGBTIQ, helplines, u programmi li jindirizzaw ir-riabilitazzjoni tal-awturi ta’ vjolenza u l-ġestjoni klinika tal-istupru*** jenħtieġ li jitqiesu essenzjali matul kriżijiet u stati ta’ emerġenza, inkluż matul kriżijiet tas-saħħa. Dawn is-servizzi ***jenħtieġ li jkomplu*** jiġu offruti f’dawn is-sitwazzjonijiet, fejn hemm it-tendenza li jiżdiedu każijiet ta’ vjolenza domestika u vjolenza kontra n-nisa. |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) In-natura trawmatika tal-vjolenza sesswali, inkluż l-istupru, teħtieġ rispons ***partikolarment*** sensittiv minn persunal imħarreġ u speċjalizzat. Il-vittmi ta’ dan it-tip ta’ vjolenza jeħtieġu kura medika immedjata u appoġġ għat-trawma flimkien ***ma’*** eżamijiet forensiċi immedjati sabiex tinġabar l-evidenza meħtieġa għall-prosekuzzjoni***. Iċ-ċentri ta’ kriżi tal-istupru jew iċ-ċentri ta’ referenza għall-vjolenza sesswali jenħtieġ li*** jkunu disponibbli f’numri suffiċjenti u mifruxa b’mod adegwat fit-territorju ta’ kull Stat Membru. Bl-istess mod, il-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili, li spiss ikunu bniet, tipikament ikollhom bżonn appoġġ ***immirat***. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jipprovdu appoġġ dedikat ***imfassal apposta*** għal dawn il-vittmi. | (50) In-natura trawmatika tal-vjolenza sesswali, inkluż l-istupru, teħtieġ rispons sensittiv ***għall-ġeneru*** minn persunal imħarreġ u speċjalizzat. Il-vittmi ta’ dan it-tip ta’ vjolenza jeħtieġu kura medika immedjata***, komprensiva u fit-tul, inkluż kura medika sesswali u riproduttiva u l-ġestjoni klinika tal-istupru, inkluż kontraċezzjoni ta’ emerġenza, profilassi ta’ wara l-esponiment, trattamenti għall-infezzjonijiet trażmessi sesswalment u aċċess għal abort sikur u legali,*** u appoġġ għat-trawma flimkien ***mal-opzjoni ta’ appoġġ fit-tul, inkluża konsulenza. Iċ-ċentri għall-vittmi ta’ stupru jew iċ-ċentri ta’ riferiment f’każ ta’ vjolenza sesswali jenħtieġ li joffru*** eżamijiet forensiċi immedjati sabiex tinġabar l-evidenza meħtieġa għall-prosekuzzjoni ***u*** jkunu disponibbli ***24 siegħa kuljum*** f’numri suffiċjenti u mifruxa b’mod adegwat fit-territorju ta’ kull Stat Membru. Bl-istess |

mod, il-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili ***u intersesswali u prattiki ta' ħsara oħra***, li spiss ikunu bniet, tipikament ikollhom bżonn appoġġ ***imfassal apposta***. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jipprovdu appoġġ dedikat ***personalizzat*** għal dawn il-vittmi ***permezz ta' approċċ multidixxiplinari u ffukat fuq il-vittmi u billi jipprovdu taħriġ immirat lill-professjonisti rilevanti kollha li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' vittma jew ma' persuna f'riskju***. ***Dan l-appoġġ speċjalizzat jenħtieġ li jiġi pprovdut bl-ogħla standards ta' privatezza, intimità u kunfidenzjalità.***

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(50a) Il-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili, li spiss ikunu bniet, u l-vittmi ta' sterilizzazzjoni furzata tipikament ikollhom bżonn appoġġ immirat. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jipprovdu appoġġ dedikat imfassal apposta għal dawk il-vittmi u li dawk is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati jiġu pprovduti bl-ogħla standards ta' privatezza, intimità u kunfidenzjalità.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(50b) Minħabba li l-vjolenza ċibernetika hija sottorapportata b'mod sinifikanti, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tal-vjolenza ċibernetika jenħtieġ li jkunu mgħammra b'mod xieraq u jenħtieġ li tali servizzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***jkunu faċilment aċċessibbli. Tali servizzi jenħtieġ li jinkludu appoġġ psikoloġiku, assistenza u konsulenza legali.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 58c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(50c) Il-vjolenza fuq il-post tax-xogħol u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol mhumiex aċċettabbli u mhumiex kompatibbli ma' xogħol deċenti. Dawn jaffettwaw is-saħħa psikoloġika, fiżika u sesswali, id-dinjità, u l-ambjent familjari u soċjali tal-persuni, u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi u privati. B'mod partikolari, jistgħu jipprevjenu lill-persuni, partikolarment lin-nisa, milli jaċċessaw, u jibqgħu u javvanzaw fis-suq tax-xogħol u għalhekk huma theddida għall-opportunitajiet indaqs. Jaffettwaw ukoll b'mod negattiv l-organizzazzjoni tax-xogħol, ir-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol, l-ingaġġ tal-ħaddiema, ir-reputazzjoni tal-intrapriża u l-produttività.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (51) Il-fastidju fuq il-post tax-xogħol jitqies bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess mid-Direttivi 2004/113/KE, 2006/54/KE u 2010/41/UE. Minħabba li l-fastidju sesswali ***fuq il-post*** tax-xogħol għandu konsegwenzi negattivi sinifikanti kemm għall-vittmi kif ukoll għall-impjegaturi, għandhom jingħataw pariri minn servizzi ***ta' konsulenza esterna*** kemm lill-vittmi kif ukoll lill-impjegaturi, dwar kif għandhom jiġu indirizzati każijiet bħal dawn ***fuq il-post*** tax-xogħol, dwar ir- | (51) Il-fastidju fuq il-post tax-xogħol jitqies bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess mid-Direttivi 2004/113/KE, 2006/54/KE u 2010/41/UE. Minħabba li l-fastidju sesswali ***fid-dinja*** tax-xogħol ***huwa forma ta' diskriminazzjoni li*** għandu konsegwenzi negattivi sinifikanti kemm għall-vittmi kif ukoll għall-impjegaturi, għandhom jingħataw pariri minn servizzi ***speċjalizzati u mħarrġa esterni*** kemm lill-vittmi kif ukoll lill-impjegaturi, dwar kif għandhom jiġu ***pprevenuti u*** indirizzati |

| | |
|---|---|
| rimedji legali disponibbli għall-impjegatur sabiex ineħħi lill-awtur tar-reat mill-post tax-xogħol u sabiex tiġi pprovduta l-possibbiltà ta' konċiljazzjoni bikrija, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk. | każijiet bħal dawn ***fid-dinja*** tax-xogħol, dwar ir-rimedji legali disponibbli għall-impjegatur sabiex ineħħi lill-awtur tar-reat mill-post tax-xogħol u sabiex tiġi pprovduta l-possibbiltà ta' konċiljazzjoni bikrija, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk. ***Il-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol jenħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' djalogu soċjali jew permezz ta' atti legali jew it-tnejn, b'kunsiderazzjoni tal-postijiet kollha fuq il-post tax-xogħol kif stabbilit mill-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 51a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(51a) Is-sħab soċjali jista' jkollhom rwol ewlieni fl-indirizzar, permezz ta' miżuri rilevanti, tal-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol u tal-vjolenza domestika. Bid-disponibbiltà dejjem tikber tat-telexogħol ibbażat id-dar, is-sit tal-vjolenza domestika jista' fil-fatt ikun il-post tax-xogħol tal-vittma. L-impjegaturi u t-trade unions jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' vjolenza domestika, biex jappoġġaw lill-vittmi u biex jindirizzaw l-impatt tal-vjolenza domestika fuq il-ħajja professjonali. Diġà hemm ħafna eżempji ta' prattiki tajbin u ftehimiet fuq il-politiki tal-post tax-xogħol li jagħtu appoġġ lill-vittmi tal-vjolenza domestika, li jippermettulhom ikomplu jaħdmu b'mod sikur.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-helplines nazzjonali jitħaddmu skont in-numru armonizzat tal-UE [116016] u li dan in-numru jiġi rreklamat b'mod wiesa' bħala numru pubbliku, mingħajr ħlas u disponibbli f'kull ħin. L-appoġġ ipprovdut jenħtieġ li jinkludi konsulenza dwar il-kriżijiet u jenħtieġ li jkun jista' jirreferi għal servizzi wiċċ imb wiċċ, bħal postijiet ta' kenn, ***ċentri*** ta' konsulenza ***jew il-pulizija***. | (52) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-helplines nazzjonali ***għall-vittmi li qed ifittxu appoġġ huma aċċessibbli u*** jitħaddmu skont in-numru armonizzat tal-UE [116016] ***jew numru ieħor eżistenti,*** u li dan in-numru jiġi rreklamat b'mod wiesa' bħala numru pubbliku, mingħajr ħlas u disponibbli f'kull ħin. L-appoġġ ipprovdut jenħtieġ li jinkludi konsulenza dwar il-kriżijiet ***li għandha tingħata minn servizzi ta' appoġġ speċjalizzati,*** u jenħtieġ li jkun jista' jirreferi għal servizzi wiċċ imb wiċċ, bħal postijiet ta' kenn, ***appoġġ speċjalizzat tan-nisa u servizzi oħra soċjali, tas-saħħa u tal-ġustizzja. Tali helplines għall-għajnuna jenħtieġ li jitħaddmu b'mod separat minn helplines oħra għall-vittmi tal-kriminalità u l-persunal li juża tali helplines jenħtieġ li jipprovdi n-numri nazzjonali kollha*** ta' ***emerġenza. Jekk il-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jċemplu helpline ġenerali tal-vittmi, jenħtieġ li jiġu diretti mill-ġdid lejn il-helpline speċjalizzata mħaddma skont in-numru armonizzat tal-UE għal*** konsulenza ***mmirata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu helpline nazzjonali f'każ li ma teżisti ebda helpline bħal din***. |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (53) Il-postijiet ta' kenn għandhom rwol vitali fil-protezzjoni tal-vittmi minn atti ta' vjolenza. Minbarra li jipprovdu post sikur għas-soġġorn, jenħtieġ li l-postijiet ta' kenn jipprovdu l-appoġġ meħtieġ rigward il-problemi marbutin ma' xulxin li | (53) Il-postijiet ta' kenn għandhom rwol vitali fil-protezzjoni tal-vittmi minn atti ta' vjolenza. Minbarra li jipprovdu post sikur għas-soġġorn, jenħtieġ li l-postijiet ta' kenn jipprovdu ***gwida legali bażika u*** l-appoġġ meħtieġ rigward il-problemi |

| | |
|---|---|
| jirrigwardaw is-saħħa tal-vittmi, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-benesseri tat-tfal tagħhom, u fl-aħħar mill-aħħar jippreparaw lill-vittmi għal ħajja awtonoma. | marbutin ma' xulxin li jirrigwardaw is-saħħa tal-vittmi, ***inkluża s-saħħa mentali,*** is-sitwazzjoni finanzjarja u l-benesseri tat-tfal tagħhom, u fl-aħħar mill-aħħar jippreparaw lill-vittmi għal ħajja awtonoma. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm għadd suffiċjenti ta' postijiet ta' kenn iddedikati għall-vjolenza domestika disponibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-postijiet ta' kenn jiġu mqassma ġeografikament b'mod ekwu. Jenħtieġ li dawk il-postijiet ta' kenn ikunu disponibbli biss għall-vittmi ta' atti ta' vjolenza u l-lokalizzazzjoni tagħhom jenħtieġ li jibqa' kunfidenzjali sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tan-nisa. Jenħtieġ li tkun disponibbli varjetà ta' mudelli differenti ta' postijiet ta' kenn, inklużi postijiet ta' kenn għan-nisa biss, biex b'hekk tiġi żgurata flessibbiltà massima għall-vittmi. Jenħtieġ li l-postijiet ta' kenn ikunu dejjem disponibbli mingħajr ħlas għall-vittma u jenħtieġ li jiżguraw il-preżenza attiva, kontinwa u fiżika ta' persunal imħarreġ u speċjalizzat biex jikkomunika mal-vittmi u jappoġġahom. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjoni interim xierqa oħra jenħtieġ li jkunu disponibbli sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi b'diżabilità.*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 53a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(53a) Il-vjolenza domestika spiss taffettwa l-impjieg u l-produttività tal-vittma u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol minħabba l-istress u l-biża'. L-awturi spiss jipprevjenu lis-sħab jew lill-eks sħab tagħhom milli jaċċessaw il-post tax-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, il-vittmi ta' spiss se jkollhom bżonn ħin addizzjonali barra mix-xogħol biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jattendu appuntamenti mediċi jew proċedimenti legali jew biex jagħmlu arranġamenti soċjali bħat-tiftix għal akkomodazzjoni ġdida. Jenħtieġ li, għalhekk, l-Istati Membri jimplimentaw miżuri biex jiżguraw li l-impjegati li ġew notifikati dwar ċirkustanzi ta' vittma ma jitħallewx jiddiskriminaw jew bi kwalunkwe mod ipoġġu fi żvantaġġ lill-vittma immedjatament wara l-vjolenza u minħabba l-impatt ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-vjolenza. Minflok, sabiex jappoġġaw lill-vittmi permezz ta' tranżizzjonijiet diffiċli u jgħinuhom jibqgħu fil-forza tax-xogħol, u b'hekk jissalvagwardjaw ir-riżorsi ekonomiċi u l-indipendenza finanzjarja tagħhom, jenħtieġ li l-vittmi jkollhom id-dritt għal liv imħallas u kundizzjonijiet ta' xogħol flessibbli għal durata xierqa.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (54) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-konsegwenzi negattivi għall-vittmi minuri, jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ għat-tfal jinkludu konsulenza psikoloġika xierqa għall-età, flimkien mal-kura pedjatrika fejn meħtieġ, u jiġu pprovduti hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li t-tfal setgħu kienu vittmi, inklużi xhieda minuri ta' vjolenza. Fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi minuri, id-drittijiet tat-tfal, kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta, jenħtieġ li jkunu kunsiderazzjoni primarja. | (54) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-konsegwenzi negattivi għall-vittmi minuri, jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ għat-tfal jinkludu konsulenza psikoloġika xierqa għall-età ***minn professjonisti mħarrġa***, flimkien mal-kura pedjatrika fejn meħtieġ, u jiġu pprovduti hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li t-tfal setgħu kienu vittmi, inklużi xhieda minuri ta' vjolenza. ***Tali miżuri ta' appoġġ jenħtieġ li ma jirrikjedux il-kunsens minn qabel tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri, meta dik il-persuna tkun it-trasgressur jew il-persuna suspettata, u jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 12 tagħha. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jkunu disponibbli fuq bażi fit-tul, skont il-*** |

***ħtiġijiet tal-vittma.*** Fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi minuri, id-drittijiet tat-tfal, kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta, jenħtieġ li jkunu kunsiderazzjoni primarja. ***Jenħtieġ li tiġi żgurata kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-postijiet fejn il-minuri jżuru b'mod regolari, bħall-iskola, kemm biex jingħata appoġġ lill-minuri kif ukoll biex jingħata appoġġ xieraq lil tfal u ġenituri oħra. Każijiet ta' sindromu tal-aljenazzjoni tal-ġenituri u kunċetti u termini simili li jagħtu tort lill-ommijiet għall-"aljenazzjoni" ta' wliedhom minn missierhom spiss ikunu marbuta ma' każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, jirriskjaw li jipperikolaw is-sikurezza tat-tfal u jikkawżaw vittimizzazzjoni sekondarja, stress psikoloġiku addizzjonali u trawma lill-vittmi. Ir-referenza għal kunċetti bħal dawn tqajjem dubji dwar il-ħiliet tal-ġenituri tal-vittmi, tinjora x-xhieda tat-tfal u r-riskji ta' vjolenza li t-tfal huma esposti għaliha, u tipperikola d-drittijiet u s-sikurezza tal-ommijiet u t-tfal.***

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 55**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (55) Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tat-tfal matul żjarat possibbli ma' awtur ta' reat jew suspettat li jkun detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri bid-drittijiet ta' aċċess, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu disponibbli postijiet newtrali ssorveljati, inklużi l-uffiċċji tal-protezzjoni tal-minuri jew tal-assistenza soċjali, sabiex tali żjarat ikunu jistgħu jsiru hemmhekk fl-aħjar interessi tal-minuri. Jekk ikun meħtieġ, iż-żjarat ***għandhom isiru*** fil-preżenza ta' uffiċjali tal-protezzjoni jew tal-benesseri tal-minuri. Fejn ikun meħtieġ li tiġi prevista akkomodazzjoni interim, jenħtieġ li bħala prijorità t-tfal ikunu | (55) Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tat-tfal matul żjarat possibbli ma' awtur ta' reat jew suspettat li jkun detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri bid-drittijiet ta' aċċess, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu disponibbli postijiet newtrali ssorveljati, inklużi l-uffiċċji tal-protezzjoni tal-minuri jew tal-assistenza soċjali, sabiex tali żjarat ikunu jistgħu jsiru hemmhekk fl-aħjar interessi tal-minuri. ***Jenħtieġ li postijiet newtrali sorveljati għaż-żjarat ma' awtur ta' reat jiżguraw is-sikurezza kemm tal-minuri kif ukoll, meta jkun rilevanti, tad-detentur mhux abbużiv tar-responsabbiltà tal-ġenituri u jenħtieġ li*** |

akkomodati flimkien mad-detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri li ma jkunx l-awtur tar-reat jew is-suspettat, bħall-omm tal-minuri. Jenħtieġ li dejjem jitqiesu l-aħjar interessi tal-minuri.

***jippermettu l-evitar tal-kuntatt bejn l-awtur ta' reat jew is-suspettat u l-ġenitur mhux vjolenti jew il-qraba tagħhom meta jakkumpanjaw lill-minuri għal-laqgħa.*** Jekk ikun meħtieġ, iż-żjarat ***jenħtieġ li jsiru*** fil-preżenza ta' uffiċjali tal-protezzjoni jew tal-benesseri tal-minuri. Fejn ikun meħtieġ li tiġi prevista akkomodazzjoni interim, jenħtieġ li bħala prijorità t-tfal ikunu akkomodati flimkien mad-detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri li ma jkunx l-awtur tar-reat jew is-suspettat, bħall-omm tal-minuri. Jenħtieġ li dejjem jitqiesu l-aħjar interessi tal-minuri ***u jipprevalu fuq talba mill-ġenitur vjolenti għal kustodja kondiviża jew drittijiet ta' aċċess***. ***Jenħtieġ li jiġu pprovduti riferimenti xierqa għat-trasgressuri sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza lejn il-membri tal-familja tagħhom.***

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 55a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(55a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-preġudizzju fid-determinazzjoni tal-"aħjar interessi tat-tfal". Tali preġudizzju jista' jinkludi l-konvinzjoni li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li jinżamm kuntatt maż-żewġ ġenituri jew mal-qraba akkost ta' kollox, irrispettivament mill-vjolenza li jkunu raw il-minuri, li għandha effetti detrimentali u perikolużi kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenitur l-ieħor. Id-dritt ta' minuri li jżomm kuntatt maż-żewġ ġenituri jenħtieġ li jkun ristrett jekk ikun meħtieġ.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 56**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (56) Vittmi bi bżonnijiet speċifiċi u gruppi f'riskju ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, bħal nisa b'diżabilità, nisa bi status jew permess ta' residenza dipendenti, nisa migranti mingħajr dokumenti, applikanti nisa għall-protezzjoni internazzjonali, nisa li qed jaħarbu minn kunflitt armat, nisa mingħajr dar, bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, li jgħixu f'żoni rurali, nisa li ***jaħdmu fl-industrija sesswali***, persuni detenuti, ***jew*** nisa akbar fl-età, jenħtieġ li jirċievu protezzjoni u appoġġ speċifiċi. | (56) Vittmi bi bżonnijiet speċifiċi u gruppi f'riskju ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika ***li jesperjenzaw diskriminazzjonijiet intersezzjonali***, bħal nisa b'diżabilità, ***nisa li jgħixu f'faċilitajiet ta' kura istituzzjonali,*** nisa bi status jew permess ta' residenza dipendenti, nisa migranti mingħajr dokumenti, applikanti nisa għall-protezzjoni internazzjonali, nisa li qed jaħarbu minn kunflitt armat, nisa mingħajr dar, ***nisa f'xogħol b'salarju baxx, nisa qiegħda, nisa*** bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, ***vittmi tal-hekk imsejħa "reati tal-unur", nisa*** li jgħixu f'żoni rurali ***jew żoni inqas prosperużi***, nisa ***fil-prostituzzjoni, f'minoranzi sesswali jew tal-identità tal-ġeneru, nisa*** li ***jsofru minn vizzju***, persuni detenuti, nisa akbar fl-età ***jew nisa LGBTIQ+***, jenħtieġ li jirċievu protezzjoni***, kura medika*** u appoġġ speċifiċi. ***Il-vittmi tal-vjolenza koperti minn din id-Direttiva li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jitqiesu bħala applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali kif definit fid-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].*** <br>______________ <br>[1a] ***Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (57) In-nisa b'diżabilità jesperjenzaw b'mod sproporzjonat vjolenza kontra n- | (57) In-nisa b'diżabilità jesperjenzaw b'mod sproporzjonat vjolenza kontra n- |

| | |
|---|---|
| nisa u vjolenza domestika u minħabba d-diżabilità tagħhom spiss ikollhom diffikultajiet sabiex jaċċessaw miżuri ta' protezzjoni u appoġġ. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, filwaqt li jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-vulnerabbiltà partikolari ta' tali vittmi u d-diffikultajiet probabbli tagħhom biex jiksbu għajnuna. | nisa u vjolenza domestika u minħabba d-diżabilità tagħhom spiss ikollhom diffikultajiet sabiex jaċċessaw miżuri ta' protezzjoni u appoġġ. ***Il-proċess għar-rapportar tal-vjolenza spiss ikun inaċċessibbli minħabba politiki u standards inadegwati, attitudnijiet negattivi, ostakli fiżiċi, ftit li xejn informazzjoni u komunikazzjoni, nuqqas ta' forniment ta' servizzi, finanzjament inadegwat, u nuqqas li jiġu involuti vittmi b'diżabilità f'deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom direttament.*** Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jadattaw is-servizzi ta' appoġġ tagħhom skont dan biex*** jiżguraw li jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, filwaqt li jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-vulnerabbiltà partikolari ta' tali vittmi u d-diffikultajiet probabbli tagħhom biex jiksbu għajnuna. |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 57a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(57a) L-azzjonijiet għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jenħtieġ li jkunu bbażati fuq approċċ fuq tliet binarji magħmul minn miżuri preventivi primarji, sekondarji u terzjarji. Jenħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni adegwata ta' dawk it-tliet approċċi. Il-miżuri preventivi primarji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jipprevjenu l-vjolenza u għandhom jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jiżdied il-fehim fost il-pubbliku ġenerali tal-manifestazzjonijiet differenti tal-forom kollha ta' vjolenza u l-konsegwenzi tagħhom. Miżuri preventivi sekondarji jenħtieġ li jkollhom l-għan li jidentifikaw il-vjolenza kmieni u jipprevjenu l-progressjoni jew l-eskalazzjoni tagħha fi*** |

***stadju bikri. Il-prevenzjoni terzjarja jenħtieġ li tkun iffukata fuq il-prevenzjoni tar-reċidività u r-rivittimizzazzjoni u fuq il-ġestjoni xierqa tal-konsegwenzi tal-vjolenza. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-promozzjoni ta' intervent ta' persuni fil-qrib, ċentri ta' intervent bikri u programmi ta' intervent.***

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li jittieħdu miżuri preventivi, bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Il-prevenzjoni ***għandha*** sseħħ ukoll fl-edukazzjoni formali, b'mod partikolari, permezz tat-tisħiħ tal-edukazzjoni tas-sesswalità u l-kompetenzi soċjoemozzjonali, l-empatija u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettużi. | (58) ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jiżguraw li jittieħdu miżuri preventivi ***bbażati fuq l-evidenza***, bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni ***fit-tul***, sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ***permezz ta' bidliet fl-imġiba soċjali u kulturali tan-nisa u l-irġiel. Tali kampanji jenħtieġ li jinkludu l-għoti sħiħ ta' informazzjoni dwar il-manifestazzjonijiet differenti ta' vjolenza u dwar l-impatt ta' tali vjolenza fuq it-tfal u jenħtieġ li jippromwovu approċċ iċċentrat fuq id-drittijiet tal-bniedem***. Il-prevenzjoni ***jenħtieġ li*** sseħħ ukoll fl-edukazzjoni formali ***u informali***, b'mod partikolari, permezz tat-tisħiħ tal-edukazzjoni tas-sesswalità u ***tar-relazzjonijiet li tkun komprensiva u addattata skont l-età u*** l-kompetenzi soċjoemozzjonali, l-empatija u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom ***kunsenswali*** u rispettużi. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex kampanji bħal dawn jiġu mmirati lejn postijiet li jiffrekwentaw l-irġiel. Tali kampanji jenħtieġ li jinvolvu partijiet ikkonċernati lokali. Jenħtieġ li l-miżuri preventivi jitfasslu f'kooperazzjoni mal-komunitajiet affettwati rilevanti biex tiġi żgurata kopertura sħiħa tal-ħtiġijiet tagħhom u jiġi żgurat li jkun hemm komunikazzjoni sensittiva, xierqa u mhux stigmatizzanti.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 58a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(58a) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-investiment fil-bini ta' soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri li fiha n-nisa jkunu awtonomi mill-aspett finanzjarju u soċjali huma l-aħjar strateġiji ta' prevenzjoni kontra d-diversi forom ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li n-nisa jkollhom il-mezzi u l-possibbiltajiet meħtieġa biex itemmu relazzjoni abbużiva billi jipprovdu aċċess għal appoġġ soċjali, meta meħtieġ.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri sabiex jipprevjenu l-kultivazzjoni ta' sterjotipi dannużi tal-ġeneru sabiex jeliminaw l-idea tal-inferjorità tan-nisa jew tar-rwoli sterjotipizzati tan-nisa u tal-irġiel. Dan jista' jinkludi wkoll miżuri mmirati sabiex jiġi żgurat li l-kultura, l-ordni, ir-reliġjon, it-tradizzjoni jew l-unur ma jiġux ikkunsidrati bħala ġustifikazzjoni għal, jew trattament aktar klementi ta', reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. Meta jitqies li minn età żgħira ħafna 'il quddiem, it-tfal huma esposti għal rwoli tal-ġeneru li jsawru l-awtoperċezzjoni tagħhom u jinfluwenzaw l-għażliet akkademiċi u professjonali tagħhom kif ukoll l-aspettattivi tar-rwoli tagħhom bħala nisa u rġiel matul ħajjithom, | (59) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri sabiex jipprevjenu l-kultivazzjoni ta' sterjotipi dannużi tal-ġeneru sabiex jeliminaw l-idea tal-inferjorità tan-nisa jew tar-rwoli sterjotipizzati tan-nisa u tal-irġiel. Dan jista' jinkludi wkoll miżuri mmirati sabiex jiġi żgurat li l-kultura, l-ordni, ir-reliġjon, it-tradizzjoni jew l-unur ma jiġux ikkunsidrati bħala ġustifikazzjoni għal, jew trattament aktar klementi ta', reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika***, iżda pjuttost bħala ċirkostanza aggravanti. Peress li l-hekk imsejħa "reati tal-unur" huma sottorappurtati ħafna fl-Unjoni, huwa importanti li l-awtoritajiet rilevanti jirċievu taħriġ adegwat biex ikunu jistgħu jidentifikaw dawk ir-reati u jittrattawhom b'mod korrett***. Meta jitqies |

| | |
|---|---|
| huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-isterjotipi tal-ġeneru mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. | li minn età żgħira ħafna 'il quddiem, it-tfal huma esposti għal rwoli tal-ġeneru li jsawru l-awtoperċezzjoni tagħhom u jinfluwenzaw l-għażliet akkademiċi u professjonali tagħhom kif ukoll l-aspettattivi tar-rwoli tagħhom bħala nisa u rġiel matul ħajjithom, huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-isterjotipi tal-ġeneru mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. ***L-esponiment żejjed għall-pornografija, meta jikkontribwixxi għall-isterjotipi tas-sessi u spiss ikun l-uniku punt ta' referenza taż-żgħażagħ għar-relazzjonijiet sesswali, speċjalment fin-nuqqas ta' aċċess għal edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, iwassal għal stampa mgħawġa u vjolenti tas-sesswalità. Jenħtieġ li l-Istati Membri għalhekk iqisu l-impatt tal-pornografija fuq iż-żgħażagħ u r-riskju li dawn jistgħu jirriproduċu mġiba vjolenti.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jiġu identifikati u jirċievu appoġġ xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi jirċievu taħriġ u informazzjoni mmirata. ***It-taħriġ għandu jkopri*** r-riskju u l-prevenzjoni ta' intimidazzjoni, vittimizzazzjoni ripetuta u sekondarja u d-disponibbiltà ta' miżuri ta' protezzjoni u appoġġ għall-vittmi. ***Sabiex jiġu evitati u indirizzati b'mod xieraq każijiet ta' fastidju sesswali fuq ix-xogħol, il-persuni b'funzjonijiet superviżorji jenħtieġ li jirċievu taħriġ ukoll. Dan it-taħriġ għandu jkopri wkoll valutazzjonijiet dwar il-fastidju sesswali fuq ix-xogħol u r-riskji assoċjati tas-sikurezza u s-saħħa psikosoċjali kif*** | (60) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jiġu identifikati***, ikunu jistgħu jressqu ilmenti*** u jirċievu appoġġ xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi jirċievu taħriġ ***adegwat u mfassal apposta*** u informazzjoni mmirata ***sabiex jitħaffef l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja. Tali taħriġ, inkluż il-materjal ta' appoġġ, jenħtieġ li jkun bla ħlas u jenħtieġ li jsir matul il-ħinijiet tax-xogħol. Jenħtieġ li t-taħriġ ikopri*** r-riskju u l-prevenzjoni ta' intimidazzjoni, vittimizzazzjoni ripetuta u sekondarja u d-disponibbiltà ta' miżuri ***mediċi,*** ta' protezzjoni u ***ta'*** appoġġ għall-vittmi. ***Jenħtieġ li tali taħriġ, b'mod partikolari, ikun disponibbli għal professjonisti li jaħdmu ma' nisa*** |

*imsemmi fid-Direttiva 89/391/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' taħriġ ikopru wkoll ir-riskju ta' vjolenza minn terzi. Il-vjolenza minn terzi tirreferi għall-vjolenza li l-persunal jista' jġarrab fuq il-post tax-xogħol, mhux min kollega, u tinkludi każijiet, bħal infermiera ppersegwitati sesswalment minn pazjent.*

*f'istituzzjonijiet, bħal djar ta' kura residenzjali, ċentri tal-ażil u ħabsijiet, u professjonisti li jaħdmu jew jagħmlu volontarjat f'postijiet ta' kenn. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lit-taħriġ speċjalizzat tal-awtoritajiet kompetenti li jidħlu f'kuntatt mal-vittmi, inkluż, b'mod partikolari, taħriġ dwar kif jiġu evitati l-attitudnijiet u l-imġiba tal-vittmi, ir-riferiment f'waqtu tal-vittmi għal servizzi speċjalizzati, inklużi s-servizzi speċjalizzati tan-nisa, u t-trattament tad-data, bl-għan li jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Jenħtieġ li tali taħriġ ikopri wkoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjoni, inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali, il-prevenzjoni tal-vittimizzazzjoni sekondarja, il-ħiliet ta' komunikazzjoni, u l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-fastidju sesswali tal-aktar gruppi emarġinati. Jenħtieġ li t-taħriġ jiġi pprovdut minn ħarrieġa kwalifikati li jaderixxu ma' standards stretti ta' kwalità f'termini ta' tul ta' żmien, frekwenza, metodi u eżiti tat-taħriġ f'konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva.*

[45] *Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).*

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 60a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(60a) Sabiex jiġu evitati u indirizzati b'mod xieraq każijiet ta' fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol, u jiġu identifikati u indirizzati każijiet ta' vjolenza domestika* |

***u l-konsegwenzi tagħha, il-persuni b'funzjonijiet superviżorji u l-ispetturi tax-xogħol jenħtieġ li jirċievu taħriġ. Tali taħriġ jenħtieġ li jkopri wkoll valutazzjonijiet dwar il-fastidju sesswali fuq ix-xogħol u r-riskji assoċjati tas-sikurezza u s-saħħa psikosoċjali kif imsemmi fid-Direttiva 89/391/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. Tali taħriġ jenħtieġ li jkopri wkoll ir-riskju ta' vjolenza minn partijiet terzi u l-fatt li jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ appoġġ għal vittmi ta' tali vjolenza bħala parti mis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Il-vjolenza minn partijiet terzi tirreferi għall-vjolenza li l-persunal jista' jsofri fuq il-post tax-xogħol minn xi ħadd li mhuwiex koħaddiem. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impjegaturi jpoġġu fis-seħħ, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema f'konformità mad-Direttiva 89/391/KEE, strateġiji inklużivi, integrati u speċjalizzati biex itaffu u jipprevjenu l-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol.***

______________

***[45] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).***

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 61**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (61) Sabiex jiġġieldu kontra n-nuqqas ta' rapportar, l-Istati Membri ***għandhom ukoll*** jaħdmu flimkien mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-iżvilupp ta' taħriġ b'mod partikolari fir-rigward tal-isterjotipi dannużi tal-ġeneru, iżda wkoll fil-prevenzjoni ta' reati, minħabba l-kuntatt | (61) Sabiex jiġġieldu kontra n-nuqqas ta' rapportar ***u jipprevjenu vittimizzazzjoni sekondarja***, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri jaħdmu ***wkoll*** flimkien mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi***, l-awtoritajiet ġudizzjarji, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-komunità, l-Istitut*** |

| | |
|---|---|
| tipiku mill-qrib tagħhom ma' gruppi f'riskju ta' vjolenza ***u*** vittmi. | ***Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u atturi speċjalizzati rilevanti oħra*** fl-iżvilupp ta' taħriġ b'mod partikolari fir-rigward tal-isterjotipi dannużi tal-ġeneru ***u kunċetti żbaljati dwar il-vjolenza sesswali u domestika***, iżda wkoll fil-prevenzjoni ta' reati, minħabba l-kuntatt tipiku mill-qrib tagħhom ma' gruppi f'riskju ta' vjolenza***,*** vittmi ***u awturi ta' reati***. ***Taħriġ tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar kif wieħed jirċievi vittma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, vjolenza domestika jew vjolenza ċibernetika huwa essenzjali biex tiġi assistita l-vittma li qed tressaq ilment u biex tiġi vvalutata kif xieraq is-sitwazzjoni tagħha.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 61a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(61a) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrikonoxxu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tan-nisa, inklużi organizzazzjonijiet li jaħdmu man-nisa f'riskju akbar li jesperjenzaw vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, bħala sħab fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u jenħtieġ li, meta rilevanti, jinkluduhom fil-ħidma tal-korpi u l-kumitati governattivi li jaħdmu biex jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Barra minn hekk, partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jenħtieġ li jiġu kkonsultati dwar kwistjonijiet rilevanti, bħas-sħab soċjali fir-rigward tal-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 62**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (62) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti programmi ta' intervent sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw ir-riskju ta' reati (ripetuti) ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. Il-programmi jenħtieġ li jkollhom l-għan speċifiku li jgħallmu lill-awturi tar-reati jew lil dawk f'riskju li jwettqu reati kif jadottaw imġiba mhux vjolenti f'relazzjonijiet interpersonali u kif jiġġieldu x-xejriet vjolenti tal-imġiba. Il-programmi ***għandhom iħeġġu*** lill-awturi ta' reati jieħdu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom u jeżaminaw l-attitudnijiet u t-twemmin tagħhom lejn in-nisa. | (62) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti programmi ta' intervent sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw ir-riskju ta' reati (ripetuti) ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika***. Jenħtieġ li dawn jitwettqu minn professjonisti mħarrġa u kwalifikati u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi***. Il-programmi jenħtieġ li jkollhom l-għan speċifiku li jgħallmu lill-awturi tar-reati jew lil dawk f'riskju li jwettqu reati kif jadottaw imġiba mhux vjolenti f'relazzjonijiet interpersonali u kif jiġġieldu x-xejriet vjolenti tal-imġiba. ***Meta l-vittma tagħti l-kunsens tagħha biex tinteraġixxi mal-awtur tar-reat jew meta l-vittma tkun qrib ħafna tat-trasgressur bil-kunsens tagħhom, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lis-sikurezza tal-vittma matul tali programmi ta' intervent.*** Il-programmi ***jenħtieġ li jħeġġu*** lill-awturi ta' reati jieħdu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom u jeżaminaw l-attitudnijiet u t-twemmin tagħhom lejn in-nisa. ***Jenħtieġ li dawn il-programmi jfittxu li jgħinu lill-awturi ta' reat jifhmu u jirrikonoxxu r-responsabbiltà tagħhom, ibiddlu l-attitudnijiet u l-imġiba ta' ħsara tagħhom kif ukoll jadottaw imġiba mhux vjolenti f'relazzjonijiet interpersonali.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 62a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(62a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-programmi ta' intervent jikkonformaw mal-istandards minimi u huma f'konformità mal-aħjar prattiki. Il-programmi ta' intervent jenħtieġ li jiġu pprovduti minn persunal imħarreġ, ikollhom approċċ abbażi tal-ġeneru,*** |

| | |
|---|---|
| | ***ikunu orjentati lejn il-vittmi, jinkludu valutazzjoni sħiħa tar-riskju tal-awtur, ikunu parti minn networks b'diversi aġenziji, jistinkaw biex jistabbilixxu kollaborazzjoni b'saħħitha ma' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati, inklużi s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa, jipprovdu linji gwida għall-evalwazzjoni tal-eżitu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi dwar l-istabbiliment ta' standards u linji gwida komuni.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 62b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(62b) Il-miżuri kollha previsti f'din id-Direttiva jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn finanzjament suffiċjenti, prevedibbli u sostenibbli. Dak huwa partikolarment importanti biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-fornituri tas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati, inklużi s-servizzi speċjalizzati nongovernattivi tan-nisa, ikollhom biżżejjed finanzjament u riżorsi umani, tekniċi u teknoloġiċi għall-implimentazzjoni effettiva u komprensiva ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa bħala parti integrali mill-implimentazzjoni tas-sistema ta' appoġġ nazzjonali għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 63**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (63) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tar-reati | (63) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tar-reati |

| | |
|---|---|
| ta' vjolenza ċibernetika li jinsabu f'din id-Direttiva jkunu jistgħu effettivament jirrealizzaw id-drittijiet tagħhom li jkollhom materjal illegali relatat ma' tali reati mneħħi, l-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu l-kooperazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi intermedjarji. Sabiex jiġi żgurat li tali materjal jiġi identifikat kmieni u indirizzat b'mod effettiv u li l-vittmi ta' dawk ir-reati jkunu megħjuna u appoġġati b'mod adegwat, l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw ukoll l-istabbiliment jew l-użu ta' miżuri awtoregolatorji eżistenti ta' natura volontarja, bħal kodiċijiet ta' kondotta, inkluż dwar l-identifikazzjoni ta' riskji sistematiċi fir-rigward ta' tali vjolenza ċibernetika u t-taħriġ tal-impjegati tal-fornituri kkonċernati mill-prevenzjoni ta' tali vjolenza u mill-assistenza tal-vittmi. | ta' vjolenza ċibernetika li jinsabu f'din id-Direttiva jkunu jistgħu effettivament jirrealizzaw id-drittijiet tagħhom li jkollhom materjal illegali relatat ma' tali reati mneħħi, l-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu l-kooperazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi intermedjarji***, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, pereżempju billi jistabbilixxu sinjalaturi fdati skont ir-Regolament (UE) 2022/2065***. Sabiex jiġi żgurat li tali materjal jiġi identifikat kmieni u indirizzat b'mod effettiv u li l-vittmi ta' dawk ir-reati jkunu megħjuna u appoġġati b'mod adegwat, l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw ukoll l-istabbiliment jew l-użu ta' miżuri awtoregolatorji eżistenti ta' natura volontarja, bħal kodiċijiet ta' kondotta, inkluż dwar l-identifikazzjoni ta' riskji sistematiċi fir-rigward ta' tali vjolenza ċibernetika u t-taħriġ tal-impjegati tal-fornituri kkonċernati mill-prevenzjoni ta' tali vjolenza u mill-assistenza tal-vittmi. |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 63a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(63a) Jenħtieġ li l-Istati Membri juru l-impenn tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra in-nisa u l-vjolenza domestika billi jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali f'dak ir-rigward.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 62b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(63b) Bl-għan li tiġi żviluppata strateġija konsolidata tal-Unjoni li tindirizza l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika mmirata lejn it-tisħiħ ulterjuri tal-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri u tal-isforzi tagħhom biex jipprevjenuha u jiġġielduha, l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw it-twaqqif u l-kompiti ta' koordinatur dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru (il-"koordinatur tal-Unjoni"). Il-kompiti tal-koordinatur tal-Unjoni jenħtieġ li jinkludu t-titjib tal-koordinament u tal-koerenza, l-evitar tal-isforzi doppji bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni u bejn l-Istati Membri u l-atturi internazzjonali, filwaqt li jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' politiki u strateġiji eżistenti jew ġodda tal-Unjoni rilevanti għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika jew ir-rapportar lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 64**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (64) Il-politiki sabiex tiġi indirizzata b'mod adegwat il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu fformulati biss abbażi ta' data diżaggregata komprensiva u komparabbli. Sabiex jiġu mmonitorjati b'mod effettiv l-iżviluppi fl-Istati Membri u sabiex jimtlew il-lakuni ta' data komparabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu regolarment stħarriġ bl-użu tal-metodoloġija armonizzata tal-Kummissjoni (Eurostat) sabiex jiġbru d-data u jittrażmettu din id-data lill-Kummissjoni (Eurostat). | (64) Il-politiki sabiex tiġi indirizzata b'mod adegwat il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu fformulati biss abbażi ta' data diżaggregata komprensiva u komparabbli. Sabiex jiġu mmonitorjati b'mod effettiv l-iżviluppi fl-Istati Membri u sabiex jimtlew il-lakuni ta' data komparabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu regolarment stħarriġ bl-użu tal-metodoloġija armonizzata tal-Kummissjoni (Eurostat) sabiex jiġbru d-data u jittrażmettu din id-data lill-Kummissjoni (Eurostat). ***Barra minn hekk, jenħtieġ li tintuża data kwalitattiva minħabba li tista' tipprovdi għarfien uniku dwar ir-realtajiet attwali fl-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u l-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Id-data jenħtieġ li tinġabar fl-istess punt fil-proċess biex jiġu żgurati*** |

***riżultati komparabbli u li wieħed jista' jirrelata magħhom. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fuq il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa u servizzi oħra ta' appoġġ speċjalizzati, jenħtieġ li jkunu involuti fl-iżvilupp tal-metodoloġiji għall-ġbir tad-data.***

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 65**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (65) L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li d-data miġbura tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ fir-rigward tal-appoġġ għall-monitoraġġ tal-prevalenza u x-xejriet tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u t-tfassil ta' strateġiji ta' politika ġodda f'dan il-qasam. ***Meta tiġi kondiviża*** d-data miġbura, ma ***għandha*** tiġi inkluża l-ebda data personali. | (65) ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jiżguraw li d-data miġbura tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ fir-rigward tal-appoġġ għall-monitoraġġ tal-prevalenza u x-xejriet tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u t-tfassil ta' strateġiji ta' politika ġodda f'dan il-qasam. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu data u informazzjoni rilevanti lill-istituzzjonijiet rilevanti bħall-Istitut Ewropew tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Eurofound sabiex jippermettu l-komparabbiltà, il-valutazzjoni u l-analiżi ta' dik id-data fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li*** d-data miġbura ***tinkludi l-kuntest li fih seħħ ir-reat, bħal jekk seħħx fid-dar, fuq il-post tax-xogħol jew online, kif ukoll informazzjoni dwar jekk vittma hijiex f'riskju akbar li tesperjenza vjolenza abbażi tal-ġeneru, peress li dan se jinforma azzjonijiet ta' politika mmirati fil-futur. Jenħtieġ li dik id-data tinkludi wkoll jekk twettqitx vjolenza kontra vittmi affettwati minn diskriminazzjoni intersezzjonali. Sabiex jiġu protetti l-anonimità u l-kunfidenzjalità, jiġu rispettati l-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-data u jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali, jenħtieġ li*** ma tiġi inkluża l-ebda data personali ***meta d-data*** |

| | |
|---|---|
| | ***miġbura tiġi kondiviża***. |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 65a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(65a) Id-data għal finijiet ta' statistika jenħtieġ li tinġabar kontinwament biex jiġu mmonitorjati x-xejriet u jiġu identifikati prattiki tajbin u oqsma għat-titjib. Il-Eurostat u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jenħtieġ li regolarment iħejju rapporti dwar l-istatistika marbuta mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jittrażmettuhom lill-koordinatur tal-Unjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li jiġi allokat finanzjament biżżejjed biex jitwettaq tali rapportar.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 u ***ta opinjoni fil-[XX XX*** 2022***]***, | (71) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 u ***ressaq il-kummenti tiegħu fl-4 ta' April*** 2022, |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***il-protezzjoni*** tal-vittmi u ***l-appoġġ*** | (c) ***id-drittijiet*** tal-vittmi ***għal*** |

| | |
|---|---|
| ***tal-vittmi.*** | ***protezzjoni*** u ***appoġġ*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-prevenzjoni u intervent bikri.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jimplimentaw il-miżuri skont din id-Direttiva, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jqisu*** r-riskju akbar ta’ vjolenza li jiffaċċjaw il-vittmi li jesperjenzaw diskriminazzjoni bbażata fuq kombinament ta’ sess u raġunijiet oħra sabiex ***jaqdu*** l-ħtiġijiet ta’ protezzjoni u appoġġ imtejba tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 18(4), fl-Artikolu 27(5) u fl-Artikolu 37(7). | 1. Meta jimplimentaw il-miżuri skont din id-Direttiva, l-Istati Membri ***għandhom iqisu*** r-riskju akbar ta’ vjolenza li jiffaċċjaw il-vittmi li jesperjenzaw diskriminazzjoni ***intersezzjonali*** bbażata fuq kombinament ta’ sess ***jew ġeneru*** u raġunijiet oħra sabiex ***jiġu moqdija*** l-ħtiġijiet ta’ protezzjoni u appoġġ imtejba tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 18(4), fl-Artikolu 27(5***), fl-Artikolu 35(1***) u fl-Artikolu 37(7). |

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, ***tingħata attenzjoni partikolari għar-riskju*** ta’ intimidazzjoni, ritaljazzjoni, vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta u ***għall-ħtieġa*** li jiġu protetti d-dinjità u l-integrità fiżika ***tal-vittmi***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, ***ir-riskju*** ta’ intimidazzjoni, ritaljazzjoni, vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta u ***l-ħtieġa*** li jiġu protetti d-dinjità u ***d-drittijiet tal-vittmi, inklużi*** l-integrità fiżika ***u psikoloġika, il-privatezza u s-sikurezza*** |

*tagħhom, jingħataw attenzjoni partikolari*.

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ***għandhom*** japplikaw ***dawn*** id-definizzjonijiet li ġejjin: | Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: |

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "vjolenza kontra n-nisa" tfisser vjolenza ***bbażata fuq il-ġeneru,*** li ***hija diretta*** kontra mara jew tifla ***minħabba*** li hija mara jew tifla jew li ***taffettwa*** lin-nisa jew lill-bniet b'mod sproporzjonat, inklużi l-atti kollha ta' tali vjolenza li jirriżultaw jew li x'aktarx jirriżultaw fi ħsara jew tbatija fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika, ***inkluż*** theddid ta' tali atti, koerċizzjoni jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk iseħħu fil-ħajja pubblika kif ukoll f'dik privata; | (a) "vjolenza kontra n-nisa" tfisser ***l-atti kollha ta'*** vjolenza ***abbażi tal-ġeneru*** li ***jkunu diretti*** kontra mara jew tifla ***peress*** li hija mara jew tifla jew li ***jaffettwaw*** lin-nisa jew lill-bniet ***fid-diversità kollha tagħhom*** b'mod sproporzjonat, inklużi l-atti kollha ta' tali vjolenza li jirriżultaw***,*** jew li x'aktarx jirriżultaw***,*** fi ħsara jew tbatija fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika, ***inklużi*** theddid ta' tali atti, koerċizzjoni jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk iseħħu fil-ħajja pubblika kif ukoll f'dik privata; |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "vjolenza domestika" tfisser l-atti kollha ta' vjolenza li jirriżultaw jew li x'aktarx jirriżultaw fi ħsara jew tbatija ***fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika***, li jseħħu fil-familja jew fl- | (b) "vjolenza domestika" tfisser l-atti***, jew it-theddid ta' atti*** kollha ta' vjolenza ***fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika*** li jirriżultaw***,*** jew li x'aktarx jirriżultaw***,*** fi ħsara jew tbatija, li jseħħu fil- |

unità domestika, irrispettivament mir-rabtiet bijoloġiċi jew legali tal-familja, jew bejn konjuġi jew sħab preċedenti jew attwali, kemm jekk l-awtur tar-reat jikkondividi jew kien jikkondividi ***residenza*** mal-vittma u kemm jekk le;

familja jew fl-unità domestika, irrispettivament mir-rabtiet bijoloġiċi jew legali tal-familja, jew bejn konjuġi jew sħab preċedenti jew attwali, kemm jekk l-awtur tar-reat jikkondividi jew kien jikkondividi ***unità domestika*** mal-vittma u kemm jekk le;

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) ***"fornituri*** ta' servizzi intermedjarji" tfisser ***fornituri tas-servizzi*** kif ***definiti fil-punt (f) tal-Artikolu 2*** tar-Regolament (UE) ***SSSS***/***XXX*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] ***[Regolament dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali];***

[17] Ir-Regolament (UE) ***SSSS***/***XXX*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (ĠU L **...**).

*Emenda*

(f) ***"fornitur*** ta' servizzi intermedjarji" tfisser ***fornitur ta' servizz intermedjarju*** kif ***definit fl-Artikolu 3, il-punt (g),*** tar-Regolament (UE) ***2022***/***2065*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17]***;***

[17] Ir-Regolament (UE) ***2022***/***2065*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tad-19 ta' Ottubru 2022*** dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali ***u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)*** (ĠU L ***277, 27.10.2022, p. 1***).

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) "fastidju sesswali ***fuq ix-xogħol"*** tfisser kwalunkwe forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, fejn ***iseħħ*** matul, ***b'rabta ma'***, jew ***li tirriżulta*** minn ***kwistjonijiet ta' impjieg***, ***okkupazzjoni*** u ***impjieg indipendenti***, bl-għan jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità tal-vittma, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew

*Emenda*

(g) "fastidju sesswali ***fid-dinja tax-xogħol"*** tfisser kwalunkwe forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, ***meta sseħħ matul impjieg, okkupazzjoni, impjieg indipendenti, xogħol informali u mhux dokumentat, tiftix ta' impjieg jew taħriġ, inkluż fi spazji tax-xogħol pubbliċi u privati, f'postijiet*** fejn ***il-ħaddiem jitħallas, jistrieħ, jieħu pawża jew ikla, jew***

| | |
|---|---|
| offensiv; | ***juża faċilitajiet sanitarji, ta' ħasil jew biex ibiddel,*** matul ***vjaġġi relatati max-xogħol***, ***vjaġġar, taħriġ***, ***avvenimenti*** jew ***attivitajiet soċjali, permezz ta' komunikazzjonijiet relatati max-xogħol, inklużi dawk abilitati*** minn ***teknoloġiji tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni***, ***f'akkomodazzjoni pprovduta mill-impjegatur, jew waqt l-ivvjaġġar lejn ix-xogħol*** u ***lura, kif ukoll meta sseħħ b'rabta magħhom, jew tirriżulta minn kwistjonijiet relatati***, bl-għan jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità tal-vittma, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv***, inkluż meta r-rifjut ta' persuna għal tali mġiba, jew is-sottomissjoni tagħha għaliha, jintużaw b'mod espliċitu jew impliċitu bħala bażi għal deċiżjonijiet relatati mal-impjiegi***; |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li att mhux ***konsenswali*** jinftiehem bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tal-mara mogħti volontarjament jew ***fejn il-mara*** ma tkunx tista' tifforma rieda ħielsa minħabba l-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, u b'hekk tiġi sfruttata l-inkapaċità tagħha li tifforma rieda ħielsa, bħal fi stat ta' ***telf mis-sensi***, ***intossikazzjoni***, ***irqad***, ***mard***, ***korriment*** jew ***diżabilità fil-ġisem***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li att mhux ***kunsenswali*** jinftiehem bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tal-mara mogħti volontarjament jew ***meta l-mara*** ma tkunx tista' tifforma rieda ħielsa minħabba l-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, u b'hekk tiġi sfruttata l-inkapaċità tagħha li tifforma rieda ħielsa, bħal ***meta tkun*** fi stat ta' ***biża'***, ***intimidata***, ***mitlufa minn sensiha***, ***intossikata***, ***rieqda***, ***marida***, ***vittma ta' ħsara fuq il-persuna jew diżabbli*** jew ***f'sitwazzjoni oħra partikolarment vulnerabbli***. |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 − paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument matul l-att. In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat ***esklussivament*** mis-skiet ***tal-mara***, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali ***passata***. | 3. Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument matul l-att. In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat mis-skiet, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali ***tal-passat tal-mara jew minn relazzjoni eżistenti jew fil-passat mal-awtur tar-reat inkluż stat ta' żwieġ jew kwalunkwe stat ieħor ta' sħubija***. ***Il-kunsens għandu jingħata volontarjament bħala riżultat ta' rieda ħielsa u għandu jiġi vvalutat fil-kuntest taċ-ċirkostanzi relatati;*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***Aggressjoni sesswali*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba intenzjonata li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali:*** |
| | ***(a) l-involviment ma' mara fi kwalunkwe att mhux kunsenswali ta' natura sesswali, għajr atti kif imsemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (a);*** |
| | ***(b) li mara tiġi mġiegħla tinvolvi ruħha ma' persuna oħra fi kwalunkwe att mhux kunsenswali ta' natura sesswali, għajr atti kif imsemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (b);*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li att mhux kunsenswali jinftiehem bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tal-mara mogħti volontarjament jew meta l-mara ma tkunx tista' tifforma rieda ħielsa minħabba l-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, u l-inkapaċità tagħha li tifforma rieda ħielsa tiġi sfruttata, bħal meta tkun fi stat ta' biża, intimidata, mitlufa minn sensiha, intossikata, rieqda, marida,*** |

*vittma ta' ħsara fuq il-persuna jew diżabbli jew f'sitwazzjoni oħra partikolarment vulnerabbli;*

***3. Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument matul l-att. In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat mis-skiet, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali tal-passat tal-mara jew minn relazzjoni eżistenti jew fil-passat mal-awtur tar-reat inkluż stat ta' żwieġ jew kwalunkwe stat ieħor ta' sħubija. Il-kunsens għandu jingħata volontarjament bħala riżultat ta' rieda ħielsa u għandu jiġi vvalutat fil-kuntest taċ-ċirkostanzi relatati.***

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Mutilazzjoni ġenitali intersesswali*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba intenzjonata li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali:*** |
| | ***(a) it-twettiq ta' kwalunkwe proċedura kirurġika jew medika jew trattament ormonali medikament bla bżonn fuq il-karatteristiċi tas-sess ta' mara jew minuri b'saħħithom imwielda b'varjazzjonijiet ta' karatteristiċi tas-sess, mingħajr ma jinkiseb kunsens minn qabel u informat u mingħajr ma l-mara jew il-minuri jifhmu l-proċedura jew it-trattament, bl-għan jew bl-effett li jinbidlu dawk il-karatteristiċi tas-sess biex jiġu allinjati mal-karatteristiċi tas-sess meqjusa tipikament femminili jew maskili;*** |
| | ***(b) il-koerċizzjoni ta' mara jew minuri sabiex jiġu soġġetti għal proċedura jew trattament kif imsemmija fil-punt (a).*** |

***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsens minn qabel u informat ta' mara jew ta' minuri biex jiġu soġġetti għal proċedura jew trattament kif imsemmija fil-paragrafu 1 ma jistax jiġi sostitwit bil-kunsens tal-kustodju legali tal-mara jew tal-minuri.***

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6b*** |
| | ***Sterilizzazzjoni furzata*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba intenzjonata li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali:*** |
| | ***(a) it-twettiq ta' kirurġija li jkollha l-fini jew l-effett li ttemm il-kapaċità ta' mara jew ta' minuri li jirriproduċu b'mod naturali mingħajr ma jinkiseb kunsens minn qabel u informat u mingħajr ma l-mara jew il-minuri jkunu fehmu l-proċedura, inkluż bħala prerekwiżit għal proċeduri mediċi oħra;*** |
| | ***(b) li mara jew minuri jiġu kostretti jew persważi sabiex jiġu soġġetti għall-kirurġija msemmija fil-punt (a).*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsens minn qabel u informat ta' mara jew minuri sabiex jiġu soġġetti għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma jistax jiġi sostitwit bil-kunsens tal-kustodju legali tal-mara jew tal-minuri.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6c*** |
| | ***Żwieġ furzat*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba intenzjonata li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali:*** |
| | ***(a) li mara jew minuri jiġu mġiegħla jidħlu fi żwieġ;*** |
| | ***(b) li mara jew minuri jiġu mħajra jmorru f'territorju ta' pajjiż differenti minn dak li fih jirrisjedu l-mara jew il-minuri bl-intenzjoni li dik il-persuna tiġi mġiegħla tidħol fi żwieġ;*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6d*** |
| | ***Fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitwettaq fastidju sesswali intenzjonat fid-dinja tax-xogħol dan ikun punibbli bħala reat kriminali.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-għoti tal-aċċessibbiltà għal ***immaġni, jew vidjos jew*** materjal ***ieħor li juri attivitajiet sesswali,*** ta' persuna oħra lil ***pluralità ta'*** utenti permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna; | (a) l-għoti tal-aċċessibbiltà għal materjal ***intimu*** ta' persuna oħra lil utenti ***finali oħra*** permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna; |

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-produzzjoni jew il-manipulazzjoni u sussegwentement l-għoti tal-aċċessibbiltà lil ***pluralità ta'*** utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għal ***immaġni, vidjos*** jew materjal ieħor, li ***jagħmluha tidher daqslikieku*** persuna oħra hija involuta f'attivitajiet sesswali, mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna; | (b) il-produzzjoni jew il-manipulazzjoni u sussegwentement l-għoti tal-aċċessibbiltà lil utenti finali ***oħra***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għal ***materjal intimu*** jew materjal ieħor, li ***jagħtu l-impressjoni li*** persuna oħra hija involuta f'attivitajiet sesswali, mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna; |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) theddida ta' involviment fl-imġiba msemmija fil-punti (a) ***u*** (b) ***sabiex tisforza lil persuna oħra sabiex tagħmel, taċċetta jew toqgħod lura minn ċertu att.*** | (c) theddida ta' involviment fl-imġiba msemmija fil-punti (a) ***jew*** (b)***;*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "materjal intimu" għandu jinftiehem li jinkludi immaġnijiet, ritratti u reġistrazzjonijiet vidjo ta' natura privata jew personali u ta' natura sesswali jew ta' nudità.*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-għoti tal-aċċessibbiltà għad-data personali ta' persuna oħra, mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna, lil ***pluralità ta'*** utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ***bil-għan*** li ***dawk l-utenti finali*** jiġu mħeġġa jikkawżaw ħsara fiżika ***u*** psikoloġika ***sinifikanti lill-persuna***. | (c) l-għoti tal-aċċessibbiltà għad-data personali ta' persuna oħra ***jew l-iżvelar ta' tali data***, mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna, lil utenti finali ***oħra***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ***bl-għan*** li ***nies oħra*** jiġu mħeġġa jikkawżaw ħsara fiżika***,*** psikoloġika ***jew ekonomika lil dik il-persuna***. |

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-bidu ta' attakk ***ma' terzi*** dirett lejn persuna oħra, ***billi*** materjal ta' theddid jew ***insolenti jsir aċċessibbli għal pluralità ta'*** utenti finali, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, bl-effett li tiġi kkawżata ħsara psikoloġika ***sinifikanti*** lill-persuna attakkata***;*** | (a) il-bidu ta' attakk dirett lejn persuna oħra, ***bl-għoti tal-aċċess għal*** materjal ta' theddid jew ***abbużiv lil*** utenti finali ***oħra***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, bl-effett li tiġi kkawżata ħsara psikoloġika ***jew ekonomika*** lill-persuna attakkata***.*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-parteċipazzjoni ***ma' terzi*** fl-attakki ***msemmija*** fil-punt (a). | (b) il-parteċipazzjoni fl-attakki ***kif imsemmija*** fil-punt (a). |

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) it-trażmissjoni mhux mitluba, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta' immaġni, vidjo jew materjal ieħor li juri ġenitali lil persuna bl-effett li tali trażmissjoni tikkawża ħsara psikoloġika lil dik il-persuna.*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonali*** tal-inċitament għall-vjolenza jew għall-mibegħda kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp ***definit*** b'riferiment ***għas-sess*** jew ***għall-ġeneru***, bid-disseminazzjoni lill-pubbliku ta' materjal li fih tali inċitament permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, tkun punibbli bħala reat kriminali. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonata*** tal-inċitament għall-vjolenza jew għall-mibegħda kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp ***definita*** b'riferiment ***għall-orjentazzjoni sesswali, l-espressjoni tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru*** jew***, il-karatteristiċi tas-sess***, bid-disseminazzjoni lill-pubbliku ta' materjal li ***jkun*** fih tali inċitament permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, tkun punibbli bħala reat kriminali. |

**Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***t-tentattiv*** sabiex ***isir*** reat ***imsemmi*** fl-Artikoli 5 u 6 ***jkun*** punibbli bħala reat kriminali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tentattiv*** sabiex ***jitwettaq kwalunkwe*** reat ***kriminali minn dawk imsemmija*** fl-Artikoli 5***, 5a, 6, 6a, 6b*** u 6***c ikunu*** punibbli bħala reat kriminali. |

**Emenda 120**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 5a jkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas tliet snin priġunerija u ta' mill-inqas ħames snin priġunerija jekk ir-reat ikun twettaq taħt ċirkostanzi aggravanti msemmija fl-Artikolu 13;*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 6d ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtur tar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 5***, li qabel kien instab ħati ta' reati tal-istess natura,*** jipparteċipa b'mod obbligatorju ***fil-programm*** ta' intervent imsemmi fl-Artikolu 38***.*** | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtur tar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 5 jipparteċipa b'mod obbligatorju ***fi programm*** ta' intervent imsemmi fl-Artikolu 38 ***mingħajr dewmien wara l-kundanna;*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***r-reat*** kriminali ***msemmi*** fl-Artikolu 6 ***ikun*** punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ħames snin priġunerija u ta' mill-inqas seba' snin priġunerija jekk ir-reat ikun twettaq ***fiċ-ċirkostanzi*** aggravanti msemmija fl-Artikolu 13. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***r-reati*** kriminali ***msemmija*** fl-Artikolu 6***, 6a, 6b u 6c ikunu*** punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ħames snin priġunerija u ta' mill-inqas seba' snin priġunerija jekk ir-reat ikun twettaq ***taħt ċirkostanzi*** aggravanti msemmija fl-Artikolu 13. |

**Emenda 124**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 - paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-reat twettaq kontra persuna li saret vulnerabbli minn ċirkostanzi partikolari, ***bħal*** sitwazzjoni ta' dipendenza jew stat ta' diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorjali, jew li ***tgħix f'istituzzjonijiet***; | (b) ir-reat twettaq kontra persuna li ***tkun*** saret vulnerabbli minn ċirkostanzi partikolari, ***bħall-istatus ta' residenza, tqala,*** sitwazzjoni ta' dipendenza***,*** jew stat ta' diżabilità ***jew tbatija*** fiżika, mentali, intellettwali jew sensorjali, ***li tkun vittma ta' traffikar*** jew ***tgħix f'istituzzjonijiet, inklużi djar fejn wieħed jirtira, djar tat-tfal, ċentri ta' akkoljenza, faċilitajiet ta' detenzjoni jew ċentri ta' akkomodazzjoni għal dawk*** li ***jfittxu l-ażil***; |

**Emenda 125**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ir-reat kien preċedut jew akkumpanjat minn livelli ***għoljin*** ta' vjolenza; | (f) ir-reat kien preċedut jew akkumpanjat minn livelli ***estremi*** ta' vjolenza ***jew atti partikolarment inumani, degradanti jew umiljanti***; |

**Emenda 126**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) ir-reat irriżulta fil-mewt jew fis-suwiċidju tal-vittma jew ***f'dannu fiżiku*** jew ***psikoloġiku serju*** għall-vittma; | (i) ir-reat irriżulta fil-mewt jew fis-suwiċidju tal-vittma jew ***fi ħsara fiżika*** jew ***psikoloġika severa*** għall-vittma ***jew għad-dipendenti***; |

**Emenda 127**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) l-awtur tar-reat ikun diġà nstab ħati ta' reati ***tal-istess*** natura; | (j) l-awtur tar-reat ikun diġà nstab ħati ta' reati ***ta'*** natura ***simili***; |

**Emenda 128**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(oa) ir-reat ikun twettaq kontra rappreżentant pubbliku, ġurnalist jew difensur tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ob (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ob) ir-reat wassal għal profitt jew qligħ jew kellu l-intenzjoni li jġib profitt jew qligħ;*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt oc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(oc) l-intenzjoni tar-reat kienet li jiġi preservat jew restawrat l-hekk imsejjaħ "unur" ta' persuna, familja, komunità jew grupp simili ieħor;*** |

**Emenda 131**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt od (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(od) l-intenzjoni tar-reat kienet li l-vittmi jiġu kkastigati għall-orjentazzjoni sesswali, l-espressjoni tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess, il-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon, l-oriġini soċjali jew it-twemmin politiku tagħhom.*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta huwa jiddeċiedi li jestendi*** l-ġuriżdizzjoni ***tiegħu għar-reati*** kriminali msemmija fl-Artikoli 5 ***sa 11*** li jkunu twettqu ***lil hinn*** mit-territorju ***tiegħu, f'waħda mis-sitwazzjonijiet*** li ġejjin: | 2. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu*** l-ġuriżdizzjoni ***tagħhom fir-rigward tar-reati*** kriminali msemmija fl-Artikoli 5 ***u 6*** li jkunu twettqu ***barra*** mit-territorju ***tagħhom fi kwalunkwe sitwazzjoni minn dawn*** li ġejjin: |

**Emenda 133**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jiddeċiedu li jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fir-rigward tar-reati kriminali kif imsemmija fl-Artikolu 5a u fl-Artikoli 6a sa 11 li jkunu twettqu barra mit-territorju tagħhom u li jkunu twettqu jew:*** <br><br> ***(a) kontra ċ-ċittadini jew ir-residenti abitwali tagħhom fit-territorju tagħhom; inkella*** <br><br> ***(b) minn awturi tar-reati li jkunu residenti abitwali fit-territorju tagħhom.*** |

**Emenda 134**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmija ***fl-Artikolu*** 5 ta' mill-inqas 20 sena miż-żmien meta twettaq ir-reat***.*** | 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmija ***fl-Artikoli*** 5 ***u 6*** ta' mill-inqas 20 sena miż-żmien meta ***jkun*** twettaq ir-reat***;*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmija ***fl-Artikolu*** 6 ta' mill-inqas 10 snin miż-żmien meta twettaq ir-reat***.*** | 3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmija ***fl-Artikoli 5a,*** 6***a, 6b u 6c*** ta' mill-inqas 10 snin miż-żmien meta ***jkun*** twettaq ir-reat***;*** |

**Emenda 136**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 7 u 9 ta' mill-inqas ħames snin wara li r-reat kriminali jkun waqaf jew il-vittma tkun saret taf bih. | 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli ***6d,*** 7 u 9 ta' mill-inqas ħames snin wara li r-reat kriminali jkun waqaf jew il-vittma tkun saret taf bih. |

**Emenda 137**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw reati kriminali ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li jiġu rrapportati reati kriminali online jew permezz ta' teknoloġiji oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-possibbiltà li tiġi ppreżentata evidenza, b'mod partikolari dwar ir-rapportar ta' reati kriminali ta' vjolenza ċibernetika**.** | 1. Minbarra d-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw reati kriminali ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli***, sikur*** u aċċessibbli***, b'qies dovut għall-privatezza tagħhom***. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li jiġu rrapportati reati kriminali online jew permezz ta' teknoloġiji oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni ***aċċessibbli u sikuri***, inkluża l-possibbiltà li tiġi ppreżentata evidenza, b'mod partikolari dwar ir-rapportar ta' reati kriminali ta' vjolenza ċibernetika***;*** |

**Emenda 138**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkollhom aċċess għal għajnuna*** |

| | |
|---|---|
| | ***u assistenza legali, mingħajr ħlas u b'lingwa li jistgħu jifhmu, meta jirrapportaw ir-reati kriminali u waqt il-proċedimenti ġudizzjarji;*** |

**Emenda 139**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-evidenza kollha tinżamm sigura mill-mument l-aktar bikri possibbli, inkluż permezz ta' mezzi tekniċi xierqa.*** |

**Emenda 140**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu riferuti għand persuna ta' kuntatt speċjalizzata fi ħdan l-awtorità kompetenti irrispettivament minn jekk ikunx ġie ppreżentat ilment kriminali.*** |

**Emenda 141**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf dwar jew tissuspetta, ***in*** bona fide, li jkunu seħħew reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, jew li jkunu mistennija aktar atti ta' vjolenza, ***sabiex*** tirrapporta | 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf dwar jew tissuspetta, *bona fide*, li jkunu seħħew reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, jew li jkunu mistennija aktar atti ta' vjolenza, tirrapporta dan lill- |

| | |
|---|---|
| dan lill-awtoritajiet kompetenti. | awtoritajiet kompetenti ***mingħajr biża' ta' konsegwenzi negattivi***. |

**Emenda 142**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità imposti mil-liġi nazzjonali fuq il-professjonisti rilevanti, bħall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, ma jikkostitwixxux ostaklu għar-rapportar tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li hemm riskju ***imminenti*** li ssir ħsara fiżika ***serja*** lil persuna minħabba li tkun soġġetta għal kwalunkwe ***wieħed mir-reati koperti*** minn din id-Direttiva. Jekk il-vittma tkun minuri, il-professjonisti rilevanti għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li jkun twettaq att ***serju*** ta' vjolenza kopert ***skont*** din id-Direttiva jew ikunu mistennija aktar atti ***serji*** ta' vjolenza. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità imposti mil-liġi nazzjonali fuq il-professjonisti rilevanti, bħall-professjonisti tal-kura tas-saħħa ***u tal-edukazzjoni***, ma jikkostitwixxux ostaklu għar-rapportar ***min-naħa*** tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li hemm riskju ***serju*** li ssir ħsara fiżika ***jew psikoloġika*** lil persuna minħabba li tkun soġġetta għal kwalunkwe ***reat kopert*** minn din id-Direttiva. Jekk il-vittma tkun minuri, il-professjonisti rilevanti għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li jkun twettaq att ta' vjolenza kopert ***minn*** din id-Direttiva jew ikunu mistennija aktar atti ta' vjolenza. |

**Emenda 143**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta ***t-tfal*** jirrapportaw reati kriminali ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar ikunu sikuri, kunfidenzjali, imfassla u aċċessibbli b'mod u b'lingwa li taġevola lill-minuri, f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. ***Jekk ir-reat jinvolvi d-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri,*** l- | 4. Meta ***l-minuri*** jirrapportaw reati kriminali ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rapportar ikunu sikuri, kunfidenzjali, imfassla u aċċessibbli b'mod u b'lingwa li taġevola lill-minuri, f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti*** |

| | |
|---|---|
| Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens ta' ***din il-persuna***. | ***mħarrġa biex jaħdmu mal-minuri jassistuhom fil-proċeduri ta' rapportar biex jiżguraw li dawn ikunu fl-aħjar interessi tal-minuri.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens ***tal-ġenituri u li ma jkun hemm l-ebda obbligu fuq l-awtoritajiet kompetenti li jinfurmaw minnufih lil detentur*** ta' ***responsabbiltà tal-ġenituri dwar ir-rapportar***. |

**Emenda 144**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt ma' vittma li tirrapporta reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet ta' migrazzjoni kompetenti***, tal-inqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali msemmija fl-Artikolu 18.*** | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***u servizzi oħra*** li jiġu f'kuntatt ma' vittma li tirrapporta reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet ta' migrazzjoni kompetenti***;*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu l-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika jkollhom biżżejjed għarfien espert u għodod investigattivi effettivi sabiex jinvestigaw u jressqu tali reati b'mod effettiv, speċjalment sabiex jiġbru, janalizzaw u jiżguraw evidenza elettronika f'każijiet ta' vjolenza ċibernetika. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu l-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika jkollhom biżżejjed għarfien espert ***speċjalizzat*** u għodod investigattivi effettivi sabiex jinvestigaw u jressqu tali reati b'mod effettiv, speċjalment sabiex jiġbru, janalizzaw u jiżguraw evidenza elettronika f'każijiet ta' vjolenza |

| | |
|---|---|
| | ċibernetika. |

**Emenda 146**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati ta' vjolenza rrapportati kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika jiġu pproċessati u ttrasferiti mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti ***għall-prosekuzzjoni*** u ***l-investigazzjoni***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati ta' vjolenza rrapportati kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika jiġu pproċessati u ttrasferiti mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti ***għall-fini ta' adozzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni*** u ***għall-fini ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni***. |

**Emenda 147**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom minnufih u b'mod effettiv jirreġistraw u jinvestigaw allegazzjonijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika u jiżguraw li ***jiġi ppreżentat ilment uffiċjali*** fil-każijiet kollha. | 3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom minnufih u b'mod effettiv jirreġistraw u jinvestigaw allegazzjonijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika u jiżguraw li ***jinżamm reġistru amministrattiv*** fil-każijiet kollha ***u li l-evidenza tiġi ppreservata, irrispettivament minn jekk l-investigazzjoni tkomplix***. |

**Emenda 148**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu minnufih lill-vittmi ***għal*** professjonisti ***rilevanti*** tal-kura tas-saħħa jew ***għal*** servizzi ta' appoġġ ***imsemmija*** fl-Artikoli 27, 28 u 29 sabiex jassistu ***fl-*** | 4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu minnufih lill-vittmi ***għand*** professjonisti tal-kura tas-saħħa jew servizzi ta' appoġġ ***speċjalizzat rilevanti msemmija*** fl-Artikoli 27, 28***, 29*** u 29***a*** |

| | |
|---|---|
| ***iżgurar tal-evidenza***, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjolenza sesswali***, fejn il-vittma tkun tixtieq tressaq akkużi u tagħmel użu minn tali servizzi.*** | sabiex jassistu ***biex l-evidenza tinżamm sigura***, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjolenza sesswali***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu informati dwar l-importanza li tinġabar l-evidenza mill-aktar fis possibbli;*** |

**Emenda 149**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija ***fl-Artikolu*** 5 ma għandhomx ikunu dipendenti fuq ir-rapportar jew l-akkuża minn vittma jew mir-rappreżentant tagħha, u l-proċedimenti kriminali għandhom ikomplu anki jekk ir-rapport jew l-akkuża jkunu ġew irtirati. | 5. L-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija ***fl-Artikoli*** 5***, 6, u 6c*** ma għandhomx ikunu dipendenti fuq ir-rapportar jew l-akkuża minn vittma jew mir-rappreżentant tagħha, u l-proċedimenti kriminali għandhom ikomplu anki jekk ir-rapport jew l-akkuża jkunu ġew irtirati. |

**Emenda 150**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-qafas tal-valutazzjoni individwali li għandha titwettaq skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-vittmi koperti minn din id-Direttiva, jiġu vvalutati l-elementi addizzjonali kif stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. | 1. Fil-qafas tal-valutazzjoni individwali li għandha titwettaq skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-vittmi koperti minn din id-Direttiva, jiġu vvalutati l-elementi addizzjonali kif stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu ***("il-valutazzjoni individwali speċjalizzata")***. |

**Emenda 151**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Din*** il-valutazzjoni individwali għandha tinbeda mal-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom jivverifikaw mhux aktar tard mill-bidu tal-proċedimenti kriminali jekk tkunx twettqet valutazzjoni. Jekk dan ma kienx il-każ, huma għandhom jirrimedjaw is-sitwazzjoni billi jwettqu valutazzjoni ***mill-aktar fis possibbli***. | 2. Il-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata*** għandha tinbeda ***mingħajr dewmien*** mal-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet kompetenti ***u għandha titwettaq minn professjonisti b'għarfien espert f'dan il-qasam***. L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom jivverifikaw ***fi żmien opportun u*** mhux aktar tard mill-bidu tal-proċedimenti kriminali jekk tkunx twettqet ***tali*** valutazzjoni. Jekk dan ma kienx il-każ, huma għandhom jirrimedjaw is-sitwazzjoni billi jwettqu valutazzjoni ***individwali speċjalizzata***. |

**Emenda 152**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-valutazzjoni individwali għandha tiffoka fuq ir-riskju li jirriżulta mill-awtur tar-reat jew ***mis-suspettat***, inkluż ir-riskju ta' vjolenza ripetuta, ir-riskju ta' offiża fuq il-persuna, l-użu ta' armi, l-awtur tar-reat jew ***is-suspettat li jgħix*** mal-vittma, l-użu ħażin tad-droga jew tal-alkoħol mill-awtur ***ta' reat jew suspettat***, abbuż tal-minuri, kwistjonijiet ta' saħħa mentali ***jew imġiba*** ta' ***segwiment*** ta' ***persuna bil-moħbi***. | 3. Il-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata*** għandha tiffoka fuq ir-riskju li jirriżulta mill-awtur tar-reat jew ***mill-persuna suspettata***, inkluż ir-riskju ta' vjolenza ripetuta***, il-livell ta' kontroll eżerċitat mill-awtur tar-reat jew mill-persuna suspettata fuq il-vittma u l-effett potenzjali ta' tali kontroll fuq il-preservazzjoni tal-evidenza***, ir-riskju ta' offiża fuq il-persuna ***jew ħsara psikoloġika***, l-użu ***possibbli*** ta' armi ***u l-aċċess għalihom***, l-awtur tar-reat jew ***il-persuna suspettata jkunu jgħixu*** mal-vittma, l-użu ħażin tad-droga jew tal-alkoħol mill-awtur ***tar-reat jew mill-persuna suspettata***, abbuż tal-minuri, kwistjonijiet ta' saħħa mentali***, inkluż ir-riskju*** ta' ***suwiċidju, jew imġiba*** ta' ***stalking***. |

**Emenda 153**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-valutazzjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, inkluż jekk dawn ***jesperjenzawx*** diskriminazzjoni bbażata fuq kombinament ta' sess u raġunijiet oħra u għalhekk jiffaċċjawx riskju akbar ta' vjolenza, ***kif ukoll il-kunsiderazzjoni*** u ***l-valutazzjoni*** tal-vittma ***stess*** tas-sitwazzjoni. Dan għandu jsir fl-aħjar interess tal-vittma, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali ***lill-ħtieġa*** li tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta. | 4. Il-valutazzjoni ***individwali speċjalizzata*** għandha tqis iċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, inkluż jekk dawn ***ikunux esperjenzaw*** diskriminazzjoni bbażata fuq kombinament ta' ***raġunijiet ta'*** sess***, ġeneru*** u raġunijiet oħra ***kif imsemmija fl-Artikolu 35(1)*** u għalhekk jiffaċċjawx riskju akbar ta' vjolenza***. Iċ-ċirkostanzi li jirrikjedu attenzjoni speċjali għandhom jinkludu l-fatt li l-vittma tkun tqila, id-dipendenza tal-vittma fuq l-awtur tar-reat jew ir-relazzjoni miegħu, ir-riskju li l-vittma tirritorna għand l-awtur tar-reat jew il-persuna suspettata, is-separazzjoni reċenti minn mal-awtur tar-reat jew minn mal-persuna suspettata, ir-riskju possibbli li l-minuri u l-annimali tal-kumpanija jintużaw biex jiġi eżerċitat kontroll fuq il-vittma u r-riskji għall-vittmi b'diżabilità. Il-verżjoni tal-fatti*** tal-vittma ***kif ukoll il-valutazzjoni*** tas-sitwazzjoni ***min-naħa tagħha għandhom ukoll jingħataw attenzjoni speċjali***. Dan għandu jsir fl-aħjar interess tal-vittma, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali ***għall-ħtieġa*** li tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta. |

**Emenda 154**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni adegwati abbażi tal-valutazzjoni individwali, bħal: | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni adegwati abbażi tal-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata***, bħal: |

**Emenda 155**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-għoti ta' ordnijiet ta' inibizzjoni u ta' restrizzjoni jew ta' protezzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva; | (b) l-għoti ta' ordnijiet ta' inibizzjoni u ta' restrizzjoni jew ta' protezzjoni ta' emerġenza ***u l-użu tal-arrest u tad-detenzjoni*** skont l-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva; |

**Emenda 156**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-valutazzjoni individwali għandha ssir f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha skont l-istadju tal-proċedimenti***,*** u ***s-servizzi*** ta' appoġġ rilevanti, bħaċ-ċentri għall-protezzjoni tal-vittmi u ***l-postijiet*** ta' kenn ***tan-nisa***, is-servizzi soċjali ***u l-professjonisti*** tal-kura tas-saħħa. | 6. Il-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata*** għandha ssir f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha skont l-istadju tal-proċedimenti u ***mas-servizzi*** ta' appoġġ rilevanti, bħaċ-ċentri għall-protezzjoni tal-vittmi***, is-servizzi speċjalizzati għan-nisa*** u ***għall-minuri, il-postijiet*** ta' kenn***, is-servizzi soċjali***, is-servizzi ***ta' protezzjoni jew*** soċjali ***għall-minuri, il-professjonisti*** tal-kura tas-saħħa***, is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għall-vittmi LGBTIQ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra***. |

**Emenda 157**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw il-valutazzjoni individwali f'intervalli regolari sabiex jiżguraw li l-miżuri ta' protezzjoni ***jkunu relatati*** mas-sitwazzjoni attwali tal-vittma. ***Dan għandu jinkludi valutazzjoni*** dwar jekk ***il-miżuri*** ta' protezzjoni, b'mod partikolari skont l-Artikolu 21, ***għandhomx bżonn*** jiġu | 7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw il-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata*** f'intervalli regolari***, inkluż matul mumenti importanti fil-każ u meta jinbidlu l-kustodja jew id-drittijiet tal-aċċess,*** sabiex jiżguraw li l-miżuri ta' protezzjoni ***jirrelataw*** mas-sitwazzjoni attwali tal-vittma. ***Il-valutazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| adattati jew meħuda. | ***individwali speċjalizzata għandha tinkludi evalwazzjoni*** dwar jekk ***huwiex meħtieġ li l-miżuri*** ta' protezzjoni, b'mod partikolari skont l-Artikolu 21, jiġu adattati jew meħuda. |

**Emenda 158**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Id-dipendenti tal-vittmi għandhom ikunu preżunti li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni mingħajr ma jiġu ***suġġetti għall-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 6***. | 8. Id-dipendenti tal-vittmi għandhom ikunu preżunti li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni mingħajr ma jiġu ***soġġetti għal valutazzjoni individwali speċjalizzata***. |

**Emenda 159**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, filwaqt li jqisu l-valutazzjoni individwali ***msemmija fl-Artikolu 18***, l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-ħtiġijiet individwali tal-vittma u tad-dipendenti tagħha għall-appoġġ kif previst ***fil-Kapitolu*** 4. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, filwaqt li jqisu l-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata***, l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw ***regolarment*** il-ħtiġijiet individwali tal-vittma u tad-dipendenti tagħha għall-appoġġ kif previst ***skont il-Kapitolu*** 4 ***("il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ għall-vittmi")***. |

**Emenda 160**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ għall-vittmi u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ ma għandhomx jiddependu fuq li vittma tirrapporta r-reat*** |

| | |
|---|---|
| | ***kriminali.*** |

**Emenda 161**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Artikolu 18(4) u (7) għandu japplika għall-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ ***skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***. | 2. L-Artikolu 18(4)***, (6)*** u (7) għandu japplika ***mutatis mutandis*** għall-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ ***għall-vittmi***. |

**Emenda 162**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jekk ***il-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 18 u 19 ikunu*** identifikaw ħtiġijiet speċifiċi ta' ***appoġġ*** jew ***protezzjoni*** jew jekk il-vittma titlob appoġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ jikkuntattjaw lill-vittmi sabiex ***joffru*** appoġġ. | 1. Jekk ***il-valutazzjoni individwali speċjalizzata u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ għall-vittmi jkunu*** identifikaw ħtiġijiet speċifiċi ta' ***protezzjoni*** jew ***ta' appoġġ*** jew jekk il-vittma titlob appoġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ***, inklużi s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għan-nisa,*** jikkuntattjaw lill-vittmi sabiex ***joffrulhom*** appoġġ***, b'qies dovut għas-sikurezza tagħhom***. |

**Emenda 163**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispondu għat-talbiet għall-protezzjoni u l-appoġġ ***b'mod f'waqtu*** u ***kkoordinat***. | 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispondu għat-talbiet għall-protezzjoni u l-appoġġ***, inkluża l-kura medika, mingħajr dewmien*** u ***b'mod ikkoordinat***. |

**Emenda 164**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fejn*** meħtieġ, ***huma*** għandhom ***ikunu*** jistgħu jirreferu lil vittmi minuri, inklużi xhieda, ***għal*** servizzi ta' appoġġ mingħajr il-kunsens minn qabel ***tad-detentur*** tar-responsabbiltà tal-ġenituri. | 3. ***Meta*** meħtieġ, ***l-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu*** jistgħu jirreferu lil vittmi minuri, inklużi xhieda, ***għand*** servizzi ta' appoġġ ***speċjalizzat*** mingħajr il-kunsens minn qabel ***ta' detentur*** tar-responsabbiltà tal-ġenituri. |

**Emenda 165**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ordnijiet ***urġenti*** ta' inibizzjoni, ta' trażżin u ta' protezzjoni | Ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin u ta' protezzjoni ***ta' emerġenza, arrest u detenzjoni*** |

**Emenda 166**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'sitwazzjonijiet ta' periklu immedjat għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-vittma jew tad-dipendenti tagħha, l-awtoritajiet kompetenti joħorġu ordnijiet indirizzati lil awtur ta' reat jew lil ***suspettat*** ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva sabiex jitilqu mir-residenza tal-vittma jew tad-dipendenti tagħha għal perjodu ta' żmien suffiċjenti u sabiex jipprojbixxu lill-awtur ta' reat jew ***lis-suspettat*** milli ***jidħol*** fir-residenza jew milli ***jidħol fil-post*** tax-xogħol ***tal-vittma*** jew milli ***b'xi mod jikkuntattja l-vittma*** jew ***id-dipendenti*** tagħha. Tali ordnijiet | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'sitwazzjonijiet ta' periklu immedjat għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-vittma jew tad-dipendenti tagħha, l-awtoritajiet kompetenti joħorġu ***mingħajr dewmien*** ordnijiet indirizzati lil awtur ta' reat jew lil ***persuna suspettata*** ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva sabiex jitilqu mir-residenza tal-vittma jew tad-dipendenti tagħha għal perjodu ta' żmien suffiċjenti u sabiex jipprojbixxu lill-awtur ta' reat jew ***lill-persuna suspettata*** milli ***jidħlu*** fir-residenza ***jew fil-post tax-xogħol tal-vittma,*** jew milli ***jersqu aktar qrib ir-*** |

ghandu jkollhom effett immedjat u ma jkunux dipendenti fuq ***vittma*** li tirrapporta r-reat kriminali.

***residenza jew il-post*** tax-xogħol ***minn distanza preskritta,*** jew milli ***jikkuntattjaw lill-vittma, lid-dipendenti tagħha*** jew ***lill-post tax-xogħol*** tagħha ***bi kwalunkwe mod***. Tali ordnijiet għandu jkollhom effett immedjat u ma jkunux dipendenti fuq li ***vittma*** tirrapporta r-reat kriminali. ***Tali ordnijiet jistgħu jkunu komplementari għall-ordnijiet kif stabbiliti fil-paragrafi 2 u 2a.***

**Emenda 167**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-użu tal-monitoraġġ elettroniku jew miżuri oħra ta' superviżjoni biex jiżguraw l-infurzar tal-ordnijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 u jżidu l-protezzjoni tal-vittma.*** |

**Emenda 168**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw, mingħajr dewmien, l-arrest u d-detenzjoni ta' persuna suspettata f'sitwazzjonijiet meta jkun hemm periklu immedjat għall-vittma jew għad-dipendenti jew għall-finijiet ta' preservazzjoni tal-evidenza.*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin u ta' protezzjoni ta' emerġenza ma jintużawx bħala sostitut għall-arrest u għad-detenzjoni meta jkun hemm riskju ta' vjolenza ripetuta u severa kontra vittma jew dipendenti.*** |

**Emenda 170**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2d (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2d. Meta l-awtur ta' reat ikun soġġett għad-detenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-vittma tiġi informata meta l-awtur tar-reat jinħeles.*** |

**Emenda 171**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Kwalunkwe ksur tal-ordnijiet ta' inibizzjoni jew ta' restrizzjoni u ta' protezzjoni ta' emerġenza għandu jkun soġġett għal pieni kriminali jew pieni legali oħra li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. | 4. Kwalunkwe ksur tal-ordnijiet ta' inibizzjoni jew ta' restrizzjoni u ta' protezzjoni ta' emerġenza għandu jkun soġġett għal pieni kriminali jew pieni legali oħra li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu informati dwar kwalunkwe ksur ta' tali ordnijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tkun inkisret tali ordni, l-awtoritajiet kompetenti immedjatament jivvalutaw ir-riskju possibbli ta' ħsara imminenti u jieħdu l-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa.*** |

**Emenda 172**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'sitwazzjonijiet li fihom jinħarġu ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni, l-awturi tar-reati jiġu informati dwar programmi speċjalizzati li jindirizzaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru.*** |

**Emenda 173**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida għall-awtoritajiet kompetenti li jaġixxu fi proċedimenti kriminali, inklużi linji gwida ***tal-prosekuzzjoni*** u ġudizzjarji, li jikkonċernaw każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu gwida dwar: | L-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida ***speċjalizzati*** għall-awtoritajiet kompetenti li jaġixxu fi proċedimenti kriminali ***u, meta rilevanti proċedimenti ċivili, bħal proċedimenti ta' kustodja***, inklużi linji gwida ***ta' prosekuzzjoni*** u ġudizzjarji, li jikkonċernaw każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. Dawk il-linji gwida ***għandhom ikunu sensittivi għall-ġeneru u*** għandhom jinkludu gwida dwar: |

**Emenda 174**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kif tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa tal-forom kollha ta' vjolenza ***bħal din***; | (a) kif tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa tal-forom kollha ta' ***tali*** vjolenza***, u l-ġbir u l-preservazzjoni ta' evidenza rilevanti, inkluża evidenza online***; |

**Emenda 175**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 - paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kif ***għandha*** titwettaq il-valutazzjoni individwali ***skont l-Artikoli 18 u 19***; | (b) kif titwettaq il-valutazzjoni individwali ***speċjalizzata u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' appoġġ għall-vittmi, inkluż kull meta tali valutazzjonijiet għandhom jiġu aġġornati***; |

**Emenda 176**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) kif jinkisbu, mingħajr dewmien, ordnijiet ta' inibizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni ta' emerġenza, inklużi dawk b'effett immedjat;*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) kif għandhom jiġu ttrattati l-vittmi b'mod sensittiv għat-trawma, għall-ġeneru u għall-minuri; | (c) kif għandhom jiġu ttrattati l-vittmi b'mod sensittiv għat-trawma, għall-ġeneru**,** ***għad-diżabilità*** u għall-minuri ***u kif jiġi żgurat id-dritt tal-minuri li jinstema' u l-aħjar interess tal-minuri***; |

**Emenda 178**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) kif jiġi żgurat li l-proċedimenti jitwettqu ***b'mod*** li tiġi evitata | (d) kif jiġi żgurat li ***l-vittmi jiġu trattati b'mod rispettuż u li*** l-proċedimenti jitwettqu ***b'tali mod*** li tiġi evitata |

| | |
|---|---|
| vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta; | vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta; |

**Emenda 179**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) kif jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni u appoġġ imsaħħa ***tal-vittmi*** li jesperjenzaw diskriminazzjoni abbażi ta' kombinament ta' sess u raġunijiet oħra; | (e) kif jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni***, mediċi*** u ***ta'*** appoġġ imsaħħa ***ta' vittmi*** li jesperjenzaw diskriminazzjoni ***intersezzjonali*** abbażi ta' kombinament ***ta' raġunijiet*** ta' sess***, ġeneru*** u raġunijiet oħra ***kif imsemmija fl-Artikolu 35(1)***; |

**Emenda 180**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) kif ***għandhom jiġu*** evitati l-isterjotipi tal-ġeneru; | (f) kif ***jiġu identifikati u*** evitati l-isterjotipi tal-ġeneru; |

**Emenda 181**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) kif il-vittmi jiġu ***rriferuti*** għal servizzi ta' appoġġ, sabiex jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-vittmi u l-immaniġġjar ta' każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika**.** | (g) kif il-vittmi jiġu ***riferuti*** għal servizzi ta' appoġġ ***speċjalizzati, inklużi servizzi mediċi***, sabiex jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-vittmi u l-immaniġġjar***,*** ta' każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika ***mingħajr dewmien;*** |

**Emenda 182**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Il-linji gwida msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jiġu rieżaminati u aġġornati f'intervalli regolari, filwaqt li jitqies il-mod kif japplikaw fil-prattika, f'konsultazzjoni u b'kooperazzjoni ma' servizzi speċjalizzati, inklużi s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għan-nisa.*** |

**Emenda 183**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Ir-rwol tal-korpi nazzjonali u tal-korpi tal-ugwaljanza | Ir-rwol tal-korpi nazzjonali u tal-korpi tal-ugwaljanza ***u atturi speċjalizzati rilevanti oħra*** |

**Emenda 184**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jaħtru u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex korp jew korpi jwettqu l-kompiti li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jaħtru u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex korp jew korpi ***jew atturi speċjalizzati rilevanti oħra*** jwettqu l-kompiti li ġejjin: |

**Emenda 185**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) jippubblikaw rapporti indipendenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali ***diskriminazzjoni***; | (b) jippubblikaw rapporti indipendenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali ***forom ta' vjolenza, inkluż il-ġbir tal-aħjar*** |

| | |
|---|---|
| | ***prattika eżistenti***; |

**Emenda 186**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jiskambjaw ***informazzjoni*** disponibbli ma' korpi Ewropej korrispondenti bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza ***tal-Ġeneru.*** | (c) ***jappoġġaw il-ġbir tad-data u*** jiskambjaw ***l-informazzjoni*** disponibbli ma' korpi Ewropej korrispondenti bħall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza ***bejn is-Sessi;*** |

**Emenda 187**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 − paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' vittma waħda jew aktar ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika fi proċedimenti ġudizzjarji, inkluż għat-talba għall-kumpens imsemmija fl-Artikolu 26 u t-tneħħija tal-kontenut online msemmi fl-Artikolu 25, bl-approvazzjoni ***tal-vittma***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ***jew atturi speċjalizzati rilevanti oħra*** msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ ta' vittma waħda jew aktar ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika fi proċedimenti ġudizzjarji, inkluż għat-talba għall-kumpens imsemmija fl-Artikolu 26 u t-tneħħija tal-kontenut online msemmi fl-Artikolu 25, bl-approvazzjoni ***tal-vittmi***. |

**Emenda 188**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija ***fil-pront*** tal-materjal imsemmi fl-Artikolu 7(a) u (b), fl-Artikolu 8(***c***)***,*** u fl-Artikoli 9 u 10. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu l-possibbiltà li l-awtoritajiet ġudizzjarji | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***fil-pront*** jiżguraw it-tneħħija tal-materjal imsemmi fl-Artikolu 7***, il-punti*** (a) u (b), fl-Artikolu 8***, il-punti*** (***a***) u ***(c),*** fl-Artikoli 9 u 10 ***li jkun pubblikament aċċessibbli online, jew*** |

kompetenti tagħhom joħorġu, fuq talba mill-vittma, ordnijiet legali vinkolanti sabiex jitneħħa jew jiġi ***mblukkat*** l-aċċess għal tali materjal, indirizzati lill-fornituri rilevanti ta' servizzi intermedjarji.

***jiddiżattivaw l-aċċess għalih***. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu l-possibbiltà li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħhom joħorġu, fuq talba mill-vittma, ordnijiet legali vinkolanti sabiex jitneħħa jew jiġi ***diżattivat*** l-aċċess għal tali materjal, indirizzati lill-fornituri rilevanti ta' servizzi intermedjarji.

**Emenda 189**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ***imsemmijin fil-paragrafu 1 ikunu*** jistgħu jinħarġu fi proċedimenti interim, anki qabel it-terminazzjoni ta' kwalunkwe proċediment kriminali rigward ir-reati msemmija fl-Artikolu 7(a) u (b), fl-Artikolu 8(c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 meta l-awtorità ġudizzjarja adita tqis li: | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet ***biex jiġi diżattivat l-aċċess għall-materjal imsemmija fl-Artikolu 7, il-punt (a) jew (b), fl-Artikolu 8, il-punt (a) jew (c), jew l-Artikolu 9 jew 10 jkunu*** jistgħu jinħarġu fi proċedimenti *interim*, anki qabel it-terminazzjoni ta' kwalunkwe proċediment kriminali rigward ir-reati msemmija fl-Artikolu 7***, il-punti*** (a) u (b), fl-Artikolu 8***, il-punti (a) u*** (c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 meta l-awtorità ġudizzjarja adita tqis li: |

**Emenda 190**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tkun ġiet ippreżentata b'evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-konklużjoni li l-imġiba msemmija fl-Artikolu 7(a) u (b), fl-Artikolu 8(c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 x'aktarx seħħet fir-rigward ***tar-rikorrent*** u li l-materjal li huwa l-oġġett ***tar-rikors*** jikkostitwixxi materjal kif imsemmi f'dawk l-artikoli; | (a) tkun ġiet ippreżentata b'evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-konklużjoni li l-imġiba msemmija fl-Artikolu 7***, il-punti*** (a) u (b), fl-Artikolu 8***, il-punti (a) u*** (c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 x'aktarx seħħet fir-rigward ***tal-applikant*** u li l-materjal li huwa l-oġġett ***tat-talba*** jikkostitwixxi materjal kif imsemmi f'dawk l-artikoli; |

**Emenda 191**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tneħħija ta' dak il-materjal hija meħtieġa sabiex tiġi evitata jew limitata ħsara sinifikanti lill-vittma; | (b) it-tneħħija ta' dak il-materjal ***jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih*** hija meħtieġa sabiex tiġi evitata jew limitata ħsara sinifikanti lill-vittma; |

**Emenda 192**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u ***fil-paragrafu*** 2 ikunu validi għal perjodu ta' żmien xieraq ta' mhux aktar minn sena, soġġetti għal tiġdid għal perjodu ta' żmien xieraq addizzjonali, fuq talba mill-vittma, ***fejn*** l-awtorità ġudizzjarja adita tqis li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 għadhom jiġu ***sodisfatti***. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-proċedimenti kriminali rigward ir-reati msemmija fl-Artikolu 7(a) u (b), fl-Artikolu 8(c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 jiġu tterminati mingħajr ma jwasslu għas-sejba li tali reat ikun twettaq, l-ordnijiet jiġu invalidati u l-fornitur tas-servizzi intermedjarji kkonċernati jiġi informat b'dan. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 ikunu validi għal perjodu ta' żmien xieraq ta' mhux aktar minn sena, soġġetti għal tiġdid għal perjodu ta' żmien xieraq addizzjonali, fuq talba mill-vittma, ***meta*** l-awtorità ġudizzjarja adita tqis li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 għadhom ***qed*** jiġu ***ssodisfati***. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-proċedimenti kriminali rigward ir-reati msemmija fl-Artikolu 7***, il-punti*** (a) u (b), fl-Artikolu 8***, il-punt (a), u, meta jkun ikkonċernat materjal disponibbli pubblikament, il-punt*** (c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 jiġu tterminati mingħajr ma jwasslu għas-sejba li tali reat ikun twettaq, l-ordnijiet jiġu invalidati u l-fornitur tas-servizzi intermedjarji kkonċernati jiġi informat b'dan. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-proċedimenti kriminali rigward ir-reati msemmija fl-Artikolu 7, il-punt (a) jew (b), fl-Artikolu 8, il-punt (a) jew (c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10 jikkonkludu b'sejba li tali reat ikun twettaq, l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jsiru permanenti.*** |

**Emenda 193**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet u miżuri oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jittieħdu skont proċeduri trasparenti u jkunu soġġetti għal salvagwardji adegwati, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li dawk l-ordnijiet u miżuri oħra jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat u li jitqiesu kif xieraq id-drittijiet u l-interessi tal-partijiet kollha involuti. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ordnijiet u miżuri oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jittieħdu skont proċeduri trasparenti u jkunu soġġetti għal salvagwardji adegwati, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li dawk l-ordnijiet u miżuri oħra jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat u li jitqiesu kif xieraq id-drittijiet u l-interessi tal-partijiet kollha involuti***, inklużi d-drittijiet fundamentali tagħhom f'konformità mal-Karta***. |

**Emenda 194**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-utenti*** finali tas-servizzi rilevanti ***jiġu informati***, ***fejn*** xieraq mill-fornituri tas-servizzi intermedjarji kkonċernati, bir-raġunijiet għat-tneħħija jew ***l-imblukkar*** tal-aċċess għall-materjal skont l-ordnijiet jew miżuri oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u li dawk l-utenti finali jkollhom aċċess għal rimedju ġudizzjarju. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-utent*** finali tas-servizzi rilevanti ***li jkun għamel disponibbli online l-materjal soġġett għal ordni ġudizzjarja jiġi informat***, ***meta*** xieraq mill-fornituri tas-servizzi intermedjarji kkonċernati, bir-raġunijiet għat-tneħħija jew ***għad-diżattivazzjoni*** tal-aċċess għall-materjal skont l-ordnijiet jew miżuri oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u li dawk l-utenti finali jkollhom aċċess għal rimedju ġudizzjarju. |

**Emenda 195**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw | 6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw |

| | |
|---|---|
| li t-tneħħija jew ***l-imblukkar*** tal-aċċess għall-materjal skont l-ordnijiet jew miżuri oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma ***jwaqqfux*** lill-awtoritajiet kompetenti milli jiksbu jew milli ***jiżguraw*** l-evidenza meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikolu 7(a) u (b), fl-Artikolu 8(c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10. | li ***l-evidenza tinkiseb u tinżamm sigura mingħajr dewmien żejjed wara li jkun ġie rrapportat ir-reat. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li*** t-tneħħija jew ***id-diżattivazzjoni*** tal-aċċess għall-materjal skont l-ordnijiet jew miżuri oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma ***jipprevjenux*** lill-awtoritajiet kompetenti milli jiksbu jew milli ***jżommu sigura*** l-evidenza meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija***,*** fl-Artikolu 7***, il-punti*** (a) u (b), fl-Artikolu 8***, il-punt (a), u, meta jkun ikkonċernat materjal disponibbli pubblikament, il-punt*** (c), fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 10. |

**Emenda 196**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkollhom id-dritt li jitolbu kumpens sħiħ mingħand l-awturi tar-reati għal danni li jirriżultaw mill-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkollhom id-dritt li jitolbu kumpens sħiħ mingħand l-awturi tar-reati għal danni li jirriżultaw mill-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-awturi tar-reati ma jirrispettawx id-deċiżjoni li jitħallas kumpens lill-vittma fil-perjodu taż-żmien miftiehem, il-vittmi jkollhom aċċess għal skemi eżistenti ta' kumpens.*** |

**Emenda 197**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 26 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Id-dannu għandu jinkludi l-kostijiet għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, għas-servizzi ta' appoġġ, għar-riabilitazzjoni, għat-telf tal-introjtu u ***għall-kostijiet*** | 4. Id-dannu għandu jinkludi l-kostijiet għas-servizzi tal-kura tas-saħħa ***sesswali u riproduttiva u psikoloġika***, għas-servizzi ta' appoġġ, għar-riabilitazzjoni, għat-telf |

| | |
|---|---|
| raġonevoli oħra li jkunu nħolqu bħala riżultat tar-reat jew għall-ġestjoni tal-konsegwenzi tiegħu. L-ammont tad-danni mogħtija għandu jikkumpensa wkoll għall-ħsara fiżika ***u*** psikoloġika u għall-preġudizzju morali. | tal-introjtu u ***għal kostijiet*** raġonevoli oħra li jkunu nħolqu bħala riżultat tar-reat jew għall-ġestjoni tal-konsegwenzi tiegħu. L-ammont tad-danni mogħtija għandu jikkumpensa wkoll għall-ħsara fiżika ***jew*** psikoloġika***, bħal vittimizzazzjoni sekondarja,*** u għall-preġudizzju morali. |

**Emenda 198**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 26 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Il-perjodu*** ta' preskrizzjoni ***sabiex titressaq*** talba għal kumpens ma ***għandux ikun*** inqas minn ħames snin minn meta jkun seħħ ir-reat. | 5. ***Il-perjodi*** ta' preskrizzjoni ***għat-tressiq ta'*** talba għal kumpens ***għar-reati msemmija fl-Artikoli 5 sa 11*** ma ***għandhomx ikunu inqas mill-perjodi ta' preskrizzjoni korrispondenti għal dawk ir-reati stabbiliti fl-Artikolu 15. Il-perjodi ta' preskrizzjoni għat-tressiq ta' talba għal kumpens għal atti ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika kif kriminalizzati skont strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni u għal kwalunkwe att ieħor ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika kif kriminalizzat skont il-liġi nazzjonali ma għandhomx ikunu*** inqas minn ħames snin minn meta jkun seħħ ir-reat. |

**Emenda 199**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 26 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perjodu ta' preskrizzjoni sabiex titressaq talba għal kumpens ta' reati kriminali ***msemmi fl-Artikolu*** 7 għandu jibda ***jiddekorri*** malli l-vittma ssir taf bir-reat. | Il-perjodu ta' preskrizzjoni sabiex titressaq talba għal kumpens ta' reati kriminali ***msemmija fl-Artikoli*** 7 ***sa 10*** għandu jibda malli l-vittma ssir taf bir-reat. |

**Emenda 200**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 26 – paragrafu 5 – subparagrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-perjodu ta' preskrizzjoni sabiex titressaq talba għal kumpens għal reati kriminali kif imsemmija fl-Artikoli 5 sa 6d għandu jibda malli l-vittma ssir taf li jkun seħħ ir-reat.*** |

**Emenda 201**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Appoġġ speċjalizzat għall-vittmi | Appoġġ ***ġenerali u*** speċjalizzat għall-vittmi |

**Emenda 202**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat imsemmija ***fl-Artikolu*** 9***(3)*** tad-Direttiva 2012/29/UE jkunu disponibbli għall-vittmi ta' atti ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva. Is-servizzi ta' appoġġ ***speċjalizzat*** għandhom jipprovdu: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ***ta' appoġġ ġenerali għall-vittmi u s-servizzi*** ta' appoġġ speċjalizzat imsemmija ***fl-Artikoli 8 u*** 9 tad-Direttiva 2012/29/UE jkunu disponibbli għall-vittmi ta' atti ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva ***u li l-fornituri ta' dawk is-servizzi jikkooperaw ma' xulxin biex jiżguraw li l-forniment ta' dawk is-servizzi jkun ikkoordinat***. Is-servizzi ta' appoġġ ***ġenerali għall-vittmi*** għandhom jipprovdu***, fl-aktar stadju bikri possibbli***: |

**Emenda 203**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) pariri u informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni legali jew prattika rilevanti li tirriżulta mir-reat, inkluż dwar l-aċċess ***għall-akkomodazzjoni***, ***l-edukazzjoni***, ***it-taħriġ*** u ***l-assistenza*** sabiex wieħed jibqa' ***fi*** jew isib impjieg; | (a) pariri u informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni legali***, soċjali*** jew prattika rilevanti li tirriżulta mir-reat, inkluż dwar l-aċċess ***għal kura tas-saħħa***, ***akkomodazzjoni, edukazzjoni***, ***taħriġ*** u ***assistenza*** sabiex wieħed jibqa' ***f'impjieg*** jew isib impjieg***, indukrar tat-tfal, assistenza finanzjarja u benefiċċji u dwar riferimenti għal servizz ta' appoġġ speċjalizzat, inklużi servizzi ta' ħruġ rilevanti minn tali sitwazzjonijiet***; |

**Emenda 204**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) riferimenti għal eżamijiet forensiċi mediċi; | (b) riferimenti għal eżamijiet forensiċi mediċi***, inklużi servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi, counselling psikoloġiku, ċentri għall-vittmi ta' stupru, ċentri ta' appoġġ għan-nisa, postijiet ta' kenn għan-nisa, ċentri ta' riferiment f'każ ta' vjolenza sesswali u servizzi ta' prevenzjoni primarja***; |

**Emenda 205**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***l-appoġġ*** lill-vittmi tal-vjolenza ċibernetika, inkluż pariri dwar ir-rimedji ġudizzjarji u r-rimedji sabiex jitneħħa l-kontenut online relatat mar-reat***.*** | (c) ***appoġġ*** lill-vittmi tal-vjolenza ċibernetika, inkluż ***dwar kif l-evidenza tinżamm sigura u*** pariri dwar ir-rimedji ġudizzjarji u r-rimedji sabiex jitneħħa l-kontenut online relatat mar-reat***;*** |

**Emenda 206**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għandhom jipprovdu, fl-aktar stadju bikri possibbli:*** |
| | ***(a) pariri u informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni legali, soċjali jew prattika rilevanti li tirriżulta mill-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, b'mod partikolari dwar l-aċċess għal servizzi speċjalizzati għan-nisa, inkluż għal ċentri ta' appoġġ għan-nisa, postijiet ta' kenn għan-nisa, helplines, ċentri għall-vittmi ta' stupru jew ċentri ta' riferiment f'każ ta' vjolenza sesswali, servizzi ta' prevenzjoni primarja, servizzi ta' ħruġ minn tali sitwazzjonijiet, u dwar l-aċċess għal servizzi oħra ta' appoġġ speċjalizzat imsemmija fl-Artikolu 29;*** |
| | ***(b) counselling psikoloġiku għal żmien qasir u fit-tul, kura għat-trawma, konsulenza legali, servizzi ta' advocacy u outreach, u servizzi speċifiċi għall-minuri bħala vittmi jew xhieda;*** |
| | ***(c) pariri dwar il-ġbir ta' evidenza medika forensika f'każijiet ta' stupru u aggressjoni sesswali;*** |
| | ***(d) appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika b'approċċ intersezzjonali, l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji ta' emanċipazzjoni pprovduti fi spazju sikur u mfassla għall-ħtiġijiet tal-vittmi, filwaqt li tiġi rispettata l-volontà tal-vittmi fuq id-deċiżjonijiet u l-passi fil-proċess tal-irkupru tagħhom.*** |

**Emenda 207**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ speċjalizzat imsemmi fil-paragrafu ***1*** għandu jiġi offrut personalment u għandu jkun faċilment aċċessibbli, inkluż online jew permezz ta' mezzi adegwati oħra, bħal teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ***imfassla*** għall-ħtiġijiet tal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. | 2. L-appoġġ speċjalizzat imsemmi fil-paragrafu ***1a*** għandu jiġi offrut personalment u għandu jkun faċilment aċċessibbli, inkluż online jew permezz ta' mezzi adegwati oħra, bħal teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ***ikun biżżejjed imqassam fuq livell ġeografiku, jevita l-ostakoli teknoloġiċi u jkun imfassal*** għall-ħtiġijiet tal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. ***L-għan ta' appoġġ speċjalizzat bħal dan hu li jiżgura l-kompitu kumpless li jagħti s-setgħa lill-vittmi permezz ta' appoġġ u assistenza ottimi mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Tali appoġġ speċjalizzat għandu jiġi pprovdut b'lingwa li l-vittma tista' tifhem u b'mod li jkun xieraq għall-età tal-vittma;*** |

**Emenda 208**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji sabiex jipprovdu s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1, speċjalment dawk imsemmija fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu, inkluż fejn tali servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet nongovernattivi.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 209**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu s-servizzi ta' protezzjoni u ta' appoġġ speċjalizzat meħtieġa sabiex jindirizzaw | 4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu s-servizzi ta' protezzjoni***, mediċi*** u ta' appoġġ speċjalizzat meħtieġa sabiex |

| | |
|---|---|
| b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi fl-istess bini, jew ikollhom tali servizzi kkoordinati permezz ta' punt ta' kuntatt ċentrali, jew permezz ta' aċċess online ta' punt ta' kuntatt uniku għal tali servizzi. Tali offerta kkombinata ta' servizzi għandha tinkludi mill-inqas kura medika ***u*** servizzi soċjali***,*** appoġġ psikosoċjali, servizzi legali u tal-pulizija. | jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi ***ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*** fl-istess bini, jew ikollhom tali servizzi kkoordinati permezz ta' ***approċċ bejn diversi aġenziji, kif ukoll*** punt ta' kuntatt ċentrali, jew permezz ta' aċċess online ta' punt ta' kuntatt uniku għal tali servizzi***, inklużi dwar provduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. Tali servizzi għandu jkollhom protokolli ta' riferiment ċari.*** Tali offerta kkombinata ta' servizzi għandha tinkludi mill-inqas kura medika***, riferiment għal kura medika futura,*** servizzi soċjali ***u*** appoġġ psikosoċjali, servizzi legali u ***servizzi*** tal-pulizija. ***Fejn meħtieġ, ir-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni soċjoekonomika wara sfruttament sesswali għandhom jiġu ffaċilitati permezz ta' servizzi speċjalizzati ta' appoġġ;*** |

**Emenda 210**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida u protokolli ***għall-professjonisti tal-kura*** tas-saħħa ***u*** tas-servizzi soċjali dwar l-identifikazzjoni u l-għoti ta' appoġġ xieraq lill-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż dwar ***ir-referenza*** tal-vittmi lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti. Tali linji gwida u protokolli għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi li huma f'riskju akbar ta' tali vjolenza bħala riżultat tal-esperjenza tagħhom ta' diskriminazzjoni bbażata fuq kombinament ta' sess u raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni. | 5. L-Istati Membri għandhom joħorġu linji gwida u protokolli ***għas-servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-vittmi bħall-kura*** tas-saħħa***,*** tas-servizzi soċjali ***u tal-protezzjoni tat-tfal*** dwar l-identifikazzjoni u l-għoti ta' appoġġ xieraq lill-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż dwar ***ir-riferiment*** tal-vittmi lis-servizzi ta' appoġġ ***speċjalizzati u mediċi*** rilevanti ***u l-kommunikazzjoni mal-vittmi u l-evitar tal-vittimizzazzjoni sekondarja***. Tali linji gwida u protokolli għandhom jindikaw ukoll kif għandhom jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi li huma f'riskju akbar ta' tali vjolenza bħala riżultat tal-esperjenza tagħhom ta' diskriminazzjoni bbażata fuq kombinament ta' sess ***jew ġeneru*** u raġunijiet oħra ta' |

| | |
|---|---|
| | diskriminazzjoni. ***Tali linji gwida għandhom jinħolqu b'mod sensittiv għall-ġeneru, it-trawma u t-tfal f'kooperazzjoni mal-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-vittmi u l-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat u għandhom jiġu rieżaminati fuq bażi regolari;*** |

**Emenda 211**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat jibqgħu kompletament operazzjonali għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika fi żminijiet ta' kriżi, bħal kriżijiet tas-saħħa jew stati oħra ta' emerġenza***.*** | 6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat***, inklużi s-servizzi ta' appoġġ mediku.*** jibqgħu kompletament operazzjonali għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika fi żminijiet ta' kriżi, bħal kriżijiet tas-saħħa jew stati oħra ta' emerġenza***;*** |

**Emenda 212**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat ikunu disponibbli għall-vittmi qabel, matul u għal żmien xieraq wara l-proċedimenti kriminali***.*** | 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ ***ġenerali għall-vittmi u s-servizzi ta' appoġġ*** speċjalizzat ***kollha, inklużi s-servizzi ta' appoġġ mediku,*** ikunu disponibbli għall-vittmi ***mingħajr dewmien u mingħajr ħlas. L-aċċess għal tali servizzi ma għandux jiddependi fuq ir-rieda tal-vittma li tressaq ilment kontra l-awtur tar-reat lil awtorità kompetenti. L-aċċess għal tali servizzi għandu jkun disponibbli*** qabel, matul u għal żmien xieraq wara l-proċedimenti kriminali***;*** |

**Emenda 213**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal ċentri ta' riferiment mgħammra kif xieraq u aċċessibbli faċilment għall-kriżijiet tal-istupru jew għall-vjolenza sesswali sabiex jiżguraw appoġġ effettiv lill-vittmi ta' vjolenza sesswali, inkluża l-assistenza fil-preservazzjoni u fid-dokumentazzjoni tal-evidenza. Dawn iċ-ċentri għandhom jipprovdu għal ***eżamijiet mediċi*** u forensiċi, appoġġ għal trawma u konsulenza psikoloġika, wara li jkun twettaq ir-reat u sakemm ikun meħtieġ wara dan. Meta l-vittma tkun minuri, tali servizzi għandhom jiġu pprovduti b'mod li jaġevola lill-minuri. | 1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal ċentri ta' riferiment mgħammra kif xieraq u aċċessibbli faċilment għall-kriżijiet tal-istupru jew għall-vjolenza sesswali sabiex jiżguraw appoġġ effettiv lill-vittmi ta' vjolenza sesswali, inkluża l-assistenza fil-preservazzjoni u fid-dokumentazzjoni tal-evidenza. Dawn iċ-ċentri għandhom jipprovdu għal ***kura medika*** u ***eżamijiet*** forensiċi***, riferiment f'waqtu għal servizzi ta' kura medika oħra, inkluża l-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva bħala parti mill-ġestjoni klinika tal-istupru***, appoġġ għal trawma u konsulenza psikoloġika, wara li jkun twettaq ir-reat u sakemm ikun meħtieġ wara dan. Meta l-vittma tkun minuri, tali servizzi għandhom jiġu pprovduti b'mod li jaġevola lill-minuri. ***L-intervisti ta' tfal li jkunu esperjenzaw vjolenza sesswali għandhom ikunu limitati. L-ispeċjalisti li jkunu tħarrġu biex jintervistaw lit-tfal biss għandhom jintervistaw lit-tfal li jkunu esperjenzaw vjolenza sesswali;*** |

**Emenda 214**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-vittmi tal-vjolenza sesswali jkollhom aċċess f'waqtu għal servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi, inklużi servizzi ta' kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kontraċezzjoni ta' emerġenza, skrinjar u profilassi ta' wara l-esponiment għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment u aċċess għal abort sikur u*** |

***legali.***

**Emenda 215**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-servizzi msemmija ***fil-paragrafu*** 1 għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas u aċċessibbli kull jum tal-ġimgħa. Dawn jistgħu jkunu parti mis-servizzi msemmija fl-Artikolu 27. | 2. Is-servizzi msemmija ***fil-paragrafi*** 1 ***u 2*** għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas u aċċessibbli kull jum tal-ġimgħa. Dawn jistgħu jkunu parti mis-servizzi msemmija fl-Artikolu 27. |

**Emenda 216**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġeografika u kapaċità suffiċjenti ta' dawn is-servizzi madwar l-Istat Membru. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġeografika u kapaċità suffiċjenti ta' dawn is-servizzi madwar l-Istat Membru ***u għandhom jiżguraw is-sikurezza tal-vittmi, u l-kunfidenzjalità għal dawn tal-aħħar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw mill-inqas ċentru wieħed ta' riferiment ta' kriżi f'każ ta' stupru jew vjolenza sesswali għal kull 200 000 abitant***; |

**Emenda 217**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Artikolu 27***(3) u (6)*** għandu japplika għall-għoti ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza sesswali**.** | 4. L-Artikolu 27 għandu japplika għall-għoti ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza sesswali***;*** |

**Emenda 218**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Appoġġ speċjalizzat għall-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili | Appoġġ speċjalizzat għall-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili ***u intersesswali*** |

**Emenda 219**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***appoġġ effettiv*** u ***adattat għall-età lill-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili,*** inkluż billi jipprovdu kura ġinekoloġika, sessjoloġika, psikoloġika u għal trawma u konsulenza mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tali vittmi, wara li jkun twettaq ir-reat u sakemm ikun meħtieġ wara dan. Dan għandu jinkludi wkoll l-għoti ta' informazzjoni dwar l-unitajiet fl-isptarijiet pubbliċi li jwettqu kirurġija klitorjali rikonstruttiva. Tali appoġġ jista' jiġi pprovdut miċ-ċentri ta' ***referenza*** msemmija fl-Artikolu 28 jew minn kwalunkwe ċentru tas-saħħa ***ddedikat.*** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***għall-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili*** u ***intersesswali appoġġ effettiv, adattat għall-età u aċċessibbli*** inkluż billi jipprovdu kura ġinekoloġika, sessjoloġika, psikoloġika u għal trawma u konsulenza mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tali vittmi, wara li jkun twettaq ir-reat u sakemm ikun meħtieġ wara dan. Dan għandu jinkludi wkoll l-għoti ta' informazzjoni dwar l-unitajiet fl-isptarijiet pubbliċi li jwettqu kirurġija ***ġenitali u*** klitorjali rikonstruttiva ***fil-każ ta' mutilazzjoni ġenitali femminili, u aċċess għat-trattament u l-medikazzjonijiet meħtieġa bħala konsegwenza tal-mutilazzjoni ġenitali intersesswali***. Tali appoġġ jista' jiġi pprovdut miċ-ċentri ta' ***riferiment*** msemmija fl-Artikolu 28 jew minn kwalunkwe ċentru tas-saħħa ***speċjalizzat;*** |

**Emenda 220**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-Artikolu 27***(3) u (6)*** u l-Artikolu 28(2) għandhom ***ikunu applikabbli*** għall-għoti ta' appoġġ għall-vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili**.** | 2. L-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(2) għandhom ***japplikaw*** għall-għoti ta' appoġġ għall-vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili ***u intersesswali msemmija fl-Artikoli 6 u 6a, rispettivament;*** |

**Emenda 221**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 29a*** |
| | ***Appoġġ speċjalizzat għall-vittmi ta' sterilizzazzjoni furzata*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' sterilizzazzjoni furzata jingħataw appoġġ effettiv u adatt għall-età, inkluża kura ġinekoloġika, psikoloġika u ta' wara t-trawma mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tali vittmi, wara li jkun twettaq ir-reat u sakemm ikun meħtieġ wara dan;*** |
| | ***2. L-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(2) għandhom japplikaw għall-għoti ta' appoġġ lill-vittmi ta' sterilizzazzjoni furzata msemmija fl-Artikolu 6b.*** |

**Emenda 222**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 29b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 29b*** |
| | ***Appoġġ speċjalizzat għall-vittmi ta' vjolenza ċibernetika*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal servizzi mgħammra b'mod xieraq u*** |

| | |
|---|---|
| | ***faċilment aċċessibbli biex jiżguraw appoġġ effettiv lill-vittmi ta' vjolenza ċibernetika, inkluż appoġġ psikoloġiku, pariri legali u assistenza għall-kisba ta' ordnijiet ġudizzjarji li jordnaw it-tneħħija ċertu materjal online msemmi fl-Artikolu 25 jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, għall-assistenza fil-komunikazzjoni mal-fornituri ta' servizzi intermedjarji online rilevanti u, meta xieraq, għall-assistenza fil-preżervazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-evidenza;*** |
| | ***2. L-Artikolu 27 għandu japplika għall-għoti ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza ċibernetika.*** |

**Emenda 223**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Appoġġ speċjalizzat ***għall-vittmi ta' fastidju*** sesswali ***fuq ix-xogħol*** | Appoġġ speċjalizzat ***biex jiġi indirizzat il-fastidju*** sesswali ***fid-dinja tax-xogħol*** |

**Emenda 224**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li s-servizzi ta' konsulenza esterna jkunu disponibbli għall-vittmi u għall-impjegaturi f'każijiet ta' fastidju*** sesswali ***fuq ix-xogħol. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu pariri dwar kif jiġu indirizzati b'mod adegwat każijiet bħal dawn fuq il-post tax-xogħol, dwar ir-rimedji legali disponibbli għall-impjegatur sabiex ineħħi l-awtur tar-reat mill-post tax-xogħol u jipprovdi l-possibbiltà ta' konċiljazzjoni bikrija, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk.*** | ***1. L-Istati Membri għandhom, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, jiżguraw linji gwida dwar l-indirizzar tal-vjolenza fuq il-post tax-xogħol u l-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol. Tali linji gwida għandhom jinkludu proċeduri ta' rappurtar u rimedji xierqa u effettivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi, il-gruppi ta' impriżi jew il-franchises jistabbilixxu, meta applikabbli permezz ta' negozjar kollettiv mat-trade unions, programmi ta' taħriġ u politiki biex jipprevjenu u jindirizzaw il-fastidju*** |

***sesswali fid-dinja tax-xogħol*** u ***l-vjolenza ċibernetika u l-vjolenza minn partijiet terzi fuq ix-xogħol u għandhom jipprovdu mekkaniżmi ta' lmenti aċċessibbli u effettivi għall-vittmi ta' tali fastidju jew vjolenza***.

**Emenda 225**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 2 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol ikollhom aċċess, mingħajr ħlas, għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u mekkaniżmi ta' lment sikuri, kunfidenzjali u effettivi, inklużi konsulenza esterna u pariri dwar il-prevenzjoni u l-indirizzar adegwati ta' każijiet ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol u fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol. Ir-rappreżentanti tat-trade unions għandhom ikunu jistgħu jappoġġaw lill-ħaddiema fi proċedimenti rilevanti. Il-vittmi ta' fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol għandhom jiġu protetti minn vittimizzazzjoni ulterjuri skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE[1a]. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identità tal-vittmi ta' fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali jew b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dritt tagħhom ta' anonimità.*** |
| | _________________ |
| | ***1a Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).*** |

**Emenda 226**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 3 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza esterni jkunu disponibbli għall-impjegaturi f'każijiet ta' fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol, inklużi linji gwida dwar rimedji legali sabiex l-awtur tar-reat jitneħħa mill-post tax-xogħol u dwar il-potenzjal li tiġi pprovduta konċiljazzjoni bikrija jekk il-vittma tkun tixtieq hekk.*** |

**Emenda 227**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 4 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ħaddiema li jesperjenzaw vjolenza bbażata fuq il-ġeneru jew vjolenza domestika, ikollhom id-dritt li jitolbu arranġamenti ta' xogħol flessibbli għal żmien qasir. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw it-tul ta' żmien u r-regoli dettaljati għal tali arranġamenti ta' xogħol.*** |

**Emenda 228**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 5 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sħab soċjali jkunu jistgħu jinnegozjaw kollettivament dwar miżuri fuq il-post tax-xogħol biex jipprevjenu u jindirizzaw il-forom kollha ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru fuq ix-xogħol u jgħinu fl-identifikazzjoni u l-appoġġ lill-vittmi ta' tali vjolenza, b'mod partikolari dwar il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***miżuri preventivi msemmija fl-Artikoli 36(8) u t-taħriġ u l-informazzjoni għall-professjonisti msemmija fl-Artikolu 37. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippromwovu tali negozjar kollettiv inkluż permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ tas-sħab soċjali u tar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.*** |

**Emenda 229**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***linji*** telefoniċi ***għall-għajnuna*** disponibbli mal-pajjiż kollu f'kull ħin (24/7), mingħajr ħlas, sabiex jiġu pprovduti pariri lill-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. ***Il-parir għandu jingħata*** b'mod kunfidenzjali jew b'kunsiderazzjoni xierqa għall-anonimità ***tagħhom***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' tali servizz ukoll permezz ta' teknoloġiji oħra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inklużi applikazzjonijiet online. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***helplines*** telefoniċi disponibbli mal-pajjiż kollu f'kull ħin (24/7), ***bl-appoġġ tas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa,*** mingħajr ħlas, sabiex jiġu pprovduti ***informazzjoni u*** pariri lill-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. ***Is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati, inklużi s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa, għandhom jipprovdu dak il-parir*** b'mod kunfidenzjali jew b'kunsiderazzjoni xierqa għall-anonimità ***tal-vittmi***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' tali servizz ukoll permezz ta' teknoloġiji oħra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ***sikuri u aċċessibbli***, inklużi applikazzjonijiet online. |

**Emenda 230**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-helplines telefoniċi kif imsemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jissostitwixxu helplines eżistenti oħra*** |

***speċjalizzati fil-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika fl-Istati Membri, inklużi dawk immexxija minn organizzazzjonijiet mhux governattivi;***

**Emenda 231**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw l-aċċessibbiltà tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għall-utenti finali b'diżabilità, inkluż l-għoti ta' appoġġ b'lingwaġġ faċli sabiex jinftiehem. Dawk is-servizzi għandhom ikunu aċċessibbli f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2019/882/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. | 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw l-aċċessibbiltà tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għall-utenti finali b'diżabilità, inkluż l-għoti ta' appoġġ b'lingwaġġ faċli sabiex jinftiehem. Dawk is-servizzi għandhom ikunu aċċessibbli f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2019/882/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll l-għoti ta' dawk is-servizzi f'lingwa li l-vittmi jistgħu jifhmu, inkluż permezz tal-interpretazzjoni telefonika.*** |
| [18] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70*–**115***. | [18] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ***(***ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70***)***. |

**Emenda 232**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Artikolu **27*(3) u (*6)** għandu japplika għall-forniment ta' ***linji telefoniċi għall-għajnuna*** u appoġġ permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni skont dan l-Artikolu. | 3. L-Artikolu ***27(6)*** għandu japplika għall-forniment ta' ***helplines*** u appoġġ permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni skont dan l-Artikolu. |

**Emenda 233**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***[***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizz ***skont il-paragrafu*** 1 għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa jiġi operat taħt in-numru armonizzat fil-livell tal-UE "116 016" ***u li l-utenti finali jkunu informati b'mod adegwat dwar l-eżistenza u l-użu ta' tali numru.]*** | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizz ***imsemmi fil-paragrafu*** 1 għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa ***u l-vjolenza domestika*** jiġi operat taħt in-numru armonizzat fil-livell tal-UE "116 016". |

**Emenda 234**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti finali jkunu infurmati b'mod adegwat dwar l-eżistenza u n-numru ta' tali helplines, inkluż permezz ta' kampanji regolari ta' sensibilizzazzjoni.*** |

**Emenda 235**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Appoġġ fuq ix-xogħol għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-impjegaturi ma jitħallewx jiddiskriminaw jew b'xi mod jiżvantaġġaw lill-ħaddiema li huma vittmi*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' vjolenza domestika jew vjolenza ssesswali, abbażi ta' tali vjolenza.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, jiżguraw li l-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jkollhom id-dritt għal liv imħallas ta' tul ta' żmien xieraq sabiex jaċċessaw is-servizzi ta' appoġġ u jattendu proċedimenti legali u ġudizzjarji. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw l-ambitu, it-tul u l-kundizzjonijiet ta' tali liv f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.*** |

**Emenda 236**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet interim xierqa oħra kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/29/UE għandhom ***jindirizzaw il-ħtiġijiet*** speċifiċi tan-nisa vittmi ta' vjolenza domestika ***u vjolenza*** sesswali. Huma għandhom ***jgħinuhom*** fl-irkupru tagħhom***,*** billi jipprovdu kundizzjonijiet ta' għajxien adegwati u xierqa bil-ħsieb li jirritornaw għal għajxien indipendenti. | 1. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet interim xierqa oħra kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/29/UE għandhom ***jiġu provduti għall-iskop uniku li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet*** speċifiċi tan-nisa ***li jkunu*** vittmi ta' vjolenza domestika***, vjolenza sesswali jew sfruttament*** sesswali***, inkluzi billi jiġu povduti postijiet ta' kenn għan-nisa biss***. Huma għandhom ***jgħinu lill-vittmi*** fl-irkupru tagħhom billi jipprovdu kundizzjonijiet ta' għajxien ***sikuri, aċċessibbli,*** adegwati u xierqa bil-ħsieb li jirritornaw għal għajxien indipendenti ***u billi jiġu pprovduti s-servizzi ta' appoġġ meħtieġa bħar-riferiment għal aktar kura medika***. |

**Emenda 237**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 32 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet interim xierqa oħra għandhom ikunu mgħammra sabiex jakkomodaw ***il-ħtiġijiet*** speċifiċi tat-tfal, inklużi l-vittmi minuri**.** | 2. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet interim xierqa oħra għandhom ikunu mgħammra sabiex jakkomodaw ***id-drittijiet u l-ħtiġijiet*** speċifiċi tat-tfal, inklużi l-vittmi minuri***;*** |

**Emenda 238**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 32 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjoni interim xierqa oħra għandhom ikunu disponibbli għall-vittmi irrispettivament min-nazzjonalità, iċ-ċittadinanza, il-post ta' residenza jew l-istatus ta' residenza tagħhom. | 3. Il-postijiet ta' kenn u akkomodazzjoni interim xierqa oħra għandhom ikunu disponibbli għall-vittmi***, u d-dipendenti tagħhom,*** irrispettivament min-nazzjonalità, iċ-ċittadinanza, il-post ta' residenza jew l-istatus ta' residenza tagħhom. ***Postijiet ta' kenn speċjalizzati għan-nisa għandhom ikunu disponibbli f'kull reġjun, b'post wieħed tal-familja għal kull 10 000 abitant.*** |

**Emenda 239**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 32 − paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. L-Artikolu ***27(3***) u (***6***) ***għandu japplika*** għal postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet interim xierqa oħra**.** | 4. L-Artikolu ***27***(***6) u l-Artikolu 28(2***) u (***3***) ***għandhom japplikaw*** għal postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet interim xierqa oħra***;*** |

**Emenda 240**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 33 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal jingħataw appoġġ adegwat speċifiku hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li t-tfal setgħu kienu soġġetti għal, inkluż li jkunu xhieda ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. L-appoġġ għat-tfal għandu jkun speċjalizzat u adattat għall-età, filwaqt li jirrispetta l-aħjar interessi tal-minuri**.** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal jingħataw appoġġ adegwat speċifiku hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jkollhom motivi raġonevoli sabiex jemmnu li t-tfal setgħu kienu soġġetti għal, inkluż li jkunu xhieda ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika***, u għal kemm ikun neċessarju wara dan***. L-appoġġ għat-tfal għandu jkun speċjalizzat u adattat għall-età, filwaqt li jirrispetta l-aħjar interessi tal-minuri***;*** |

**Emenda 241**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal tal-vittmi li jkunu nqatlu minħabba vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika u l-qraba tagħhom jingħataw appoġġ adegwat speċifiku matul il-proċedimenti ġudizzjarji rilevanti;*** |

**Emenda 242**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 33 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal għandhom bħala prijorità jitqiegħdu flimkien ma' membri oħra tal-familja, b'mod partikolari ma' ġenitur mhux vjolenti f'akkomodazzjoni permanenti jew temporanja, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ. Il-kollokament f'postijiet ta' kenn għandu jkun l-aħħar għażla**.** | 3. Jekk ikun meħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni interim, it-tfal***, wara li jinstemgħu*** għandhom bħala prijorità jitqiegħdu flimkien ma' membri oħra tal-familja, b'mod partikolari ma' ġenitur mhux vjolenti***, u ma jiġux separati minn ħuthom,*** f'akkomodazzjoni permanenti jew temporanja, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ ***u adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi minuri***. Il-kollokament f'postijiet |

| | |
|---|---|
| | ta' kenn għandu jkun l-aħħar għażla*;* |

**Emenda 243**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Artikolu 27(6), u l-Artikolu 28(2) u (3) għandhom japplikaw għall-appoġġ lill-vittmi minuri;*** |

**Emenda 244**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 34 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inċidenti ta' vjolenza jitqiesu fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-minuri u li l-aħjar interessi tal-minuri jkunu dejjem il-kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal u jieħdu preċedenza fuq id-drittijiet tal-ġenituri ta' awtur jew suspettat ta' reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fehmiet tal-minuri jitqiesu skont l-età u l-maturità tiegħu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sikurezza tad-detenturi mhux abbużivi tar-responsabbiltà tal-ġenituri matul il-proċedimenti.*** |

**Emenda 245**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 34 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu postijiet sikuri li jippermettu | ***Sa fejn awtur jew suspettat ta' reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza*** |

| | |
|---|---|
| kuntatt sikur bejn il-minuri u detentur ***ta' responsabbiltajiet*** tal-ġenituri li jkun awtur ***ta' reat jew suspettat ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, sa fejn dan tal-aħħar ikollu drittijiet ta' aċċess***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-superviżjoni minn professjonisti mħarrġa, kif xieraq, u fl-aħjar interessi tal-minuri. | ***domestika jkollu drittijiet ta' aċċess,*** l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu postijiet sikuri li jippermettu kuntatt sikur bejn il-minuri u d-detentur ***tar-responsabbiltà*** tal-ġenituri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-superviżjoni minn professjonisti mħarrġa, kif xieraq, u fl-aħjar interessi tal-minuri. |

**Emenda 246**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 35 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 35 Appoġġ immirat għall-vittmi bi ħtiġijiet ***speċifiċi*** u gruppi li jinsabu f'riskju | Artikolu 35 Appoġġ immirat għall-vittmi bi ħtiġijiet ***intersezzjonali*** u gruppi li jinsabu f'riskju***;*** |

**Emenda 247**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 35 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-għoti ta' appoġġ speċifiku lill-vittmi f'riskju akbar ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, bħan-nisa b'diżabilità, in-nisa li jgħixu f'żoni rurali, in-nisa bi status jew permess ta' residenza dipendenti, in-nisa migranti mingħajr dokumenti, in-nisa li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, in-nisa mingħajr dar, in-nisa bi sfond razzjali jew etniku ta' minoranza, in-nisa ***li jaħdmu fl-industrija tas-sess***, in-nisa detenuti, jew nisa akbar fl-età**.** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-għoti ta' appoġġ speċifiku lill-vittmi f'riskju akbar ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika ***minħabba diskriminazzjoni intersezzjonali***, bħan-nisa b'diżabilità, in-nisa li jgħixu f'żoni rurali, in-nisa bi status jew permess ta' residenza dipendenti ***fuq oħrajn***, in-nisa migranti mingħajr dokumenti, in-nisa li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, in-nisa ***li jaħarbu minn kunflitt armat, in-nisa*** mingħajr dar, in-nisa bi sfond razzjali jew etniku ta' minoranza, in-nisa ***LBTIQ+, in-nisa fil-prostituzzjoni, il-vittmi tal-hekk imsejħa "reati tal-unur"***, in-nisa detenuti, ***in-nisa li jbatu minn vizzju, in-nisa li huma tqal*** jew nisa akbar fl-età***;*** |

**Emenda 248**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 35 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-servizzi ta' appoġġ għandhom ikunu disponibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, inkluż għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, għal persuni mingħajr dokumenti u għal persuni ***soġġetti għal*** proċeduri ta' ritorn f'detenzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi li jitolbu dan jistgħu jinżammu ***separatament minn persuni tas-sess l-ieħor*** f'faċilitajiet ta' detenzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal proċeduri ta' ritorn, jew jiġu akkomodati separatament f'ċentri ta' akkoljenza għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali. | 3. Is-servizzi ta' appoġġ għandhom ikunu disponibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika, inkluż għal applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, għal persuni mingħajr dokumenti u għal persuni ***li huma s-suġġett ta'*** proċeduri ta' ritorn f'detenzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi li jitolbu dan jistgħu jinżammu ***f'portijiet riservati għan-nisa u t-tfal biss*** f'faċilitajiet ta' detenzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal proċeduri ta' ritorn, jew jiġu akkomodati separatament f'ċentri ta' akkoljenza għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali. |

**Emenda 249**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 35 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni jkunu jistgħu jirrapportaw okkorrenzi ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika fiċ-ċentri ta' akkoljenza u detenzjoni lill-persunal rilevanti u li jkun hemm fis-seħħ protokolli sabiex dawn ir-rapporti jiġu indirizzati b'mod adegwat u rapidu f'konformità mar-rekwiżiti fl-Artikoli 18, 19 u 20. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni jkunu jistgħu jirrapportaw okkorrenzi ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika ***fl-istituzzjonijiet u*** fiċ-ċentri ta' akkoljenza u detenzjoni lill-persunal rilevanti**,** u li jkun hemm fis-seħħ protokolli sabiex dawn ir-rapporti jiġu indirizzati b'mod adegwat u rapidu f'konformità mar-rekwiżiti fl-Artikoli 18, 19 u 20. |

**Emenda 250**

**Proposta għal direttiva**
**Kapitolu 5 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| PREVENZJONI | PREVENZJONI ***U INTERVENT BIKRI*** |

**Emenda 251**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa sabiex jipprevjenu l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika**.** | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa sabiex jipprevjenu l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ***billi jadottaw approċċ komprensiv b'diversi livelli;*** |

**Emenda 252**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-miżuri preventivi għandhom jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn xieraq żviluppati f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, il-komunitajiet milquta u partijiet ikkonċernati oħra**.** | 2. Il-miżuri preventivi għandhom jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni ***bil-ħsieb li jiżdied il-fehim fost il-pubbliku ġenerali tat-tipi differenti ta' vjolenza***, ***permezz ta'*** programmi ta' riċerka u edukazzjoni, ***inklużi programmi adatti għall-età u komprensivi ta' edukazzjoni dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet u ta' intervent bikri,*** fejn xieraq żviluppati f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, ***is-servizzi speċjalizzati,*** is-sħab soċjali, il-komunitajiet milquta***, il-gverijiet jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali*** u partijiet ikkonċernati oħra***;*** |

**Emenda 253**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-miżuri preventivi, id-drittijiet tal-vittmi, l-aċċess għall-ġustizzja u għal avukat, u l-miżuri ta' protezzjoni u ta' appoġġ disponibbli għall-pubbliku ġenerali. | 3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-miżuri preventivi, id-drittijiet tal-vittmi, l-aċċess għall-ġustizzja u għal avukat, u l-miżuri ta' protezzjoni u ta' appoġġ disponibbli***, inkluż it-trattament mediku disponibbli u faċilment aċċessibbli*** għall-pubbliku ġenerali ***permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, b'lingwi rilevanti u f'formati differenti, inkluż f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità***. |

**Emenda 254**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Azzjoni mmirata għandha tiġi indirizzata lil gruppi f'riskju, inklużi t-tfal, skont l-età u l-maturità tagħhom, u l-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-ostakli lingwistiċi u l-livelli differenti ta' litteriżmu u ħiliet. L-informazzjoni għat-tfal għandha tiġi fformulata b'mod li jaġevola lill-minuri**.** | 4. Azzjoni mmirata għandha tiġi indirizzata lil gruppi f'riskju ***akbar ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika minħabba d-diskriminazzjoni intersezzjonali bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 35(1)***, inklużi t-tfal, skont l-età u l-maturità tagħhom, u l-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-ostakli lingwistiċi u l-livelli differenti ta' litteriżmu u ħiliet. L-informazzjoni għat-tfal għandha tiġi fformulata b'mod li jaġevola lill-minuri***;*** |

**Emenda 255**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-miżuri preventivi għandhom b'mod partikolari jimmiraw li jisfidaw l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru, jippromwovu l-ugwaljanza bejn ***in-nisa u*** | 5. Il-miżuri preventivi għandhom b'mod partikolari jimmiraw li ***jagħtu s-setgħa lin-nisa u lill-bniet billi jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-kunċett ta'*** |

| | |
|---|---|
| ***l-irġiel***, jinkoraġġixxu lil kulħadd, inklużi l-irġiel u s-subien, ***biex*** jaġixxu bħala mudelli pożittivi biex jappoġġaw tibdil korrispondenti fl-imġiba korrispondenti fis-soċjetà kollha kemm hi f'konformità mal-objettivi ta' din id-direttiva. | ***kunsens,*** jisfidaw l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru, ***b'mod partikolari għall-irġiel u s-subien,*** jippromwovu l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri, jippromwovu r-rispett reċiproku, jippromwovu d-dritt għall-integrità personali***, jinkoraġġixxu lil kulħadd, inklużi l-irġiel u s-subien, jaġixxu bħala mudelli pożittivi biex jappoġġaw tibdil korrispondenti fl-imġiba korrispondenti fis-soċjetà kollha kemm hi f'konformità mal-objettivi ta' din id-direttiva***, u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar ix-xejra speċifika ta' eskalazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika***. |

**Emenda 256**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-miżuri preventivi għandhom jindirizzaw u jnaqqsu d-domanda għall-vittmi tal-isfruttament sesswali.*** |

**Emenda 257**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-miżuri preventivi għandhom jiżviluppaw ***u/***jew iżidu s-sensittività dwar il-prattika ta' ħsara tal-mutilazzjoni ġenitali femminili**.** | 6. Il-miżuri preventivi għandhom jiżviluppaw jew iżidu s-sensittività dwar il-prattika ta' ħsara tal-mutilazzjoni ġenitali femminili***, iż-żwieġ furżat u l-isterilizzazzjoni furzata;*** |

**Emenda 258**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-miżuri preventivi għandhom jindirizzaw ukoll speċifikament il-vjolenza ċibernetika. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri edukattivi jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet fil-litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali**,** sabiex l-utenti jkunu jistgħu jidentifikaw u jindirizzaw każijiet ta' vjolenza ċibernetika, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tagħha. L-Istati Membri għandhom irawmu l-kooperazzjoni multidixxiplinari u ***tal-partijiet*** ikkonċernati, inklużi s-servizzi intermedjarji u l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza ċibernetika**.** | 7. Il-miżuri preventivi għandhom jindirizzaw ukoll speċifikament il-vjolenza ċibernetika. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri edukattivi jinkludu l-iżvilupp ta' ħiliet fil-litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali ***u l-ħsieb kritiku*** sabiex l-utenti jkunu jistgħu jidentifikaw u jindirizzaw każijiet ta' vjolenza ċibernetika, ***jirrikonoxxu l-forom differenti tagħha,*** ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tagħha. L-Istati Membri għandhom irawmu l-kooperazzjoni multidixxiplinari u ***fost il-partijiet*** ikkonċernati, inklużi s-servizzi intermedjarji u l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza ċibernetika***;*** |

**Emenda 259**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 36 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fastidju sesswali ***fuq ix-xogħol*** jiġi indirizzat fil-politiki nazzjonali rilevanti. Dawk il-politiki nazzjonali għandhom jidentifikaw u jistabbilixxu l-azzjonijiet immirati msemmija fil-paragrafu 2 għal setturi fejn il-ħaddiema huma l-aktar esposti. | 8. L-Istati Membri***, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali,*** għandhom jiżguraw li l-fastidju sesswali ***fid-dinja tax-xogħol*** jiġi indirizzat fil-politiki nazzjonali rilevanti. Dawk il-politiki nazzjonali għandhom jidentifikaw u jistabbilixxu l-azzjonijiet immirati msemmija fil-paragrafu 2 għal setturi fejn il-ħaddiema huma l-aktar esposti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi jqisu l-potenzjal għall-vjolenza fuq il-post ix-xogħol u l-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol fil-politiki tagħhom dwar is-saħħa u s-sigurtà, adottati skont id-Direttiva 89/391/KEE. Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jirċievu appoġġ minn trade union u mir-rappreżentant tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-*** |

***xogħol.***

**Emenda 260**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-persunal tal-qorti, l-imħallfin u l-prosekuturi, l-avukati, il-fornituri ta' appoġġ għall-vittmi ***u*** servizzi ta' ġustizzja restorattiva, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, persunal tal-edukazzjoni u persunal rilevanti ieħor, jirċievu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat u informazzjoni mmirata sa livell xieraq għall-kuntatti tagħhom mal-vittmi, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw, jipprevjenu u jindirizzaw każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika u jittrattaw lill-vittmi b'mod sensittiv għat-trawma, għall-ġeneru u għall-minuri. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi ***u mal-awturi ta' reati***, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, ***il-persunal mediku forensiku*** il-persunal tal-qorti, l-imħallfin u l-prosekuturi, l-avukati, il-fornituri ta' ***servizzi ta'*** appoġġ għall-vittmi***, inklużi s-servizzi speċjalizzati, il-professjonisti li jaħdmu fi programmi għall-awturi tar-reati, il-fornituri ta'*** servizzi ta' ġustizzja restorattiva, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, persunal tal-edukazzjoni u persunal rilevanti ieħor, jirċievu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat u informazzjoni mmirata sa livell xieraq għall-kuntatti tagħhom mal-vittmi ***u mal-awturi tar-reati***, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw, jipprevjenu u jindirizzaw każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika***, jevitaw ir-rivittimizzazzjoni*** u jittrattaw lill-vittmi b'mod sensittiv għat-trawma, għall-ġeneru***, għad-diżabilità, għal-lingwa*** u għall-minuri. |

**Emenda 261**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-professjonisti rilevanti tas-saħħa, inklużi ***l-pedjatriċi*** u ***l-qbiela***, għandhom jirċievu taħriġ immirat sabiex jidentifikaw u jindirizzaw, b'mod kulturalment sensittiv, il-konsegwenzi fiżiċi, psikoloġiċi | 2. Il-professjonisti rilevanti tas-saħħa, inklużi ***l-pedjatri, il-ġinekoloġi, l-ostetriċi, il-qbiela*** u ***l-persunal responsabbli mill-appoġġ psikoloġiku***, għandhom jirċievu taħriġ immirat sabiex jidentifikaw u |

| | |
|---|---|
| u sesswali tal-mutilazzjoni ġenitali femminili. | jindirizzaw, b'mod kulturalment sensittiv, il-konsegwenzi fiżiċi, psikoloġiċi u sesswali tal-mutilazzjoni ġenitali femminili ***u intersesswali, l-isterilizzazzjoni furzata, l-hekk imsejħa "reati tal-unur" u prattiki oħra ta' ħsara***. |

**Emenda 262**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-persuni b'funzjonijiet superviżorji fuq il-post tax-xogħol, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, għandhom jirċievu taħriġ dwar kif jirrikonoxxu, jipprevjenu u jindirizzaw il-fastidju sesswali ***fuq ix-xogħol***, inkluż dwar valutazzjonijiet tar-riskju li jikkonċernaw ir-riskji għas-sikurezza u għas-saħħa okkupazzjonali, sabiex jipprovdu appoġġ lill-vittmi affettwati minn dan u jwieġbu b'mod adegwat. Dawk il-persuni u l-impjegaturi għandhom jirċievu informazzjoni dwar l-effetti tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fuq ix-xogħol u r-riskju ta' vjolenza minn terzi. | 3. Il-persuni b'funzjonijiet superviżorji fuq il-post tax-xogħol, ***inklużi rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza u ispetturi tax-xogħol,*** kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, għandhom jirċievu taħriġ dwar kif jirrikonoxxu, jipprevjenu u jindirizzaw il-fastidju sesswali ***fid-dinja tax-xogħol***, inkluż dwar valutazzjonijiet tar-riskju li jikkonċernaw ir-riskji għas-sikurezza u għas-saħħa okkupazzjonali, sabiex jipprovdu appoġġ lill-vittmi affettwati minn dan u jwieġbu b'mod adegwat***, bi qbil mat-taħriġ provdut fis-sens tad-Direttiva 89/391/KEE***. Dawk il-persuni u l-impjegaturi għandhom jirċievu informazzjoni dwar l-effetti tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fuq ix-xogħol u r-riskju ta' vjolenza minn terzi ***u dwar kif jistgħu jappoġġjaw fuq ix-xogħol lill-vittmi ta' vjolenza domestika*** . |

**Emenda 263**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu taħriġ dwar il-kooperazzjoni kkoordinata bejn diversi aġenziji sabiex ikun jista' jsir | 4. L-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu taħriġ dwar il-kooperazzjoni kkoordinata bejn diversi aġenziji ***u multidixxiplinari*** sabiex |

| | |
|---|---|
| trattament komprensiv u xieraq tar-referenzi f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. | ikun jista' jsir trattament komprensiv u xieraq tar-referenzi f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika. |

**Emenda 264**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti sabiex jirċievu rapporti ta' reati mill-vittmi jkunu mħarrġa kif xieraq sabiex jiffaċilitaw u jassistu fir-rapportar ta' tali reati**.** | 6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti sabiex jirċievu rapporti ta' reati mill-vittmi jkunu mħarrġa kif xieraq sabiex jiffaċilitaw u jassistu fir-rapportar ta' tali reati ***u jqisu l-ħtiġijiet speċjalizzati tal-vittmi;*** |

**Emenda 265**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafi 1 u ***2*** għandhom ikunu regolari u obbligatorji, inkluż dwar il-vjolenza ċibernetika, u mibnija fuq l-ispeċifiċitajiet tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Tali attivitajiet ta' taħriġ għandhom jinkludu taħriġ dwar kif għandhom jiġu identifikati u indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni u appoġġ tal-vittmi li jiffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza minħabba li jkunu esperjenzaw diskriminazzjoni abbażi ta' kombinament ta' sess u raġunijiet oħra**.** | 7. L-attivitajiet ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafi 1***, 2*** u ***3*** għandhom ikunu regolari u obbligatorji, inkluż dwar il-vjolenza ċibernetika, u mibnija fuq l-ispeċifiċitajiet tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Tali attivitajiet ta' taħriġ għandhom jinkludu taħriġ dwar kif għandhom jiġu identifikati u indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni u appoġġ tal-vittmi li jiffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza minħabba li jkunu esperjenzaw diskriminazzjoni abbażi ta' kombinament ta' ***ġeneru u*** sess u raġunijiet oħra ***msemmija fl-Artikolu 35(1);*** |

**Emenda 266**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 37 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw li l-eżitu u l-applikazzjoni prattika tat-taħriġ previst f'dan l-Artikolu jiġu mmonitorjati u evalwati perjodikament u indipendentement.*** |

**Emenda 267**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 38 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu stabbiliti programmi ta' intervent immirati u effettivi sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw ir-riskju li jitwettqu reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, jew ripetizzjoni ta' dawn ir-reati. | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu stabbiliti programmi ta' intervent immirati u effettivi ***f'koordinazzjoni mas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati*** sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw ir-riskju li jitwettqu reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, jew ripetizzjoni ta' dawn ir-reati. |

**Emenda 268**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 39 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Dan il-korp għandu jikkoordina l-ġbir tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 44, janalizzaha u jiddisemina r-riżultati tagħha. | 3. Dan il-korp għandu jikkoordina l-ġbir tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 44, janalizzaha u jiddisemina r-riżultati tagħha ***u jagħmel rakkomandazzjonijiet u proposti biex itejjeb l-indikaturi u s-sistemi ta' ġbir ta' informazzjoni u ta' data***. |

**Emenda 269**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 39a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 39a*** |
| | ***Pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*** |
| | ***1. Sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, f'konsultazzjoni ma' u bil-parteċipazzjoni ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u l-koordinatur tal-Unjoni, għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru (il-"pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali").*** |
| | ***2. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jistabbilixxu dan li ġej:*** |
| | ***(a) prijoritajiet u azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika;*** |
| | ***(b) il-miri u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ għall-prijoritajiet u l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a);*** |
| | ***(c) ir-riżorsi meħtieġa biex jinkisbu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a) u kif għandhom jiġu allokati.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jiġu rieżaminati u aġġornati kull ħames snin.*** |

**Emenda 270**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 40 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn diversi aġenziji | Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn diversi aġenziji ***u multidixxiplinari*** |

**Emenda 271**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 40 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa sabiex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi, fil-livell nazzjonali, ***tal-awtoritajiet***, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ kif ukoll l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-servizzi soċjali, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni u l-benesseri tal-minuri, il-fornituri tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, is-sħab soċjali, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, u organizzazzjonijiet u entitajiet rilevanti oħra. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa sabiex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi, ***strutturati u regolari,*** fil-livell nazzjonali, ***fost l-awtoritajiet***, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, ***l-ispettorati tax-xogħol,*** l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ kif ukoll l-organizzazzjonijiet mhux governattivi***, b'mod partikolari s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati***, is-servizzi soċjali, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni u l-benesseri tal-minuri, il-fornituri tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, is-sħab soċjali, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, u organizzazzjonijiet u entitajiet rilevanti oħra. |

**Emenda 272**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 40 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawn il-mekkaniżmi għandhom b'mod partikolari ***jappartjenu għall-valutazzjonijiet*** individwali skont l-Artikoli 18 u 19, u l-għoti ta' miżuri ta' protezzjoni u ta' appoġġ skont l-Artikolu 21 u l-Kapitolu 4, il-linji gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji skont l-Artikolu 23, u fit-taħriġ għall-professjonisti kif imsemmi fl-Artikolu 37. | 2. Dawn il-mekkaniżmi għandhom ***jirrigwardaw is-setturi kollha stabbiliti f'din id-Direttiva,*** b'mod partikolari ***l-valutazzjonijiet*** individwali skont l-Artikoli 18 u 19, u l-għoti ta' miżuri ta' protezzjoni u ta' appoġġ skont l-Artikolu 21 u l-Kapitolu 4, il-linji gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji skont l-Artikolu 23, u fit-taħriġ għall-professjonisti kif imsemmi fl-Artikolu 37. |

**Emenda 273**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 41 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jikkooperaw ma'*** u ***jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu mal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika, b'mod partikolari ***fl-għoti ta'*** appoġġ lill-vittmi, ***dwar*** inizjattivi ta' tfassil tal-politika, kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni ***u*** taħriġ, ***kif ukoll fil-monitoraġġ*** u ***fl-evalwazzjoni tal-impatt*** ta' miżuri li jappoġġaw u jipproteġu lill-vittmi. | L-Istati Membri għandhom ***joħolqu strutturi sostenibbli għall-konsultazzjoni*** u ***s-sħubija mal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***rilevanti***, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu mal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika ***u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiddefendu n-nisa***, b'mod partikolari ***bl-għan li jipprovdu*** appoġġ ***adegwat*** lill-vittmi ***u lil dawk li jaħdmu biex jirriabilitaw lill-awturi tar-reati***, ***bl-għan li jitfasslu u jiġu implimentati*** inizjattivi ta' tfassil tal-politika, kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni***, bl-għan li jiġi provdut*** taħriġ, ***u bl-għan li jiġi monitorjat*** u ***evalwat l-impatt*** ta' miżuri li jappoġġaw u jipproteġu lill-vittmi***, inkluż il-ġbir ta' data***. |

**Emenda 274**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 42 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-teħid ta' miżuri awtoregolatorji mill-fornituri ta' servizzi intermedjarji b'rabta ma' din id-Direttiva, b'mod partikolari sabiex jissaħħu l-mekkaniżmi interni biex jiġi indirizzat il-materjal online msemmi fl-Artikolu 25(1) u sabiex ***jittejjeb it-taħriġ*** tal-impjegati kkonċernati tagħhom dwar il-prevenzjoni, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi tar-reati msemmija fih. | L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-teħid ta' miżuri awtoregolatorji mill-fornituri ta' servizzi intermedjarji b'rabta ma' din id-Direttiva, b'mod partikolari sabiex jissaħħu l-mekkaniżmi interni biex jiġi indirizzat il-materjal online msemmi fl-Artikolu 25(1)***. L-Istati Membri għandhom soluzzjonijiet teknoloġiċi sabiex jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-materjal imsemmi fl-Artikolu 25*** u sabiex ***itejbu t-taħriġ*** tal-impjegati kkonċernati tagħhom dwar il-prevenzjoni, l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi tar-reati msemmija fih. |

**Emenda 275**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 43 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni | Kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni ***u l-koordinatur tal-Unjoni*** |

**Emenda 276**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn xulxin sabiex itejbu l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Kooperazzjoni bħal din għandha mill-inqas tkun immirata lejn: | ***1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn xulxin ***kif ukoll mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni*** sabiex itejbu l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Kooperazzjoni bħal din għandha mill-inqas tkun immirata lejn: |

**Emenda 277**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iskambju tal-aħjar prattiki u konsultazzjoni bejniethom f'każijiet individwali, inkluż permezz tal-Eurojust u n-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali; | (a) l-iskambju tal-aħjar prattiki ***b'mod regolari u strutturat*** u konsultazzjoni bejniethom f'każijiet individwali, inkluż permezz tal-Eurojust u n-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali; |

**Emenda 278**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-iskambju ta' informazzjoni u tal- | (b) l-iskambju ta' informazzjoni u tal- |

| | |
|---|---|
| aħjar prattiki ***ma' aġenziji*** rilevanti tal-Unjoni; | aħjar prattiki ***mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji*** rilevanti tal-Unjoni***, bħall-koordinatur tal-Unjoni u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u l-kooperazzjoni magħhom dwar l-istabbiliment ta' standards u linji gwida komuni***; |

**Emenda 279**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-għoti ta' assistenza lin-networks tal-Unjoni li jaħdmu fuq kwistjonijiet direttament rilevanti għall-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. | (c) l-għoti ta' assistenza lin-networks***, organizzazzjonijiet umbrella u organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell*** tal-Unjoni li jaħdmu fuq kwistjonijiet direttament rilevanti għall-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. |

**Emenda 280**

**Proposta għal direttiva**
Artikolu 43 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-kompiti stabbiliti f'din id-Direttiva u għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kompiti ta' koordinatur tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru (il-"koordinatur tal-Unjoni"). Il-koordinatur tal-Unjoni għandu jkun responsabbli għat-titjib tal-koordinazzjoni fost l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri u l-atturi internazzjonali, u l-koerenza tal-azzjonijiet meħuda minn dawn stess, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u biex jiġu żviluppati u monitorjati l-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***politiki tal-Unjoni ħalli tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-koordinatur tal-Unjoni l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 39a(2) u d-data prevista fl-Artikolu 44. Abbażi ta' dik l-informazzjoni u d-data, il-koordinatur tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi kull sentejn għar-rappurtar imwettaq mill-Kummissjoni skont din id-Direttiva dwar il-progress li jkun sar fil-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa.*** |

**Emenda 281**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 - paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandu jkollhom sistema fis-seħħ għall-ġbir, l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika dwar il-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika, inklużi l-forom ta' vjolenza msemmija fl-Artikoli 5 sa 10. | 1. L-Istati Membri għandu jkollhom sistema fis-seħħ għall-ġbir, l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ***regolari*** ta' statistika dwar il-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika, inklużi l-forom ta' vjolenza msemmija fl-Artikoli 5 sa 10***, permezz ta' data kwalitattiva u kwantitattiva***. |

**Emenda 282**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istatistika għandha tinkludi d-data li ġejja diżaggregata skont is-sess, l-età tal-vittma u tal-awtur tar-reat, ir-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat u t-tip ta' reat: | 2. L-istatistika għandha tinkludi d-data ***komparabbli*** li ġejja diżaggregata skont is-sess ***jew il-ġeneru***, l-età tal-vittma u tal-awtur tar-reat, ir-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat u t-tip ta' reat***, jekk il-vittma kellux diżabbiltà, u l-kuntest li fih ikun seħħ ir-reat***: |

**Emenda 283**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-għadd annwali ta' tali vittmi, ta' reati rrapportati, ta' persuni suġġetti għal prosekuzzjoni ***għal*** u misjuba ħatja għal tali forom ta' vjolenza, miksuba minn sorsi amministrattivi nazzjonali**.** | (b) l-għadd annwali ta' tali vittmi, ta' reati rrapportati ***lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi***, ta' persuni suġġetti għal prosekuzzjoni u misjuba ħatja għal tali forom ta' vjolenza, ***ta' sentenzi maħruġa skont it-tip ta' reat, ta' ilmenti miċħuda jew irtirati u r-raġuni għall-għeluq tal-investigazzjoni,*** miksuba minn sorsi amministrattivi nazzjonali***;*** |

**Emenda 284**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) ir-raġunijiet, il-forom u l-impatt tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika;*** |

**Emenda 285**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-għadd ta' vittmi li nqatlu minħabba vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, u jekk kinux ressqu lment qabel;*** |

**Emenda 286**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt bc (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(bc) l-għadd ta' postijiet ta' kenn u ta' familja għal kull Stat Membru;*** |

**Emenda 287**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt bd (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(bd) id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u l-għadd ta' vittmi li jaċċessaw is-servizzi ta' appoġġ jew li qed jistennew tali servizzi;*** |

**Emenda 288**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt be (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(be) l-għadd ta' telefonati lil-helplines nazzjonali.*** |

**Emenda 289**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data amministrattiva madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru ***data*** amministrattiva abbażi ta' diżaggregazzjonijiet komuni ***żviluppat*** f'kooperazzjoni ***ma' u*** skont il-metodoloġija ***żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'konformità mal-paragrafu 5***. Huma għandhom jittrażmettu din id-data lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is- | 4. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data amministrattiva ***u l-istandarizzazzjoni*** madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru ***d-data*** amministrattiva ***msemmija fil-paragrafu 2*** abbażi ta' diżaggregazzjonijiet komuni ***żviluppati*** f'kooperazzjoni ***mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi*** skont il-metodoloġija ***minn dan tal-aħħar,f'konformità mal-paragrafu 5, u għandhom jiżguraw li tali data tkun*** |

| | |
|---|---|
| Sessi fuq bażi annwali. Id-data trażmessa ma għandux ikun fiha data personali. | ***disponibbli f'format li jinqara mill-magni***. Huma għandhom jittrażmettu din id-data lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fuq bażi annwali***. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għandu jippubblika regolarment rapport ibbażat fuq id-data statistika trażmessa mill-Istati Membri***. Id-data trażmessa ma għandux ikun fiha data personali. |

**Emenda 290**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku. L-istatistika ma għandux ikun fiha data personali. | 6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku ***b'mod faċilment aċċessibbli***. L-istatistika ma għandux ikun fiha data personali. |

**Emenda 291**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ir-riċerka dwar il-kawżi fundamentali, l-effetti, l-inċidenzi u r-rati ta' sejbien ta' ħtija tal-forom ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva. | 7. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ir-riċerka dwar il-kawżi fundamentali, l-effetti, l-inċidenzi u r-rati ta' sejbien ta' ħtija***, inkluża d-diskriminazzjoni intersezzjonali,*** tal-forom ta' vjolenza koperti minn din id-Direttiva***, bl-użu tal-esperjenzi ta' kemm il-vittmi u l-awturi ta' reat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u s-servizz ta' appoġġ speċjalizzat. Tali riċerka għandha tippermetti l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fil-protezzjoni u sservi biex ittejjeb u tiżviluppa aktar il-miżuri preventivi.*** |

**Emenda 292**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data msemmija fil-paragrafu 2 tinġabar b'mod indipendenti minn obbligi oħra ta' ġbir ta' data previsti fil-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.*** |

**Emenda 293**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 44a*** |
| | ***Riżorsi*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jallokaw riżorsi suffiċjenti, prevedibbli u sostenibbli, inkluż il-finanzjament u r-riżorsi umani, għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-finanzjament għandu jkun disponibbli għall-korpi u l-aġenziji tal-Istat u għal atturi rilevanti oħra bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi servizzi ta' appoġġ speċjalizzati tan-nisa, li jwettqu azzjonijiet kif stabbilit f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 294**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 45**
Direttiva 2011/93/UE
Artikolu 3 – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Għall-fini tal-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li att mhux kunsenswali jinftiehem bħala att li | 9. Għall-fini tal-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li att mhux kunsenswali jinftiehem bħala att li |

| | |
|---|---|
| jitwettaq mingħajr il-kunsens tal-minuri mogħti volontarjament, jew jekk il-minuri ma jkunx jista' jifforma rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, inklużi l-kundizzjoni fiżika jew mentali tal-minuri, bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, irqad, mard jew korriment. | jitwettaq mingħajr il-kunsens tal-minuri mogħti volontarjament, jew jekk il-minuri ma jkunx jista' jifforma rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, inklużi l-kundizzjoni fiżika jew mentali tal-minuri, bħal stat ta' ***biża', intimidazzjoni,*** telf mis-sensi, intossikazzjoni, irqad, mard jew korriment***, diżabbiltà jew ikun jinsab f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli***. |
| Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument matul l-att. In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat ***esklussivament*** mis-skiet tal-minuri, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata. | Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument matul l-att. In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat mis-skiet tal-minuri, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata ***jew relazzjoni eżistenti jew passata mal-awtur tar-reat. Il-kunsens għandu jiġi vvalutat fil-kuntest taċ-ċirkostanzi relatati."*** |

**Emenda 295**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 47 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa mhux aktar tard minn ***[seba'*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. | 1. Sa mhux aktar tard minn ***[ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem***, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 296**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 47 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1, il- | 2. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1, il- |

Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li fih ***tirrevedi*** l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Kummissjoni għandha ***regolarment u f'konformità mal-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri previsti f'din id-Direttiva,*** tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li fih ***teżamina*** l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

**Emenda 297**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 49 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala li qed inaqqas, jillimita jew jidderoga minn kwalunkwe wieħed mid-drittijiet u mis-salvagwardji proċedurali li huma ggarantiti ***skont il-liġi*** ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni. L-Istati Membri ma għandhomx inaqqsu dak il-livell ogħla ta' protezzjoni garantit fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala li qed inaqqas, jillimita jew jidderoga minn kwalunkwe wieħed mid-drittijiet u mis-salvagwardji proċedurali li huma ggarantiti ***mill-istrumenti internazzjonali vinkolanti għall-Istat Membri u mil-liġi*** ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni. L-Istati Membri ma għandhomx inaqqsu dak il-livell ogħla ta' protezzjoni garantit fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |